

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

14 ta' Ottubru 2010*

Werrej

I — Il-fatti li wasslu għall-kawża	I - 9607
II — Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata.	I - 9615
III — It-talbiet tal-partijiet	I - 9618
IV — Fuq l-appell	I - 9620
A — Fuq l-ammissibbiltà	I - 9620
B — Fuq il-mertu	I - 9622
1. Osservazzjonijiet preliminari	I - 9624
2. Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi dwar it-trattament tar-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tal-appellanti mir-RegTP fil-kapaċitá tagħha bħala awtoritá regolatorja nazzjonali kompetenti	I - 9631
a) Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, fuq l-imputabbiltà tal-ksur.	I - 9631
i) Sentenza appellata	I - 9631
ii) L-argumenti tal-partijiet	I - 9635
iii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9639
b) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju, dwar il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi	I - 9645
i) Sentenza appellata	I - 9645

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

ii) L-argumenti tal-partijiet	I - 9646
iii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9647
c) Fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju, dwar in-natura intenzjonali jew negliġenti tal-ksur tal-Artikolu 82 KE	I - 9649
i) Sentenza appellata	I - 9649
ii) L-argumenti tal-partijiet	I - 9651
iii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9653
d) Konklużjoni fuq l-ewwel aggravju	I - 9658
3. Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE	I - 9658
a) Sentenza appellata	I - 9658
b) Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju, dwar ir-rilevanza tal-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet għall-konstatazzjoni ta' abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE	I - 9667
i) L-argumenti tal-partijiet	I - 9667
ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9669
c) Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju, dwar in-natura adegwata tal-metodu ta' kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet.	I - 9679
i) Fuq l-ilment ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja	I - 9679
— L-argumenti tal-partijiet	I - 9679
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9682
ii) Fuq l-ilment ibbażat fuq żball ta' liġi billi s-servizzi ta' komunikazzjoni u s-servizzi l-oħra ta' telekomunikazzjonijiet ma ttiħdux inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet	I - 9684
— L-argumenti tal-partijiet	I - 9684
— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9689

d)	Fuq it-tielet parti tat-tieni aggravju, dwar l-effetti tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet	I - 9697
	i) L-argumenti tal-partijiet	I - 9697
	ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9698
e)	Konklużjoni fuq it-tieni aggravju	I - 9702
4.	Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi fil-kalkolu tal-multi minħabba n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet	I - 9702
	a) Sentenza appellata	I - 9702
	b) L-argumenti tal-partijiet	I - 9705
	i) Fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju, dwar in-natura gravi tal-ksur	I - 9706
	— L-argumenti tal-partijiet	I - 9706
	— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9707
	ii) Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravju, dwar in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni xierqa tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet bħala ċirkustanza attenwanti	I - 9710
	— L-argumenti tal-partijiet	I - 9710
	— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9711
	iii) Fuq it-tielet parti tat-tielet aggravju, dwar l-ġhoti ta' multa simbolika	I - 9712
	— L-argumenti tal-partijiet	I - 9712
	— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja	I - 9713
	c) Konklużjoni fuq it-tielet aggravju	I - 9715
V	— Fuq l-ispejjeż	I - 9715

Fil-Kawża C-280/08 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, imressaq fit-23 ta' Ġunju 2008,

Deutsche Telekom AG, stabbilita f'Bonn (il-Ġermanja), irrappreżentata minn U. Quack, S. Ohlhoff u M. Hutschneider, Rechtsanwälte,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn K. Mojesowicz, kif ukoll minn W. Mölls u O. Weber, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Vodafone D2 GmbH, li qabel kienet Vodafone AG & Co. KG, li qabel kienet Arcor AG & Co. KG, stabbilita f'Eschborn (il-Ġermanja), irrappreżentata minn M. Klusmann, Rechtsanwalt,

Versatel NRW GmbH, li qabel kienet Tropolys NRW GmbH, li qabel kienet CityKom Münster GmbH Telekommunikationsservice u TeleBeL Gesellschaft für Telekommunikation Bergisches Land mbH, stabbilita f'Essen (il-Ġermanja),

EWE TEL GmbH, stabbilita f'Oldenburg (il-Ġermanja),

HanseNet Telekommunikation GmbH, stabbilita f'Hamburg (il-Ġermanja),

Versatel Nord GmbH, li qabel kienet Versatel Nord-Deutschland GmbH, li qabel kienet KomTel Gesellschaft für Kommunikations- und Informationsdienste mbH, stabbilita fi Flensburg (il-Ġermanja),

NetKöln Gesellschaft für Telekommunikation mbH, stabbilita f'Köln (il-Ġermanja),

Versatel Süd GmbH, li qabel kienet Versatel Süd-Deutschland GmbH, li qabel kienet tesion Telekommunikation GmbH, stabbilita fi Stuttgart (il-Ġermanja),

Versatel West GmbH, li qabel kienet Versatel West-Deutschland GmbH, li qabel kienet Versatel Deutschland GmbH & Co. KG, stabbilita f'Dortmund (il-Ġermanja),

irrappreżentati minn N. Nolte, Rechtsanwalt,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, U. Lõhmus, A. Ó Caoimh (Relatur) u P. Lindh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Novembru 2009,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-22 ta' April 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tagħha, Deutsche Telekom AG titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li saret il-Qorti Ġenerali, iktar 'il quddiem, il-“Qorti Ġenerali”) tal-10 ta' April 2008, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-271/03, Ġabra p. II-477, iktar 'il quddiem is-“sentenza appellata”), li permezz tagħha hija चाहdet ir-rikors tagħha għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/707/KE, tal-21 ta' Mejju 2003, dwar proċedura skont l-Artikolu 82 tat-Trattat KE (Każijiet COMP/C-1/37.451, 37.578, 37.579 — Deutsche Telekom AG) (ĠU L 263, p. 9, iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kontenzjuża”).

I — Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 2 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 24 tas-sentenza appellata kif ġej:

“1 Ir-rikorrenti, Deutsche Telekom AG, hija l-operatur storiku [eżistenti] ta' telekomunikazzjonijiet fil-Ġermanja. [...]

- 2 Ir-rikorrenti tiġġestixxi n-netwerk telefoniku Ġermaniż. Qabel il-liberalizzazzjoni totali tas-swieq tat-telekomunikazzjonijiet, hija bbenefikat minn monopolju legali fuq il-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet lill-abbonati fuq in-netwerk fiss. Mid-daħla fis-seħħ tat-Telekommunikationsgesetz (il-liġi Ġermaniża dwar it-telekomunikazzjonijiet, iktar'il quddiem it-'TKG') tal-25 ta' Lulju 1996 (BGBl. 1996 I, p. 1120), fl-1 ta' Awwissu 1996, is-suq tal-provvista ta' infrastrutturi u s-suq tal-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet ġew illiberalizzati fil-Ġermanja. Minn dak iż-żmien, fuq dawn iż-żewġ iswieq, ir-rikorrenti għandha kompetizzjoni, fuq livelli differenti, minn operaturi oħra.

3. In-netwerks lokali tar-rikorrenti jinkludu diversi linji lokali għall-abbonati. L-espressjoni 'linja lokali' tindika ċ-ċirkuwitu fiżiku li jqabbaq il-punt fejn jispiċċa n-netwerk fil-fond ta' l-abbonat mal-frame prinċipali ta' distribuzzjoni jew ma' faċilità ekwivalenti tan-netwerk tat-telefon pubbliku fiss.

4. Ir-rikorrenti tipprovdi l-aċċess għal-linji lokali tagħha kemm lill-operaturi l-oħra ta' telekomunikazzjonijiet u kif ukoll lill-abbonati. Fir-rigward tas-servizzi ta' aċċess u t-tariffi tar-rikorrenti, għandha għalhekk issir distinzjoni bejn is-servizzi ta' aċċess għan-netwerk lokali pprovduti mir-rikorrenti lill-kompetituri tagħha [iktar'il quddiem is-"servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali"] u s-servizzi ta' aċċess għan-netwerk lokali pprovduti mir-rikorrenti lill-abbonati tagħha (iktar 'il quddiem is-'servizzi ta' aċċess għall-abbonati').

I — [Servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali]

5. B'deċiżjoni Nru 223a tal-Ministeru Federali tal-Posta u Telekomunikazzjonijiet [...], tat-28 ta' Mejju 1997, ir-rikorrenti ġiet kostretta, minn Ġunju 1997, tagħti aċċess disassoċjat totali għal-linja lokali lill-kompetituri tagħha.

6. Fir-rigward tat-tariffi għas-[servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali] tar-rikorrenti, dawn huma magħmula minn żewġ komponenti, jiġifieri tariffa għall-abbonament ta' kull xahar, minn naħa, u ħlas inizjali, min-naħa l-oħra. [...]

7. It-tariffi għas-[servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali] tar-rikorrenti għandhom, skond l-Artikolu 25(1) tat-TKG, jiġu l-ewwel approvati mir-Regulierungsbehörde für Telekommunikation und Post (l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjonijiet u tal-posta, iktar'il quddiem ir-'RegTP').

8. F'dan il-kuntest, ir-RegTP tivverifika jekk it-tariffi proposti mir-rikorrenti għas-[servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali] jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti permezz ta' l-Artikolu 24 tat-TKG. Għalhekk, skond l-Artikolu 24(1) tat-TKG, it-'[t]ariffi għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' l-ispejjeż ta' provvista ta' servizzi effikaċja. [...]

[...]

II — Servizzi ta' aċċess għall-abbonati

10. Fir-rigward tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, ir-rikorrenti toffri żewġ għażliet bażiċi, jiġifieri l-linja analoga tradizzjonali [...] u l-linja diġitali narrowband [...]. Dawn iż-żewġ għażliet bażiċi li jippermettu l-konnessjoni ta' l-abbonati jistgħu jiġu pprovduti fuq in-netwerk eżistenti tar-rikorrenti magħruf bħala 'copper pair network' (konnessjonijiet narrowband). Din ta' l-aħħar toffri wkoll lill-abbonati tagħha konnessjonijiet broadband ([...] ADSL), li għalihom hija kellha taġġorna

n-netwerks [narrowband] eżistenti [...] sabiex tkun tista' toffri servizzi broadband, pereżempju aċċess rapidu għall-Internet.

[...]

12. [Il-prezzijiet bl-imnut tar-rikorrenti għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati] huma magħmula minn żewġ komponenti: abbonament ta' kull xahar, li jiddependi mill-kwalità tal-linji u mis-servizzi pprovduti, u ħlas inizjali għall-konnessjoni jew it-trasferiment ta' linja, [...]

A — Tariffi għal-linji ta' abbonati analogi [analoġiċi] [...] u diġitali narrowband [...]

13. Il-prezzijiet ta' aċċess għal-linji ta' abbonati analogi [analoġiċi] u [diġitali narrowband] huma ffixati fil-kuntest ta' sistema li tistabbilixxi l-prezzijiet massimi. Skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 27(1), skond l-Artikolu 25(1) tat-TKG [...], il-prezzijiet bl-imnut għall-konnessjoni man-netwerk tar-rikorrenti u għall-komunikazzjonijiet mhumiex iffissati individwalment għal kull servizz fuq il-bażi ta' l-ispejjeż sostnuti, iżda huma ddeterminati globalment għal diversi servizzi, bid-diversi servizzi miġbura flimkien fi gruppi.

14. [...] Is-sistema kkonċernata ġiet implementata mir-RegTP fl-1 ta' Jannar 1998. F'din l-okkażjoni, ir-RegTP stabbilixxiet żewġ gruppi ta' servizzi, bl-ewwel wieħed jinkludi s-servizzi residenzjali u, it-tieni, is-servizzi professjonali. Iż-żewġ gruppi ta' servizzi kienu jinkludu kemm is-servizzi ta' aċċess għall-abbonati [...] u kif ukoll il-medda kollha ta' offerti tar-rikorrenti fil-qasam tat-telefonija bħall-komunikazzjonijiet lokali, reġjonali, interurbani u internazzjonali.

[...]

17. Bis-saħħa tad-deċiżjoni tal-[Ministeru Federali tal-Posta u tat-Telekommunikazzjonijiet] tas-17 ta' Diċembru 1997, ir-rikorrenti kellha tnaqqas b'4.3% il-prezz globali ta' kull wieħed miż-żewġ gruppi ta' servizzi matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1999 (l-ewwel perijodu fejn ġew stabbiliti prezzijiet massimi). Fit-tmiem ta' dan l-ewwel perijodu, fil-31 ta' Diċembru 1999, ir-RegTP, b'deċiżjoni tat-23 ta' Diċembru 1999, essenzjalment żammet il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' servizzi u naqset il-prezzijiet b'5.6% għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2001 (it-tieni perijodu fejn ġew stabbiliti prezzijiet massimi).
18. Fi hndan dan il-kuntest vinkolanti ta' tnaqqis tal-prezzijiet, ir-rikorrenti setgħet timmodifika t-tariffi tad-diversi komponenti ta' kull grupp ta' servizzi wara li tkun kisbet l-awtorizzazzjoni minn qabel tar-RegTP. [...] Is-sistema kienet tippermetti b'hekk iż-żieda tat-tariffi ta' wieħed jew diversi komponenti ta' grupp ta' servizzi, safejn il-prezzijiet massimi tal-grupp ma jinqabżux. [...]
19. Matul l-ewwel żewġ perijodi fejn ġew stabbiliti prezzijiet massimi [mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 2001], ir-rikorrenti baxxiet il-prezzijiet bl-imnut għaż-żewġ gruppi ta' servizzi, tnaqqis li mar lil hinn minn dak li ġie impost fuqha. Dan it-tnaqqis fit-tariffi kkonċerna sostanzjalment il-prezzijiet tal-komunikazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, il-prezzijiet bl-imnut għal-linji analogi [analoġiċi] [...] baqgħu l-istess matul iż-żewġ perijodi msemmija, [...] Fir-rigward tal-prezzijiet bl-imnut għal-linji [diġitali narrowband], ir-rikorrenti matul dan l-istess perijodu naqset it-tariffi għall-abbonament ta' kull xahar [...].
20. Mill-1 ta' Jannar 2002, teżisti sistema ġdida ta' prezzijiet massimi [...]. Fis-sistema l-ġdida, iż-żewġ gruppi ta' servizzi preċedenti li jinkludu s-servizzi residenzjali u s-servizzi professjonali huma sostitwiti b'erba' gruppi ta' servizzi, li jinkludu s-servizzi li ġejjin: linji telefoniċi (grupp A), komunikazzjonijiet lokali (grupp B),

komunikazzjonijiet interurbani nazzjonali (grupp Ċ) u komunikazzjonijiet internazzjonali (grupp D).

21. Fil-15 ta' Jannar 2002, ir-rikorrenti informat lir-RegTP bl-intenzjoni tagħha li żżid l-abbonamenti ta' kull xahar għal-linji analogi [analoġiċi] u [diġitali narrowband] [...]. Din iż-żieda ġiet awtorizzata mir-RegTP [...]

22. Fil-31 ta' Ottubru 2002, ir-rikorrenti għamlet talba ġdida għal żieda tat-tariffi bl-imnut tagħha. Din it-talba ġiet parzjalment miċħuda mir-RegTP [...]

B — Tariffi għal-linji ADSL [...]

23. It-tariffi ADSL [...] mhumiex irregolati fil-kuntes t ta' sistema ta' prezzijiet massimi. Skond l-Artikolu 30 tat-TKG, dawn it-tariffi jistgħu jiġu suġġetti għal regolazzjoni *a posteriori*.

24. Fit-2 ta' Frar 2001, wara li rċeviet diversi lmenti minn naħa ta' kompetituri tar-rikorrenti, ir-RegTP bdiet investigazzjoni *a posteriori* fuq il-prezzijiet ADSL tar-rikorrenti, sabiex tistabbilixxi, jekk ikun il-każ, il-prattika ta' bejgħ b'telf kuntrarju għar-regoli tal-kompetizzjoni Ġermaniżi. Ir-RegTP għalqet il-proċedura, fil-25 ta' Jannar 2002, wara li kkonstatat li ż-żieda tat-tariffi mħabbra mir-rikorrenti, fil-15 ta' Jannar 2002, ma kinitx tagħti lok għal sospett ta' bejgħ b'telf"

- 3 Wara li matul is-sena 1999 tressqu lmenti minn impriżi li jikkompetu mal-appellanti, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej adottat id-deċiżjoni kontenzjuża li permezz tagħha hija akkużat lill-appellanti, b'mod partikolari fil-premessi 57, 102, 103 u 107 ta' din id-deċiżjoni, talli wettqet abbuż taħt forma ta' "effett ta' għafsa" ("margin squeeze, iktar 'il quddiem i' l-"pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet"), li tirriżulta minn differenza mhux xierqa bejn il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.
- 4 Fir-rigward ta' din il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, fil-punt 38 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tfakkar dak li ntqal fil-premessi 102 sa 105 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li jgħidu li ġej:

"102 Hemm pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet meta s-somma ta' l-abbonament ta' kull xahar u tal-ħlas inizjali li għandhom jitħallsu [lir-rikorrenti] għas-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali] tobbliga lill-kompetituri jiffatturaw lill-abbonati tagħhom prezzijiet oġhla minn dawk li [r-rikorrenti] tiffattura lill-abbonati tagħha għall-istess servizzi. Jekk il-prezzijiet [bl-ingrossa] tas-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali] jkunu oġhla mill-prezzijiet bl-imnut [għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati], il-kompetituri tar-[rikorrenti] qatt ma jistgħu jagħmlu profitt, anki jekk ikunu effikaċja ta' l-inqas daqs ir-[rikorrenti], minħabba li minbarra l-prezzijiet tas-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali] huma għandhom iħallsu spejjeż oħra (kummerċjalizzazzjoni, fatturi, irkupru...).

103. Billi tiffattura lill-kompetituri tagħha tariffi [bl-ingrossa] ta' servizzi intermedjarji [ta'] aċċess għan-netwerk ta' linji lokali li huma oġġla mill-prezzijiet bl-imnut li hija tiffattura lill-abbonati tagħha, [ir-rikorrenti] tipprekludihom milli joffru, barra mis-sempliċi komunikazzjonijiet telefoniċi, servizzi ta' aċċess għan-netwerk ta' linji lokali. [...]
104. [Ir-rikorrenti] tikkunsidra li f'dan il-każ ma jistax ikun hemm prattika ta' tariffi abbużivi fil-forma ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet minħabba li t-tariffi [bl-ingrossa] tas-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali] huma ffixxati b'mod vinkolanti mir-RegTP. [...]
105. Madankollu, kuntrarjament għal dak li tiddikjara [r-rikorrenti], il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tikkostitwixxi forma ta' abbuż li hija rilevanti għal dan il-każ. Fuq is-swieq relatati, fejn il-kompetituri jixtru servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali] mingħand l-operatur storiku [eżistenti] u għandhom interess li jagħmlu dan jekk iridu jstabbilixxu ruħhom f'suq ta' prodotti jew ta' servizzi [bl-imnut] sussegwenti, jista' tabilħaqq ikun hemm pressjoni bejn il-prezzijiet [bl-ingrossa] irregolati tas-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali] u l-prezzijiet bl-imnut [għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati]. Sabiex tiġi ppruvata l-eżistenza ta' pressjoni [fuq il-marġni tal-prezzijiet], huwa biżżejjed li jkun hemm sproporzjon bejn iż-żewġ livelli ta' prezzijiet li jirriżulta f'restrizzjoni tal-kompetizzjoni. [...]"
- 5 Skont l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni għaldaqstant ikkonkludiet li, "sa mill-1998, ir-[rikorrenti] twestaq ksur tal-Artikolu 82(a) tat-Trattat KE, minħabba l-fatt li hija titlob tariffi li mhumiex ġusti għall-konnessjoni u l-abbonament ta' kull xahar li jikkonċerna l-aċċess għan-netwerk lokali tal-kompetituri tagħha u tal-abbonati [tagħha], fejn b'hekk tipprekludi b'mod kunsiderevoli l-kompetizzjoni fis-suq tal-aċċess għan-netwerk lokali".
- 6 Skont l-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti ngħatat multa mill-Kummissjoni li kienet tammonta għal EUR 12.6 miljun għal dan il-ksur.

II — Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

- 7 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Lulju 2003, l-appellanti ressqet rikors, prinċipalment, għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-multa mogħtija lilha.
- 8 Insostenn tat-talba tagħha ta' annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-appellanti qajment, b'mod partikolari, motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 82 KE kif ukoll motiv ibbażat fuq abbuż ta' poter u fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.
- 9 Il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 82 KE jinkludi bosta partijiet, li minnhom tlieta huma rilevanti fil-kuntest ta' dan l-appell, jiġifieri l-ewwel parti bbażata fuq in-nuqqas ta' mgħiba abbużiva minħabba l-marġni ta' manuvra insuffiċjenti li kellha r-rikorrenti sabiex tevita l-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, it-tieni parti li tikkonċerna l-illegalità tal-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex tikkonstata l-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet u r-raba' parti bbażata fuq in-nuqqas ta' effett fis-suq tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet.
- 10 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn il-partijiet kollha, billi kkonstatat, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' dan l-eżami, fil-punti 150 sa 242 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma kinitx ikkontestat, fir-rikors tagħha, id-definizzjoni tas-swieq inkwistjoni kkunsidrata fid-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, suq bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u, min-naħa l-oħra, suq bl-imnut ta' aċċess għan-netwerk lokali, li jinkludi suq tal-aċċess għal "narrowband" u suq tal-aċċess għal "broadband", kollha swieq ta' daqs nazzjonali.

- 11 Fir-rigward tal-ewwel parti ta' dan il-motiv, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punti 140 sa 151 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni setgħet għustament tikkonstata, fid-deċiżjoni kontenzjuża, li r-rikorrenti kellha marġni ta' manuvra suffiċjenti matul il-perijodu inkwistjoni sabiex tnaqqas il-prezzjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet ikkonstatata fl-imsemmija deċiżjoni billi tbiddel prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.

- 12 Fir-rigward tat-tieni parti ta' dan il-motiv, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punt 168 tas-sentenza appellata, l-ilment tal-appellanti li jgħid li n-natura abbużiva tal-prezzjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tista' tirriżulta biss min-natura abbużiva tal-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati. Sussegwentement hija qieset, fil-punti 193, 203 u 206 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni għustament ibbażat l-analiżi tagħha dwar in-natura abbużiva tal-prattiki tat-tariffi tar-rikorrenti biss b'referenza, skont il-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja, għas-sitwazzjoni speċifika ta' dan tal-aħħar, jiġifieri b'riferenza għat-tariffi u għall-ispejjeż tagħha, kif ukoll billi ħadet inkunsiderazzjoni biss id-dħul mis-servizzi ta' aċċess billi eskudiet id-dħul minn servizzi oħra, bħas-servizzi ta' komunikazzjonijiet, u billi pparagunat il-prezz bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mal-prezz bl-imnut għas-servizzi kollha ta' aċċess għall-abbonati, jiġifieri l-aċċess "narrowband" u l-aċċess "broadband".

- 13 Fir-rigward tar-raba' parti tal-istess motiv, il-Qorti Ġenerali osservat, b'mod partikolari, fil-punt 237 tas-sentenza kkontestata, li l-prezzjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet inkwistjoni bħala prinċipju tipprekludi l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-swieq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.

- 14 Il-motiv ibbażat fuq abbuż ta' poter u fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ġie wkoll kollu kemm hu miċħud mill-Qorti Ġenerali. Fir-rigward tal-ilment li jgħid li l-Kummissjoni tissuġġetta t-tariffi miltuba mill-appellanti għal regolamentazzjoni doppja u li b'hekk

kisret il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali, il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, indikat, fil-punt 265 tas-sentenza appellata:

“Anki jekk ma jistax jiġi eskluż li l-awtoritajiet Ġermaniżi kisru wkoll id-dritt Komunitarju — u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [tal-Kummissjoni 90/388, tat-28 ta' Ġunju 1990, dwar kompetizzjoni fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet (ĠUL 192, p. 10)], kif emendata bid-Direttiva [tal-Kummissjoni 96/19, tat-13 ta' Marzu 1996 (ĠU L 74, p. 13)] — billi għażlu bilanċ mill-ġdid progressiv bejn it-tariffi ta' konnessjonijiet u ta' komunikazzjonijiet, dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi, li kieku kellu jiġi kkonstatat, ma jeliminax il-marġni ta' manuvra li r-rikorrenti effettivament kellha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tnaqqas il-prezzjoni fuq il-marġni.”

- 15 Barra minn hekk, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 269 tas-sentenza appellata, li d-deċizzjonijiet tar-RegTP ma rnexxilhomx inibbtu t-tali aspettattiva leġittima fi ħsieb l-appellanti.
- 16 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq abbuż ta' poter, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 271 ta' din is-sentenza:

“Fid-deċizzjoni [kontenzjuża], il-Kummissjoni ssemmi biss il-prattiki tat-tariffi tar-rikorrenti u mhux id-deċizzjonijiet ta' l-awtoritajiet Ġermaniżi. Anki jekk ir-RegTP kisret norma Komunitarja u anki jekk il-Kummissjoni setgħet b'hekk tibda proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligi kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tali eventwalitajiet b'ebda mod m'huma ta' natura li jaffettwaw il-legalità tad-deċizzjoni [kontenzjuża]. F'din id-deċizzjoni, fil-fatt, il-Kummissjoni sempliċement tikkonstata li

r-rikorrenti kisret l-Artikolu 82 KE, dispożizzjoni li ma tirrigwardax lill-Istati Membri, iżda biss lill-operaturi ekonomiċi. Il-Kummissjoni għalhekk ma wettqet ebda abbuż ta' poter meta għamlet din il-konstatazzjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 82 KE.”

- 17 L-appellanti ressqet sitt motivi in sostenn tat-talba tagħha għat-tnaqqis tal-multa mogħtija, fosthom, b'mod partikolari, it-tielet motiv li jirrigwarda n-nuqqas ta' negliġenza u ta' nuqqas intenzjonali, ir-raba' li jirrigwarda t-teħid inkunsiderazzjoni insuffiċjenti tar-regolamentazzjoni tat-tariffi fil-kalkolu tal-ammont tal-multa filwaqt li s-sitt wieħed jirrigwarda n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi attenwanti. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn it-tliet motivi fil-punti 290 sa 321 tas-sentenza appellata.
- 18 B'hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kollu u kkundannat lill-appellanti sabiex tbatu l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

III — It-talbiet tal-partijiet

- 19 Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

— sussidjarjament, tnaqqas, skont il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-multa li ngħatat lilha fl-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kontenzjuża, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

²⁰ Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

²¹ Vodafone D2 GmbH, li qabel kienet Vodafone AG & Co. KG, li qabel kienet Arcor AG & Co. KG (iktar 'il quddiem "Vodafone"), titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell bħala inammissibbli jew, minn tal-inqas, infondat, kif ukoll tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

²² Versatel NRW GmbH, li qabel kienet Tropolys NRW GmbH, li qabel kienet CityKom Münster GmbH Telekommunikationsservice u TeleBeL Gesellschaft für Telekommunikation Bergisches Land mbH, EWE TEL GmbH, HanseNet Telekommunikation GmbH, Versatel Nord GmbH, li qabel kienet Versatel Nord-Deutschland GmbH, li qabel kienet KomTel Gesellschaft für Kommunikations- und Informationsdienste mbH, NetCologne Gesellschaft für Telekommunikation mbH, Versatel Süd GmbH, li qabel kienet Versatel Süd-Deutschland GmbH, li qabel kienet tesion Telekommunikation GmbH, kif ukoll Versatel West GmbH, li qabel kienet Versatel West-Deutschland GmbH, li qabel kienet Versatel Deutschland GmbH & Co. KG (iktar 'il quddiem, flimkien, "Versatel"), talbu wkoll, waqt is-seduta, għaċ-

ċaħda tal-appell, billi ssottoskrivew rwieħhom għat-talbiet tal-Kummissjoni u dawk ta' Vodafone.

IV — Fuq l-appell

A — Fuq l-ammissibbiltà

- ²³ Vodafone u Versatel jeċċepixxu, preliminarjament, l-inammissibbiltà tal-appell billi, fl-ewwel aggravju tiegħu kif ukoll fl-ewwel u fit-tieni partijiet tat-tieni aggravju, li essenzjalment huma intiżi sabiex jikkontestaw l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE fuq il-prattiki tat-tariffi inkwistjoni tal-appellanti u dwar ir-rispett tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, tirriproduċi l-argumentazzjoni invokata mill-appellanti matul il-proċedura fl-ewwel istanza bis-sempliċi għan li tikseb l-eżami mill-ġdid ta' din l-argumentazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.
- ²⁴ F'dan il-kuntest, għandu jittfakkar li mill-Artikolu 225 KE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u mill-Artikolu 112(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi tas-sentenza li ġew ikkritikati u li tagħhom intalab l-annullament kif ukoll l-argumenti ġuridiċi li jissostanzjaw din it-talba b'mod speċifiku. L-appell li, mingħajr lanqas ma jinkludi argumentazzjoni intiża speċifikament sabiex tidentifika l-iżball ta' liġi li jinsab fis-sentenza appellata, sempliċement jirriproduċi l-motivi u l-argumenti li diġà ġew ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, ma jissodisfax dan ir-rekwiżit. Fil-fatt, tali appell fil-verità jikkostitwixxi talba intiża sabiex jinkiseb sempliċi eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, liema ċirkustanza taħrab mill-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi

tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni, C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punti 34 u 35, kif ukoll tat-30 ta' Settembru 2003, Eurocoton *et vs* Il-Kunsill, C-76/01 P, Ġabra p. I-10091, punti 46 u 47).

- 25 Madankollu, ladarba appellant jikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jiġu diskussi mill-ġdid fl-appell. Fil-fatt, jekk appellant ma setax jibbaża b'dan il-mod l-appell tiegħu fuq aggravji u argumenti li diġà intużaw quddiem il-Qorti Ġenerali, il-proċedura ta' appell tkun nieqsa minn parti mis-sens tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, ARAP *et vs* Il-Kummissjoni, C-321/99 P, Ġabra p. I-4287, punt 49).
- 26 Issa, f'dan il-każ, l-appell huwa preċiżament intiż, permezz tal-ewwel u t-tieni aggravji kkunsidrati flimkien, sabiex jikkontesta l-pożizzjoni deċiża mill-Qorti Ġenerali fuq numru ta' kwistjonijiet ta' liġi li tressqu quddiemha fl-ewwel istanza fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE għall-prattiki tat-tariffi inkwistjoni tar-rikorrenti u tar-rispett ta' ċerti prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward jikkomporta l-indikazzjoni preċiża tal-aspetti tas-sentenza appellata li huma kkritikati kif ukoll tal-aggravji u tal-ilmenti li fuqhom huwa jistrieħ
- 27 B'hekk jirriżulta li l-ewwel u t-tieni aggravji, ikkunsidrati flimkien, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala inammissibbli. Madankollu għandha tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tal-ilmenti speċifiċi mressqa insostenn ta' dawn l-aggravji fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' kull waħda minnhom.

B — *Fuq il-mertu*

28 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tqajjem tliet aggravji, rispettivament ibbażati fuq żbalji ta' liġi dwar it-trattament tar-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tagħha mir-RegTP fil-kapaċità tagħha bħala awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti, fuq żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE u fuq żbalji ta' liġi fil-kalkolu tal-multi minħabba n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmija leġiżlazzjoni.

29 F'dan ir-rigward għandu jittfakkar li, permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet fl-intier ir-rikors ippreżentat mill-appellanti kontra d-deċiżjoni kontenzjuża billi ddeċidiet, essenzjalment, li l-Kummissjoni, hekk kif jirriżulta mill-punti 3 sa 6 ta' din is-sentenza, għustament tat multa lil din tal-aħħar għal ksur tal-Artikolu 82 KE minħabba l-implementazzjoni ta' Prattika tat-tariffi inġusta li tat lok għal pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, b'riżultat ta' differenza mhux xierqa bejn il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, fejn kompetituri minn tal-inqas daqstant effikaċja bħalha, ma jippermettulhomx li jagħtu kompetizzjoni effettiva għall-provvista ta' dawn l-aħħar servizzi.

30 Permezz tat-tliet aggravji tagħha, l-appellanti għandha l-intenzjoni, rispettivament, li tikkontesta b'mod sostanzjali l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata dwar:

— l-imputabbiltà tal-ksur minħabba l-marġni ta' manuvra li hija kellha sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u għar-rilevanza tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE;

- in-natura xierqa, għall-konstatazzjoni ta' abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE, tal-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet fiċ-ċirkustanzi tal-każ, fid-dawl tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, kif ukoll il-legalità tal-metodu ta' kalkolu ta' din il-pressjoni u l-analiżi tal-effetti tagħha fil-konfront tal-istess artikolu, u

- in-natura ġustifikata tal-ammont tal-multa, fid-dawl tar-regolamentazzjoni tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

³¹ Min-naħa l-oħra, l-appellanti ma tikkontestax fil-prinċipju l-fatt li prattika tariffarja adottata minn impriża dominanti li twassal għal pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri tagħha minn tal-inqas daqstant effikaċja għandha titqies li hija mhux ġusta fil-konfront tal-Artikolu 82 KE.

³² Fil-fatt, l-appellanti ma tilmentax lill-Qorti Ġenerali talli kkunsidrat li impriża tisfrutta b'mod abbużiv il-pożizzjoni dominanti tagħha fis-sens ta' din id-dispożizzjoni meta l-prattiki tat-tariffi tagħha, minħabba differenza mhux ġusta bejn il-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u l-prezzijiet bl-immnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati fi swieq fejn hija dominanti, iwasslu għal tali pressjoni. F'dan ir-rigward hija tiegħu l-ħsieb li ssostni, fil-kuntest tat-tieni aggravju tagħha, li l-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet ma tikkostitwixxix, f'dan il-każ, kriterju rilevanti sabiex jiġi kkonstatat li hija wettqet ksur tal-Artikolu 82 KE meta l-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali huma suġġetti għal leġiżlazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

- 33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandhom jiġu eżaminati l-aggravji fl-ordni li fiha ġew ippreżentati mill-appellanti, liema ordni tikkorrispondi għal dik li fiha l-motivi tal-ewwel istanza ġew ippreżentati u eżaminati fis-sentenza appellata mill-Qorti Ġenerali.

1. Osservazzjonijiet preliminari

- 34 Bil-għan li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-aggravji mressqa mill-appellanti kontra din is-sentenza, fl-ewwel lok, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 113(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-appell, hija fil-fatt limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi dibattuti quddiem l-ewwel istanza. Għaldaqstant parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma qajmitx quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex b'hekk hija tressaq kwistjoni iktar wiesgħa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam ta' appell hija limitata, minn dik li kellha quddiemha l-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1994, *Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi et*, C-136/92 P, Ġabra p. I-1981, punt 59; tas-26 ta' Ottubru 2006, *Koninklijke Coöperatie Cosun vs Il-Kummissjoni*, C-68/05 P, Ġabra p. I-10367, punt 96, kif ukoll tat-12 ta' Novembru 2009, *SGL Carbon vs Il-Kummissjoni*, C-564/08 P, Ġabra p. I-191, punt 22).

- 35 Kemm fl-appell tagħha kif ukoll waqt is-seduta, l-appellanti sostniet li hija ma kellha ebda marġni ta' manuvra sabiex tiddetermina l-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, billi dawn huma ffixxati mill-awtorità regolatorja nazzjonali, jiġifieri r-RegTP. Issa, il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet inkwistjoni, fil-verità, hija dovuta għal-livell eċċessiv ta' dawn il-prezzijiet bl-ingrossa hekk kif inhuma ffixxati mir-RegTP. Sabiex ittemm din il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, il-Kummissjoni għaldaqstant imissha, minflok ma adottat deċiżjoni skont

l-Artikolu 82 KE kontra l-appellanti, ippreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 226 KE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għal ksur tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-kunsiderazzjoni li l-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali huma ffissati abbażi tal-ispejjeż tal-appellanti, hija żbaljata. Dawn il-prezzijiet huma determinati mir-RegTP abbażi tal-ispejjeż ta' provvista ta' servizz effettiv, skont mudell stabbilit mill-awtorità regolatorja nazzjonali.

36 Il-Kummissjoni u Versatel isostnu, min-naħa l-oħra, li l-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali huma imputabbli għall-appellanti billi, skont id-dispożizzjonijiet tat-TKG, dawn il-prezzijiet huma ffissati mir-RegTP fuq il-bażi ta' talba mressqa mill-appellanti skont l-ispejjeż tagħha nnifisha. Għaldaqstant din tal-aħħar ma tistax tilmenta dwar in-natura eċċessiva ta' dawn il-prezzijiet. Hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni kontenzjuża, l-appellanti hija wara kollox legalment kostretta li tressaq talba ġdida quddiem ir-RegTP bil-għan li tnaqqas il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali ladarba jonqsu l-ispejjeż tagħha.

37 F'dan ir-rigward, Versatel barra minn hekk allegat, waqt is-seduta, li, sa mill-1997, l-appellanti kienet sistematikament ippruvat tippreġudika l-iżvolġiment korrett tal-proċedura nazzjonali ta' ffissar tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali billi tirtira t-talbiet tagħha ta' awtorizzazzjoni u billi tastjeni, minkejja l-obbligu previst f'dan is-sens mid-dritt nazzjonali, sabiex ttiprovdi l-inqas prova jew attestazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż li jistgħu jiġġustifikaw dawn il-prezzijiet bl-ingrossa.

38 Fir-rigward ta' dawn il-punti kontenzjużi bejn il-partijiet, għandu madankollu jiġi osservat, l-ewwel nett, li l-kwistjoni tal-marġni ta' manuvra tal-appellanti sabiex

tbiddel il-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali ma ġietx dibattuta quddiem il-Qorti Ġenerali, li adottat is-sentenza appellata billi kkonstatat l-ipoteżi, li ma ġietx ikkontestata quddiemha, li tgħid li r-rikorrenti ma kellhiex it-tali marġni ta' manuvra.

- 39 Fil-fatt, fil-punt 93 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat li, fid-deċiżjoni kontenzjuża, minkejja li l-Kummissjoni ma teskludix il-possibbiltà għall-appellanti li tnaqqas il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, hija eżaminat biss il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti kellhiex marġni reali ta' flessibbiltà sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.
- 40 Billi dan l-approċċ ma ġiex ikkontestat quddiemha, il-Qorti Ġenerali għaldaqstant illimitat ruħha, fil-punti 85 sa 152 tas-sentenza kkontestata, sabiex teżamina, għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk il-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet ikkontestata fid-deċiżjoni kontenzjuża kinitx imputabbli lill-appellanti, jekk il-Kummissjoni setgħetx tikkonkludi, f'din id-deċiżjoni, li l-appellanti kellha marġni reali ta' flessibbiltà sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati sabiex telimina jew tnaqqas din il-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. F'dan ir-rigward, hija kkonkludiet, fil-punti 140 u 151 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet għustament ikkunsidrat li t-tali marġni ta' manuvra kienet teżisti minkejja r-regolamentazzjoni mir-RegTP tal-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.
- 41 Bl-istess mod, qabel ma ċaħdet, fil-punti 183 sa 213 tas-sentenza appellata, l-ilmenti mressqa mill-appellanti sabiex tikkontesta n-natura abbużiva u l-metodu ta' kalkolu tal-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet ikkonstatata fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fil-punt 167 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kienet stabbiliet biss li l-appellanti kellha marġni ta' manuvra sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.

- 42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' dan l-appell, li għandha teżamina sa fejn l-appellanti setgħet, li kieku kien il-każ, tbiddel, bħalma jallegaw il-Kummissjoni u Versatel, il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, billi t-tali eżami jmur lil hinn mill-motivi li ġew dibattuti fl-ewwel istanza. Kull aggravju jew ilment fuq dan il-punt jeċċedi, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 34 ta' din is-sentenza, il-limiti ta' dan l-appell u għaldaqstant, huwa inammissibbli.
- 43 Sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tal-ilmenti invokati mill-appellanti sabiex tikkontesta l-legalità tas-sentenza appellata, b'mod partikolari l-ilmenti tagħha intiżi sabiex tikkontesta l-imputabbiltà tal-ksur fil-konfront tagħha kif ukoll in-natura abbużiva tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet ikkonstatata fid-deċiżjoni kontenzjuża, liema lmenti huma s-suġġett tal-ewwel u tat-tieni aggravji, hemm għaldaqstant lok li tibbaża ruħha biss fuq l-ipoteżi kkonstatata minn din is-sentenza li tgħid li r-rikorrenti kellha marġni ta' manuvra biss sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, fejn din il-marġni ta' manuvra, barra minn hekk, mhijiex ikkontestata fil-kuntest ta' dan l-appell.
- 44 It-tieni nett, għandu jiġi enfasizzat li dan l-appell ma jistax, mingħajr ma jbidel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, jakkuża lill-istess Qorti talli ma kkundannatx lill-Kummissjoni talli naqset milli tiegħu azzjoni kontra l-imġiba tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, sa fejn dawn, billi f'fissaw il-prezz bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali għal livell eċċessiv, huma l-uniċi responsabbli għall-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet ikkonstatata fid-deċiżjoni kontenzjuża.
- 45 Ċertament, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jadotta l-miżuri xierqa ġenerali jew speċjali kollha sabiex jiżguraw l-implementazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, Ġabra p. I-2483, punt 85).

Barra minn hekk, l-Artikoli 81 KE u 82 KE, moqrija flimkien mal-Artikolu 10 KE, jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li ma jiddux jew li ma jżommux fis-seħħ miżuri, anki ta' natura leġislattiva jew regolamentari, li jkunu jistgħu jneħħu l-effett utli tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Novembru 1977, GB-Inno-BM, 13/77, Ġabra p. 2115, punt 31, u tal-5 ta' Ottubru 1995, Centro Servizi Spediporto, C-96/94, Ġabra p. I-2883, punt 20).

⁴⁶ Madankollu, fir-rigward tal-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Istat Membru kkonċernat, meta s-sentenza appellata tikkonċerna biss il-legalità ta' deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 82 KE fil-konfront tal-appellanti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-kuntest ta' dan l-appell, tiegħu ħsieb li tivverifika jekk l-ilmenti mressqa insostenn ta' dan l-appell humiex tali li jiżvelaw li l-eżami mill-Qorti Ġenerali tal-legalità ta' tali deċiżjoni tinkludi żbalji ta' liġi, u dan indipendentement mill-fatt dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx, parallelament jew alternattivament, tadotta deċiżjoni ta' ksur ta' liġi tal-Unjoni kontra l-Istat Membru inkwistjoni.

⁴⁷ B'hekk, anki jekk, kif il-Qorti Ġenerali nnifisha kkonstatat, b'mod partikolari fil-punti 265 u 271 tas-sentenza appellata, ma jistax jiġi eskluż li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, f'dan il-każ, kisru l-liġi tal-Unjoni u jekk il-Kummissjoni tabilħaqq setgħet għażlet li f'dan il-kuntest tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 226 KE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, dawn il-possibbiltajiet huma mingħajr rilevanza fl-istadju ta' dan l-appell. Dan hu wisq iżjed il-każ għaladarba, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sistema stabbilita mill-Artikolu 226 KE, il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali sabiex tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u mhumiex il-qrati tal-Unjoni li għandhom jevalwaw l-opportunità tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs Franza, C-233/00, Ġabra p. I-6625, punt 31).

- 48 Fir-rigward tan-natura eċċessiva tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, allegata mill-appellanti, hemm lok, barra minn hekk, sabiex jiġi osservat li, fir-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, hija fl-ebda mument ma ppruvat tikkontesta l-legalità ta' dawn il-prezzijiet fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni. Fil-fatt, f'dan ir-rigward, l-appellanti ħadet il-ħsieb li ssostni, minn naħa, li, jekk il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali huma ffixxati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali mingħajr ma tkun tista' tbiddilhom, huma biss il-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati li jistgħu jkunu abbużivi fis-sens tal-Artikolu 82 KE u, min-naħa l-oħra, li, jekk il-politika tat-tariffi ta' dawn l-awtoritajiet li tikkonċerna dawn is-servizzi hija kuntrarja għal-liġi tal-Unjoni, hija l-Kummissjoni li għandha tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra dawn tal-aħħar.
- 49 B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax, fil-kuntest ta' dan l-appell, teżamina lmenti intiżi sabiex jikkontestaw il-legalità tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, b'mod partikolari minħabba n-natura allegatament eċċessiva tagħhom meta mqabbla mal-ispejjeż sostnuti mill-appellanti għall-provvista tagħhom (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-24 ta' April 2008, Arcor, C-55/06, Ġabra p. I-2931, punt 69). Billi tali lmenti jmorru lil hinn mill-motivi dibattuti fl-ewwel istanza, dawn huma, b'mod konformi mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 34 ta' din is-sentenza, inammissibbli fl-istadju ta' dan l-appell.
- 50 It-tielet nett, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tar-rikors fl-ewwel istanza, l-appellanti ma kkontestatx, b'halma osservat il-Qorti Ġenerali fil-punti 150 u 242 tas-sentenza appellata, id-definizzjoni tas-swieq inkwistjoni kkunsidrata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenżjuża, li tgħid li, minn naħa, is-suq ġeografiku inkwistjoni huwa s-suq Ġermaniż u min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-swieq tgas-servizzi inkwistjoni, is-suq bl-ingrossa tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali jikkostitwixxi suq wieħed, separat mis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, li jinkludi żewġ oqsma distinti, jiġifieri, minn naħa, l-aċċess għal-linji "narrowband" u, min-naħa l-oħra, l-aċċess għal-linji "broadband".

- 51 Bl-istess mod, għandu jiġi osservat li l-appellant, fl-ebda mument ma kkontestat quddiem il-Qorti Ġenerali l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża li tgħid li hija kellha pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 82 KE fuq dawn is-swieq ta' servizzi kollha.
- 52 Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 34 ta' din is-sentenza, la d-definizzjoni tas-swieq inkwistjoni kkunsidrata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata u lanqas il-konstatazzjoni li tgħid li l-appellanti kellha pożizzjoni dominanti f'dawn is-swieq kollha ma jistgħu jiġu kkontestati fil-kuntest tal-eżami ta' dan l-appell.
- 53 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar, fir-rigward, b'mod iktar partikolari, l-evalwazzjoni tad-data dwar is-suq u dwar is-sitwazzjoni kompetittiva, li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' appell, ma għandhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, skont l-Artikolu 225 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell għandu jkun limitat għall-kwistjonijiet legali. L-evalwazzjoni tal-fatti ma tikkostitwixxi, ħlief f'każ ta' distorsjoni eventwali tal-fatti jew tal-provi, li ma ġietx invokata f'din il-kawża, kwistjoni legali suġġetta, b'halo tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenza tal-15 ta' Marzu 2007, *British Airways vs Il-Kummissjoni*, C-95/04 P, Ġabra p. I-2331, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 54 Huwa fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi li għandhom jiġu eżaminati l-motivi mqajma mill-appellanti insostenn ta' dan l-appell.

2. Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi dwar it-trattament tar-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tal-appellanti mir-RegTP fil-kapaċità tagħha bħala awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti

55 L-ewwel aggravju invokat mir-rikorrenti jinqasam fi tliet partijiet li jikkonċernaw, rispettivament, l-attribwibbiltà tal-ksur, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u n-natura intenzjonali jew negliġenti tal-ksur tal-Artikolu 82 KE.

a) Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, fuq l-imputabbiltà tal-ksur

i) Sentenza appellata

56 Fir-rigward tal-marġni ta' manuvra li kellha l-appellanti sabiex tevita l-pressjoni tal-marġni fuq il-prezzijiet, il-Qorti Ġenerali, wara li fakkret, fil-punti 85 sa 89 tas-sentenza kkontestata, il-prinċipji li ħarġu mill-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, eżaminat, fil-punti 97 sa 152 ta' din is-sentenza, jekk il-qafas ġuridiku Ġermaniż, b'mod partikolari t-TKG u d-deċiżjonijiet meħuda mir-RegTP matul il-perijodu msemmi mid-deċiżjoni kontenzjuża, kienx neħħa kull possibbiltà ta' mgħiba kompetittiva tal-appellanti jew jekk kienx iħalli biżżejjed marġni ta' manuvra sabiex hija tkun tista' tiffissa l-prezzijiet tagħha fuq livell tali li kien jirnexxila telimina jew tnaqqas il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet ikkonstatata fid-deċiżjoni kontenzjuża.

57 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 2001, il-Qorti Ġenerali, wara li osservat, fil-punt 100 ta' din is-sentenza, li, fi hdn

il-qafas leġislattiv applikabbli, l-appellanti setgħet tbiddel il-prezzijiet tagħha wara li tkun kisbet l-awtorizzazzjoni minn qabel tar-RegTP, ikkonkludiet, fil-punt 105 tal-istess sentenza, li l-Kummissjoni kienet għustament ikkonstatat li, fid-dawl tas-sitt talbiet għat-tnaqqis fil-prezz tal-komunikazzjonijiet li saru matul dan il-perijodu, l-appellanti, matul l-imsemmi perijodu, kellha marġni ta' manuvra sabiex tressaq talbiet ta' żieda fil-prezzijiet bl-innut għas-servizzi ta' aċċess tagħha "narrowband" għall-abbonati, filwaqt li tosserva l-limitu massimu globali tal-gruppi tas-servizzi residenzjali u tas-servizzi professjonali.

58 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-punti 106 sa 124 tas-sentenza appellata, jekk, minkejja din il-marġni ta' manuvra, l-intervent tar-RegTP fl-iffissar tal-prezzijiet bl-innut tal-appellanti għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati kellux bħala konsegwenza li din tal-aħħar ma tkunx suġġetta għall-Artikolu 82 KE. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet, fil-punt 107 ta' din is-sentenza, li l-fatt li dawn il-prezzijiet bl-innut għandhom jiġu approvati mir-RegTP ma teskludix ir-responsabbiltà tal-appellanti skont l-Artikolu 82 KE billi hija taġixxi fuq l-ammont tal-prezzijiet bl-innut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati permezz ta' talbiet ta' awtorizzazzjoni ppreżentati fi ħdan ir-RegTP.

59 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 108 sa 124 tas-sentenza appellata, l-argumentazzjoni tal-appellanti li tgħid li hija ma għandha l-ebda responsabbiltà taħt l-Artikolu 82 KE billi r-RegTP twettaq sħarriġ *ex ante* tal-kompatibbiltà tal-prezzijiet bl-innut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati mal-Artikolu 82 KE.

60 Fil-punti 109 sa 114 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali osservat li l-prezzijiet bl-innut għall-aċċess għal-linji analoġiċi kienu bbażati fuq deċiżjonijiet meħuda, taħt il-qafas tal-leġislazzjoni fis-seħħ qabel l-adozzjoni tat-TKG, mill-Ministeru Federali tal-Posta u tat-Telekomunikazzjonijiet, li d-dispożizzjonijiet tat-TKG ma jurux li r-RegTP teżamina l-kompatibbiltà tat-talbiet ta' bidla fil-prezzijiet bl-innut għas-

servizzi ta' aċċess "narrowband" mal-Artikolu 82 KE, li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jaġixxu skont id-dritt nazzjonali, li dan jista' jkollu għanijiet li, filwaqt li jidħlu fil-politiki tat-telekomunikazzjonijiet, huma differenti minn dawk tal-politika ta' kompetizzjoni tal-Unjoni u li d-diversi deċiżjonijiet tar-RegTP li tirreferi għalihom l-appellanti insostenn tal-argument tagħha ma jinkludu ebda referenza għall-Artikolu 82 KE.

- 61 Fir-rigward taċ-ċirkustanza li, f'numru ta' deċiżjonijiet, ir-RegTP eżaminat il-kwistjoni dwar l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 116 sa 119 tas-sentenza appellata, li l-fatt li r-RegTP, wara li kkonstatat id-differenza negattiva bejn il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u l-prezzijiet bl-imnut tal-appellanti, ikkunsidrat, kull darba, li l-użu tas-sussidji trażversali bejn il-prezzijiet għas-servizzi ta' aċċess u l-prezzijiet għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet kellu jippermetti lill-operaturi l-oħra joffru lill-abbonati tagħhom prezzijiet kompetittivi juri li r-RegTP ma eżaminatx il-kompatibbiltà tal-prezzijiet inkwistjoni mal-Artikolu 82 KE jew li, minn tal-inqas, applikata b'mod żbaljat.
- 62 Il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fil-punt 120 tas-sentenza appellata, li, fi kwalunkwe każ, anki li kieku kellu jitqies li r-RegTP hija obbligata teżamina l-kompatibbiltà tal-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati proposti mill-appellanti mal-Artikolu 82 KE, il-Kummissjoni ma tistax tkun marbuta b'deċiżjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali b'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.
- 63 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punti 121 sa 123 tas-sentenza appellata, li sabiex ksur eventwali jkun jista' jiġi imputat lill-appellanti, hija rilevanti l-kwistjoni dwar jekk hija kellhiex, fiż-żmien tal-fatti tal-kawża, marġni ta' manuvra suffiċjenti

sabiex tiffissa l-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess "narrowband" għall-abbonati fuq livell tali li kien jippermettilha telimina jew tnaqqas l-allegata pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. Il-Qorti Ġenerali tenniet f'dan ir-rigward li l-appellanti setgħet tinfluwenza l-ammont ta' dawn il-prezzijiet bl-imnut permezz ta' talbiet ta' awtorizzazzjoni ppreżentati quddiem ir-RegTP. Barra minn hekk, hija osservat li, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Frar 2004, il-Bundesgerichtshof kienet espressament ikkonfermat ir-responsabbiltà tal-appellanti tar-rikorrenti sabiex tressaq tali talbiet u l-fatt li l-kuntest ġuridiku Ġermaniż ma kienx jeskludi li r-RegTP awtorizzat tariffi li jiksru l-Artikolu 82 KE.

64 B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 124 tas-sentenza appellata, li, minkejja l-intervent tar-RegTP fl-iffissar tal-prezzijiet tagħha bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess "narrowband" għall-abbonati, l-appellanti kellha, matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 2001, marġni ta' manuvra suffiċjenti sabiex il-politika tal-prezzijiet tagħha tkun tista' taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE.

65 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 2002, wara li kkonstatat, fil-punti 144 u 145 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma tikkontestax l-argument li hija setgħet iżżid il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess "broadband" (ADSL) minn din id-data u li, peress li tiffissahom liberament fil-limiti previsti mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża, il-prattiki tariffarji tagħha f'dan il-qasam jistgħu jaqgħu taħt l-Artikolu 82 KE, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-punti 147 sa 151 ta' din is-sentenza, jekk l-appellanti setgħetx naqset il-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet billi iżżid il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess "broadband". Il-punti 148 u 149 ta' din is-sentenza huma redatti kif ġej:

"148 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, billi s-servizzi ta' aċċess, fuq il-livell tas-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali], jippermettu li jiġu pprovduti, fuq il-livell ta' l-abbonati, is-servizzi kollha ta' aċċess [...], il-marġni ta' flessibilità [manuvra] għad-dispożizzjoni tar-rikorrenti sabiex

tgħolli [l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess 'broadband'] huwa tali li jnaqqas il-prezzjoni fuq il-marġni bejn il-prezzijiet [bl-ingrossa] tas-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali], minn naħa, u l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi kollha ta' aċċess [għall-abbonati] min-naħa l-oħra. Għandha ssir analiżi konġunta, fuq il-livell ta' l-abbonati, tas-servizzi ta' aċċess [...] mhux biss minħabba li jikkorrispondu għal provvista waħda ta' servizzi fuq il-livell intermedjarju, iżda wkoll minħabba l-fatt li, kif spjegat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni [kontenzjuża] mingħajr ma ġiet ikkontestata fuq dan il-punt mirrikorrenti, l-ADSL ma jistax jiġi offert lill-abbonati b'mod iżolat, billi jimplika dejjem, għal raġunijiet tekniċi, aġġornament tal-linji analogi [analoġiċi] jew [...] narrowband.

- 149 L-osservazzjonijiet tar-rikorrenti dwar allegata elastiċità trażversali tal-prezzijiet bejn l-ADSL u l-konnessjonijiet narrowband kif ukoll bejn id-diversi varjanti ADSL għandhom jiġu miċħuda. Fil-fatt, minn naħa, dawn l-osservazzjonijiet ma jikkontradixxux l-eżistenza ta' marġni ta' flessibbiltà tar-rikorrenti sabiex tgħolli t-tariffi ADSL tagħha. Min-naħa l-oħra, żieda limitata fit-tariffi ADSL kienet tirriżulta f'tariffa bl-imnut medja oġhla għas-servizzi ta' aċċess narrowband u broadband u għalhekk kienet tnaqqas il-prezzjoni fuq il-marġni kkonstatata. Fil-fatt, għandu jiġi kkunsidrat li, fid-dawl b'mod partikolari tal-vantaġġi tal-broadband fuq il-livell tat-trasferiment tad-data, l-abbonati tas-servizzi ta' aċċess għal broadband mhumiex awtomatikament ser jiffavorixxu ritorn lejn konnessjoni narrowband f'każ ta' żieda tal-prezzijiet bl-imnut ta' aċċess ADSL.”

ii) L-argumenti tal-partijiet

⁶⁶ Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 2001, l-appellanti ssostni, permezz ta' lment preliminari, li l-Qorti Ġenerali hija

żbaljatament ibbażata fuq il-premessa li tgħid li l-eżistenza ta' marġni ta' manuvra sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati hija kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti ta' imputabbiltà tal-ksur. Fil-fatt, l-eżistenza ta' tali marġni ta' manuvra ma tippermettix li tingħata tweġiba għall-kwistjoni dwar jekk il-fatt li l-appellanti ma talbitx awtorizzazzjoni lir-RegTP sabiex tgħolli dawn il-prezzijiet bl-imnut kienu jikkostitwixxi żball.

67 Issa, skont l-appellanti, f'dan il-kuntest il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li r-RegTP eżaminat l-allegat pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet u tqis li din ma kinitx tirrestrinġi l-kompetizzjoni. Meta impriża f'pożizzjoni dominanti tkun suġġetta għar-regolamentazzjoni ta' awtorità regolatorja nazzjonali maħluqa f'dan ir-rigward f'qafas legali ffukat fuq il-kompetizzjoni u meta mgħiba partikolari tiġi eżaminata, mingħajr ma tiġi kkontestata, mill-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti fi ħdan dan il-qafas, ir-responsabbiltà għall-preżervazzjoni tal-istruttura tas-suq min-naħa tal-impriża dominanti tiġi ssostitwita mir-responsabbiltà ta' din l-awtorità. Fl-istess każ, ir-responsabbiltà tal-impriża dominanti tkun limitata għall-obbligu ta' trażmissjoni lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-informazzjoni kollha neċessarja għall-istħarriġ tal-imgħiba tagħha.

68 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellanti ssostni li l-punt 113 tas-sentenza kkontestata hija żbaljata peress li r-RegTP kellha l-obbligu li tosserva d-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Bl-istess mod, il-punt 123 ta' din is-sentenza jikkomporta żball. Fil-fatt il-Bundesgerichtshof ma ddeċidietx li r-responsabbiltà tal-appellanti li tifformula talbiet għat-tibdil fit-tariffi tagħha timplika li hija għandha tissostitwixxi l-ewalwazzjoni tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE għal dik tal-awtorità regolatorja nazzjonali. Barra minn hekk, il-punt 120 tas-sentenza appellata, li jgħid li l-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet għandha tiġi imputata lilha peress li l-Kummissjoni ma tistax tkun vinkolata b'deċizzjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali b'applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE, mhuwiex konvinċenti. Fil-fatt, minn naħa, il-kwistjoni f'dan il-każ tikkonċerna biss l-imputabbiltà u mhux il-punt dwar jekk l-ewalwazzjoni tar-RegTP tivvinkolax lill-Kummissjoni fuq il-mertu. Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom rwol awtonomu fil-kuntest tal-ħolqien ta' sistema ta' kompetizzjoni fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. Fl-aħħar

nett, il-prinċipju ta' ċertezza legali jirrikjedi li impriża dominanti li tkun suġġetta għar-regolamentazzjoni nazzjonali tkun tista' tafda l-eżattezza tagħha.

- 69 Permezz tat-tieni lment, l-appellanti ssostni li l-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 111 sa 119 tas-sentenza appellata huma neqsin minn rilevanza jew jikkomportaw żbalji ta' liġi. Fil-fatt, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali jwassal għal ċirku vizzjuż illegali billi jiddeduċi mir-riżultat differenti li għalih waslet li l-appellanti ma kellhiex dritt li tistrieħ fuq ir-riżultat tal-eżami mwettaq mir-RegTP. Barra minn hekk, il-kunċett ta' "sussidji trażversali" użat minn din tal-aħħar ma tax lok għall-iċken dubju fir-rigward tal-eżattezza tal-konstatazzjonijiet tagħha. Barra minn hekk, il-punti 111 sa 114 ta' din is-sentenza huma legalment żbaljati għal raġunijiet diġà msemmija fil-punt 66 ta' din is-sentenza.
- 70 Permezz tat-tielet ilment, l-appellanti ssostni li, bil-kontra ta' dak li ġie deċiż mill-Qorti Ġenerali fil-punti 109 u 110 tas-sentenza appellata, il-fatt li l-prezzijiet bl-imnut tagħha għall-aċċess għal-linji analoġiċi kienu jiddependu fuq awtorizzazzjoni mill-Ministeru Federali tal-Posta u tat-Telekomunikazzjonijiet huwa nieqes minn rilevanza għall-eżami tal-imputabbiltà. Iċ-ċaħda mir-RegTP tal-ilment ibbażat fuq pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet li tirrestrinġi l-kompetizzjoni min-naħa l-oħra hija determinanti.
- 71 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-21 ta' Mejju 2003, l-appellanti ssostni, l-ewwel nett, li s-sentenza appellata hija żbaljata sa fejn, bħal fil-każ tal-perijodu preċedenti, il-prezzjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet mhijiex imputabbli lilha.

- 72 It-tieni nett, l-appellanti tqis li s-sentenza appellata tinkludi kontradizzjoni bejn l-eżami tal-imputabbiltà tal-ksur u l-kalkolu tal-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali tirrikjedi “sussidju trażversali” bejn żewġt iswieq, jiġifieri dak tal-aċċess għan-“narrowband”, minn naħa, u dak tal-aċċess għall-“broadband” min-naħa l-oħra, meta, fil-kuntest tal-kalkolu tal-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, il-Qorti Ġenerali tonqos milli tieħu inkunsiderazzjoni dħul li l-kompetituri jiksbu mis-servizzi ta’ komunikazzjoni, b’mod partikolari peress li huma ma jistgħux ikunu suġġetti għall-possibbiltà ta’ sussidju trażversali bejn żewġt iswieq, jiġifieri s-suq tas-servizzi ta’ aċċess għall-abbonati, minn naħa, u dak tas-servizzi ta’ komunikazzjoni, min-naħa l-oħra.
- 73 It-tielet nett, l-appellanti tallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi billi għamlet suppożizzjonijiet infondati fir-rigward tal-possibbiltà ta’ tnaqqis fil-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. Il-konstatazzjoni, fil-punt 149 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-elastiċità trażversali tal-prezzijiet ma tneħħix il-marġni ta’ manuvra tal-appellanti sabiex tgħolli l-prezzijiet tagħha għall-ADSL, minkejja li hija eżatta, hija nieqsa minn rilevanza. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-kwistjoni dwar jekk, u sa fejn, abbonat għal linja “narrowband” jibqa’ lura milli jaqleb għal linja “broadband” minħabba ż-żieda fil-prezzijiet ta’ din tal-aħħar.
- 74 Il-Kummissjoni tenfasizza n-natura żbaljata tat-teżi ewlenija tal-appellanti li tgħid, minn naħa, li l-ksur mhuwiex imputabbli lilha peress li l-fatti jaqaw taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità regolatorja nazzjonali u, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma tistax tressaq azzjoni direttament kontra impriża rregolata f’każ li diġà kien suġġett għal deċiżjoni tar-RegTP. L-ilmenti tal-appellanti għandhom għaldaqstant jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.
- 75 Fir-rigward ta’ Vodafone, hija ssostni li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija inammissibbli peress li l-appellanti tirriproduċi sempliċement l-argumenti li hija kienet diġà invokat matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali bis-sempliċi għan li tikseb eżami mill-ġdid ta’ dan l-argument min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja. Sussidjarjament, l-ilmenti tal-appellanti għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

76 Matul is-seduta, Versatel sostniet ukoll li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat għustament li l-appellanti kellha biżżejjed marġni ta' manuvra sabiex iżżid il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.

iii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

77 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' din il-parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti, filwaqt li ċertament ittenni essenzjalment l-argumentazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali, tilmenta li l-istess Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkunsidrat kriterju legali żbaljat fir-rigward tal-imputabbiltà tal-ksur skont l-Artikolu 82 KE. Bil-kontra ta' dak li ssostni Vodafone, din il-parti tal-ewwel aggravju hija għaldaqstant ammissibbli, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 25 ta' din is-sentenza.

78 Fir-rigward tal-mertu tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, għandu jiġi osservat li l-appellanti essenzjalment tilmenta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-perssjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet ikkonstatata fid-deċiżjoni kontenzjuża kienet imputabbli lilha taħt l-Artikolu 82 KE għas-sempliċi raġuni li hija kellha marġni ta' manuvra sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati. Din il-parti kollha tal-ewwel aggravju hija bbażata f'dan ir-rigward fuq il-premessa li tgħid li tali marġni ta' manuvra mhijiex kundizzjoni suffiċjenti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE meta, bħal f'dan il-każ, il-prattika tal-prezzijiet inkwistjoni ġiet approvata mill-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet, jiġifieri r-RegTP.

79 Issa, it-tali premessa hija żbaljata.

- 80 Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk aġir antikompetittiv ikun impost fuq l-impreżi permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali jew jekk din tal-aħħar toħloq kuntest legali li jelimina huwa stess kull possibbiltà ta' aġir kompetittiv min-naħa tagħhom, l-Artikoli 81 KE u 82 KE mhumiex applikabbli. F'sitwazzjoni tali, fil-fatt, ir-restrizzjoni ta' kompetizzjoni ma tkunx ikkawżata, kif jimplikaw dawn id-dispożizzjonijiet, mill-aġir awtonomu tal-impreżi. Min-naħa l-oħra, l-Artikoli 81 KE u 82 KE jistgħu jkunu applikabbli jekk jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tħalli lok għall-possibbiltà li jkun hemm prevenzjoni, restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni permezz ta' aġir awtonomu tal-impreżi (sentenza tal-11 ta' Novembru 1997, Il-Kummissjoni u Franza vs Ladbroke Racing, C-359/95 P u C-379/95 P, Ġabra p. I-6265, punti 33 u 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 81 Il-possibbiltà li jiġi eskluż aġir antikompetittiv partikolari mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, minħabba l-fatt li dan ġie impost fuq l-impreżi inkwistjoni mil-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti jew li din neħħiet kull possibbiltà ta' aġir antikompetittiv min-naħa tagħhom, ġiet ammessa b'mod restrittiv biss min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenzi tal-20 ta' Marzu 1985, L-Italja vs Il-Kummissjoni, 41/83, Ġabra p. 873, punt 19; tal-10 ta' Diċembru 1985, Stichting Sigarettenindustrie et vs Il-Kummissjoni, 240/82 sa 242/82, 261/82, 262/82, 268/82 u 269/82, Ġabra p. 3831, punti 27 sa 29, kif ukoll tad-9 ta' Settembru 2003, CIF, C-198/01, Ġabra p. I-8055, punt 67).
- 82 B'hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, jekk liġi nazzjonali sempliċement tinkoraġġixxi jew tiffaċilita l-adozzjoni, mill-impreżi, ta' aġir antikompetittiv awtonomu, dawn tal-aħħar jibqgħu suġġetti għall-Artikoli 81 KE u 82 KE (sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1975, Suiker Unie et vs Il-Kummissjoni, 40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, Ġabra p. 1663, punti 36 sa 73, kif ukoll CIF, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56).
- 83 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma fil-fatt l-impreżi dominanti li għandhom responsabbiltà partikolari li ma jippreġudikawx, permezz tal-aġir tagħhom, kompetizzjoni effettiva u mhux distorta fis-suq komuni (sentenza tad-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni, 322/81, Ġabra p. 3461 punt 57).

- 84 B'hekk is-sempliċi ċirkustanza li l-appellanti ġiet inkoraġġuta, permezz tal-interventi ta' awtorità regolatorja nazzjonali b'halma hi r-RegTP, iżżomm fis-seħħ tal-prattiki tariffarji tagħha li jwasslu għal pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri minn tal-inqas daqstant effikaċja tagħha ma tistax, fiha nnifisha, telimina r-responsabbiltà tagħha taħt l-Artikolu 82 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 1985, Clair, 123/83, Ġabra p. 391, punti 21 sa 23).
- 85 Peress li, minkejja t-tali interventi, l-appellanti kellha marġni ta' manovra sabiex tbiiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, il-Qorti Ġenerali setgħet għustament tikkonkludi, għal din is-sempliċi raġuni, li l-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet inkwistjoni hija imputabbli lilha.
- 86 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-argumentazzjoni li hija tiżviluppa taħt l-ewwel parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti ma tikkontestax l-eżistenza ta' tali marġni ta' manovra. B'mod partikolari, l-appellanti ma tikkontestax il-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 97 sa 105 u 121 sa 151 tas-sentenza appellata, li jgħidu, essenzjalment, li hija setgħet tressaq it-talbiet ta' awtorizzazzjoni tagħha quddiem ir-RegTP bil-għan li tbiiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, b'mod iktar partikolari l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess "narrowband", fir-rigward tal-perijodu inkluż bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2001, u l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess "broadband", fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 2002.
- 87 Min-naħa l-oħra, l-appellanti tiegħu ħsieb, permezz tad-diversi lmenti u argumenti tagħha, li tesponi n-natura ta' inkoraġġiment tar-RegTP billi tenfasizza, b'mod partikolari, minn naħa, li din l-awtorità regolatorja nazzjonali nnifisha eżaminat u approvat il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet inkwistjoni kemm fir-rigward tad-dritt nazzjonali kif ukoll fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni dwar it-telekomunikazzjonijiet kif ukoll tal-Artikolu 82 KE u, min-naħa l-oħra, li l-Bundesgerichtshof iddeċidiet, f'sentenza tal-10 ta' Frar 2004, li l-appellanti ma tistax tissostitwixxi ruħha għar-RegTP sabiex tevalwa jekk Prattika tal-prezzijiet tmurx kontra l-Artikolu 82 KE.

- 88 Għar-raġunijiet esposti fil-punti 80 sa 85 ta' din is-sentenza, dawn iċ-ċirkustanzi assolutament ma jistgħux joħolqu dubji dwar il-fatt li din il-prattika tal-prezzijiet hija imputabbli lill-appellanti billi huwa paċifiku li din tal-aħħar kellha marġni ta' manuvra sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u, għaldaqstant, tali ċirkustanzi mhumiex rilevanti sabiex jiġu kkontestati l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fuq dan il-punt.
- 89 B'mod partikolari, l-appellanti ma tistax tilmenta f'dan ir-rigward li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx jekk hija wettqitx "żball" billi ma użatx il-marġni ta' manuvra li hija kellha sabiex titlob l-awtorizzazzjoni lir-RegTP sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati. Fil-fatt, in-natura sew jekk "żbaljata" sew jekk le ta' tali aġir mhijiex tali li tmur kontra l-konstatazzjoni li tgħid li l-appellanti kellha marġni ta' manuvra sabiex tadottah, iżda tista' tittieħed inkunsiderazzjoni biss fil-kuntest tad-determinazzjoni tan-natura ta' ksur ta' dan l-aġir kif ukoll fl-istadju tal-iffissar tal-ammont tal-multi.
- 90 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat f'dan ir-rigward li, hekk kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 120 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni ma tistax, fi kwalunkwe każ, tkun marbuta b'deċiżjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali skont l-Artikolu 82 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2000, Masterfoods u HB, C-344/98, Ġabra p. I-11369, punt 48). F'dan il-każ, l-appellanti wara kollox ma tichadix il-fatt li d-deċiżjonijiet tar-RegTP ma jivvinkolawx lill-Kummissjoni.
- 91 Ċertament, ma jistax jiġi eskluż, bħalma tosserva l-appellanti, li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali nnifishom kisor l-Artikolu 82 KE, moqri flimkien mal-Artikolu 10 KE, b'tali mod li l-Kummissjoni setgħet f'dan is-sens tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, t-tali ċirkustanza hija wkoll mingħajr inċidenza fuq il-marġni ta' manuvra li kellha

l-appellanti sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u, għaldaqstant, hekk kif jirriżulta diġà mill-punti 44 sa 49 ta' din is-sentenza, hija ineffettiva fl-istadju ta' dan l-appell għall-kontestazzjoni tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fuq l-imputabbiltà tal-ksur lill-appellanti.

92 L-istess jgħodd għaċ-ċirkustanza allegata mill-appellanti li tgħid li r-regolamentazzjoni magħmula mir-RegTP għandha bħala għan li tiftaħ is-swieq ikkonċernati għall-kompetizzjoni. Fil-fatt, huwa paċifiku li din ir-regolamentazzjoni assolutament ma ċċaħħadx lill-appellanti mill-possibbiltà li tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u, għaldaqstant, mill-possibbiltà li tadotta aġir awtonomu suġġett għall-Artikolu 82 KE, fejn f'dan ir-rigward ir-regoli dwar il-kompetizzjoni previsti mit-Trattat KE jikkompletaw, billi ssir verifika *ex post*, il-qafas leġiżlattiv adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni bil-għan li jiġu rregolati *ex ante* s-swieq tat-telekomunikazzjonijiet.

93 Bl-istess mod, għandu jiġi eskluż l-ilment li jgħid li l-Qorti Ġenerali, minħabba l-elastiċità trażversali tal-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess "broadband", u l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess "narrowband", wettqet żball ta' liġi fil-punt 149 tas-sentenza appellata, fir-rigward tal-possibbiltà għall-appellanti li tnaqqas il-prezzjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet mill-1 ta' Jannar 2002 billi tgħolli l-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess "broadband". Fil-fatt, hekk kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali f'dan l-istess punt, dan l-ilment imkien ma jikkontradiċi l-eżistenza ta' marġni ta' manuvra tal-appellanti sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess "broadband". Barra minn hekk, sa fejn l-appellanti għandha wkoll l-intenzjoni li tikkontesta li din iż-żieda wasslet għal prezz bl-imnut medju ogħla għas-servizzi ta' aċċess "narrowband" u "broadband" mingħajr distinzjoni, dan l-ilment għandu, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 53 ta' din is-sentenza, jiġi miċħud bħala inammissibbli peress li huwa intiż sabiex iqajjem dubji, mingħajr ma

jalleġa l-ickien żnaturament, dwar l-evalwazzjoni definittiva tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata.

- 94 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq raġunijiet kontradiċenti, imsemmi fil-punt 72 ta' din is-sentenza, dan lanqas ma jista' jiġi milqugħ peress li jibbaża ruħu fuq premessa żbaljata. Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 119 u 199 sa 201 tas-sentenza appellata, eskudiet il-possibbiltà, fl-istadju tal-kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, ta' sussidju trażversali bejn żewġt iswieq separati, jiġifieri, rispettivament, dak tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u dak tas-servizzi ta' komunikazzjoni għall-abbonati, huwa żbaljat li jiġi kkunsidrat li kienet tirrikjedi tali sussidju trażversali fl-istadju tal-eżami tal-imputabbiltà tal-ksur.
- 95 Fil-fatt, fil-punti 148 sa 150 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha, f'dan ir-rigward, sabiex tikkonstata li l-marġni ta' manuvra li kellha l-appellanti sabiex iżżid il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess "broadband" kienet tali li tnaqqas il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet li tirriżulta mid-differenza bejn il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi kollha ta' aċċess għall-abbonati. B'hekk, il-Qorti Ġenerali assolutament ma kienet irrikjediet prattika ta' sussidji trażversali bejn is-servizzi ta' aċċess "narrowband" u s-servizzi ta' aċċess "broadband", u dan wisq inqas meta, hekk kif jikkonstata l-punt 148 tas-sentenza appellata mingħajr ma ssir kontestazzjoni mill-appellanti fil-kuntest ta' dan l-appell, jeżisti, fil-qafas tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, suq uniku ta' servizzi separat, fejn is-servizzi ta' aċċess ipprovduti f'dan il-livell jippermettu lill-kompetituri tal-appellanti jipprovdu lill-abbonati tagħhom kemm is-servizzi ta' aċċess "narrowband" kif ukoll is-servizzi ta' aċċess "broadband", fejn barra minn hekk, għal raġunijiet tekniċi, dawn l-aħħar servizzi ma jistgħux jiġu proposti lill-abbonati b'mod iżolat.
- 96 Għaldaqstant l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandu jiġi kollu kemm hu miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment ineffettiv jew infondat.

b) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju, dwar il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

i) Sentenza appellata

⁹⁷ Wara li fakkret, fil-punt 267 tas-sentenza appellata, li, f'numru ta' deċiżjonijiet meħuda matul il-perijodu inkwistjoni, ir-RegTP ikkunsidrat li, anki jekk teżisti differenza negattiva bejn il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali tal-appellanti u l-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, ir-rikors għas-sussidju trażversali bejn is-servizzi ta' aċċess u s-servizzi ta' komunikazzjonijiet kellu jippermetti lill-operaturi l-oħra li joffru lill-abbonati tagħhom prezzijiet kompetittivi, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 268 ta' din is-sentenza, li d-deċiżjonijiet tar-RegTP ma jinkludu ebda referenza għall-Artikolu 82 KE u li jirriżulta impliċitament iżda neċessarjament mid-deċiżjonijiet tar-RegTP li l-prattiki tariffarji tal-appellanti għandhom effett antikompetittiv, filwaqt li l-kompetituri tal-appellanti għandhom jirrikorru għal sussidju trażversali sabiex ikunu jistgħu jibqgħu kompetittivi fis-suq tas-servizzi ta' aċċess.

⁹⁸ Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet f'dan ir-rigward fil-punt 269 tas-sentenza appellata:

“F'dawn il-kundizzjonijiet, id-deċiżjonijiet tar-RegTP ma setgħux jiġġustifikaw aspettattivi leġittimi għar-rikorrenti li l-prattiki tat-tariffi tagħha kienu konformi ma' l-Artikolu 82 KE. Għandu jiġi enfasizzat barra minn dan li l-Bundesgerichtshof, fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Frar 2004 li tannulla s-sentenza ta' l-Oberlandesgericht Düsseldorf tas-16 ta' Jannar 2002, ikkonfermat li 'l-proċedura amministrattiva ta' evalwazzjoni [mir-RegTP] [...] ma [t]eskludix il-possibbiltà Prattika li impriża tippreżenta tariffa li permezz tagħha hija tabbuża mill-pożizzjoni dominanti tagħha u

tikseb l-awtorizzazzjoni tagħha minħabba li l-abbuż ma jinkixifx matul il-proċedura ta' evalwazzjoni”.

ii) L-argumenti tal-partijiet

⁹⁹ L-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali applikat il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi b'mod żbaljat. Fil-fatt, peress li d-deċiżjonijiet tar-RegTP ċaħdu b'mod ripetittiv l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet li tirrestrinġi l-kompetizzjoni, dawn ħolqu, fi ħsiebha, aspettattiva fil-legalità tat-tariffi tagħha li jisthoqqlha protezzjoni.

¹⁰⁰ F'dan ir-rigward, l-appellanti, permezz tal-ewwel ilment tagħha, tallega li l-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjonijiet tar-RegTP jagħmlux riferenza espliċita għall-Artikolu 82 KE hija nieqsa minn rilevanza peress li fi kwalunkwe każ din tal-aħħar ċaħdet l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

¹⁰¹ Permezz tat-tieni lment, l-appellanti ssostni li, bil-kontra ta' dak li qieset il-Qorti Ġenerali fil-punti 267 u 268 tas-sentenza appellata, ma jirriżultax la mill-espożizzjoni tar-RegTP dwar il-possibbiltà ta' "sussidju trażversali" mal-prezzijiet tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet u lanqas mill-użu tal-espressjoni "sussidju trażversali", li l-prattiki tariffarji tagħha għandhom effett antikompetittiv.

¹⁰² Permezz tat-tielet ilment, l-appellanti ssostni li r-referenza, fil-punt 269 tas-sentenza appellata, għal sentenza tal-Bundesgerichtshof tal-10 ta' Frar 2004 hija nieqsa minn

kull rilevanza. Fil-fatt, billi ġiet adottata wara l-perijodu ta' referenza, din is-sentenza ma tistax tkun determinanti għall-kwistjoni dwar jekk l-appellanti kellhiex dritt tistrieħ fuq l-eżattezza tad-deċiżjonijiet tar-RegTP matul dan il-perijodu. Bil-kontra, minn sentenza tal-Oberlandesgericht Düsseldorf tas-16 ta' Jannar 2002 l-appellanti setgħet tiddeduċi elementi oħra li jindikaw li hija kellha dritt tistrieħ fuq id-deċiżjonijiet tar-RegTP, fejn din il-qorti ddeċidiet li d-deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar kienu jeskludu kull ksur tal-Artikolu 82 KE.

¹⁰³ Il-Kummissjoni ssostni li, għalkemm id-dikjarazzjonijiet tar-RegTP ma jantiċipawx l-ewwelwazzjoni tagħha fir-rigward tal-Artikolu 82 KE, dawn lanqas ma jistgħu joħolqu aspettattiva leġittima li l-Kummissjoni għandha ssegwi l-opinjoni ta' din ir-RegTP. L-ilmenti tal-appellanti għandhom għaldaqstant jiġu miċħuda bħala ineffettivi jew infondati.

¹⁰⁴ Vodafone tqis li t-tieni parti tal-ewwel aggravju hija inammissibbli peress li l-appellanti, essenzjalment, tirrepeti sempliċement l-ilmenti diġà invokati quddiem il-Qorti Ġenerali dwar l-importanza tad-deċiżjonijiet preċedenti tar-RegTP, fejn l-affermazzjonijiet tagħha jikkonċernaw il-possibbiltà ta' sussidju trażversali u s-sinjifikat ta' sentenza tal-Oberlandesgericht Düsseldorf. Fi kwalunkwe każ, din il-parti hija infondata peress li tista' tinholq aspettattiva leġittima biss permezz tal-awtorità kompetenti għas-sitwazzjoni ġuridika inkwistjoni.

iii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

¹⁰⁵ Għandu jiġi osservat li, permezz ta' dawn l-ilmenti, l-appellanti tieħu l-ħsieb li ssostni, mingħajr ma tiżviluppa argumentazzjoni ġuridika tali li turi r-raġuni li

għaliha l-punti 267 sa 269 tas-sentenza appellata kienu jinkludu żball ta' liġi, li d-deċiżjonijiet adottati mir-RegTP jew mogħtija minn ċerti qrati nazzjonali setgħu joħolqu fiha l-aspettattiva leġittima li l-prattiki tariffarji tagħha kienu konformi mal-Artikolu 82 KE, fejn reġgħet tenniet jew żviluppat f'dan ir-rigward l-argumenti li diġà ġew invokati fl-ewwel istanza quddiem il-Qorti Ġenerali bil-għan li juru ksur mill-Kummissjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

106 Għandu jiġi kkonstatat li, b'hekk, l-appellanti, billi għaldaqstant tikkontesta d-deċiżjoni kontenzjuża, għandha l-intenzjoni li tikseb eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali u li, għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 24 ta' din is-sentenza, l-ilmenti tagħha huma, fuq dan il-punt, inammissibbli.

107 Barra minn hekk, sa fejn l-appellanti, fil-kuntest tat-tieni lment tagħha, tikkontesta l-fatt li hija setgħet tiddeduċi mid-deċiżjonijiet tar-RegTP li l-prattiki tariffarji tagħha pproduċew effett li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li hija għandha l-intenzjoni li tikkontesta l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali mingħajr ma tallega l-inqas żnaturament u li, għaldaqstant, b'mod konformi mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 53 ta' din is-sentenza, tali lment għandu wkoll jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli.

108 Fl-aħħar nett, sa fejn it-tielet ilment huwa intiż sabiex jikkontesta r-rilevanza tas-sentenza mogħtija mill-Bundesgerichtshof fl-10 ta' Frar 2004, dan għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv peress li huwa bbażat fuq raġuni mhux rilevanti mogħtija sabiex tissostanzja konstatazzjonijiet oħra magħmula mill-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2009, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni, C-431/07 P, Ġabra p. I-2665, punt 148 u l-ġurisprudenza ċċitata).

109 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-użu tal-frażi "barra minn hekk" fil-bidu tat-tieni sentenza tal-punt 269 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet riferenza

għall-konstatazzjonijiet magħmula f'din is-sentenza tal-Bundesgerichtshof bis-sempliċi għan li tikkonferma l-konklużjoni li tirriżulta mill-motivi esposti fil-punti 267 u 268 tas-sentenza appellata u li kienu diġà jinsabu fl-ewwel sentenza tal-imsemmi punt 269 li jgħid li d-deċiżjonijiet tar-RegTO ma setgħux jagħtu lok għal aspettattiva leġittima fil-ħsieb tal-appellanti li l-prattiki tariffarji tagħha kienu konformi mal-Artikolu 82 KE.

110 B'hekk, it-tieni parti tal-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment ineffettiv.

c) Fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju, dwar in-natura intenzjonali jew negliġenti tal-ksur tal-Artikolu 82 KE

i) Sentenza appellata

111 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv tal-appellanti bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tan-natura intenzjonali jew negliġenti tal-ksur billi kkonstatat, fil-punt 286 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni kontenzjuża tinkludi referenza għall-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, li jimplementa l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3) li tippreċiża, fl-ewwel subparagrafu tagħha, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timponi multi, fosthom dawk il-kundizzjonijiet dwar in-natura intenzjonali jew negliġenti tal-ksur.

- 112 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 287 ta' din is-sentenza, li, fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni esponiet fid-dettall, ir-raġunijiet li għalihom hija tqis li l-prattika tal-prezzijiet tar-rikorrenti hija abbużiva fis-sens tal-Artikolu 82 KE kif ukoll ir-raġunijiet li għalihom l-appellanti għandha titqies li hija responsabbli tal-ksur ikkonstatat, minkejja l-fatt li l-awtoritajiet Ġermaniżi għandhom japprovaw it-tariffi tagħha.
- 113 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll il-motiv tal-appellanti bbażat fuq nuqqas ta' negliġenza jew ta' ksur intenzjonali. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 296 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma setgħetx tinjora li, minkejja d-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni tar-RegTP, hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha marġni ta' manuvra reali sabiex tnaqqas il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, u lanqas il-fatt li din il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet kienet tagħti lok għal restrizzjonijiet serji għall-kompetizzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-pożizzjoni monopolistika tagħha fis-suq tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u tal-pożizzjoni kważi monopolistika tagħha fis-suq tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.
- 114 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 298 tas-sentenza appellata, li l-ftuħ ta' proċedura prekontenzjuża kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kienx jeffettwa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 peress li l-appellanti ma setgħetx tinjora, minn naħa, li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha marġni ta' manuvra reali sabiex tgħolli l-prezzijiet bl-impliment tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u, min-naħa l-oħra, li l-prattiki tariffarji tagħha kienu jostakolaw l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-suq tas-servizzi ta' aċċess għan-netwerk lokali, li fih il-livell ta' kompetizzjoni kien diġà limitat, b'mod partikolari minħabba l-preżenza tagħha.
- 115 Fl-aħħar nett, fil-punt 299 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq l-eżami tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet mir-RegTP għar-raġunijiet esposti fil-punti 267 sa 269 ta' din is-sentenza, li huwa s-suġġett tal-punti 97 u 98 ta' din is-sentenza.

ii) L-argumenti tal-partijiet

- 116 L-appellanti ssostni, l-ewwel nett, li s-sentenza appellata, fil-punti 284 sa 289 tagħha tagħmel kunsiderazzjoni żbaljata tar-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE billi b'mod żbaljat tibda mill-prinċipju li l-kritika ta' negliġenza jew ta' ksur intenzjonali kien immotivat biżżejjed fid-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, din id-deċiżjoni ma tinkludi ebda konstatazzjoni legali jew fattwali dwar il-kwistjoni tan-negliġenza jew ta' ksur.
- 117 Fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni li mhuwiex biżżejjed, minn perspettiva ġuridika, li l-Kummissjoni tirreferi għall-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, fit-tieni premessa tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, il-premessa ma tagħmilx parti mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni, iżda tindika sempliċement il-bażi legali tagħha. Fi kwalunkwe każ, mit-tali premessa ma joħorġux ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tqis li l-ksur twettaq b'mod intenzjonat jew b'negliġenza.
- 118 Fit-tieni lok, l-appellanti tqis li konstatazzjonijiet sostantivi tal-Kummissjoni li għalihom tirreferi l-Qorti Ġenerali fil-punt 287 tas-sentenza appellata mhumiex tali li jimmotivaw il-kritika ta' ksur tal-Artikolu 82 KE imwettaq b'mod intenzjonat jew b'negliġenza billi dawn il-kunsiderazzjonijiet ma għandhom ebda rabta mal-kwistjoni tal-imputabbiltà suġġettiva tal-aġir, jiġifieri mal-kwistjoni dwar jekk l-appellanti setgħetx tinjora jew le n-natura antikompetittiva tal-aġir tagħha.
- 119 It-tieni nett, l-appellanti ssostni li l-evalwazzjoni tal-ksur mill-Qorti Ġenerali fiha nuqqas ta' motivazzjoni, billi, barra minn hekk, il-motivazzjoni tas-sentenza appellata hija bbażata fuq applikazzjoni żbaljata tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17. Fil-fatt, l-imputabbiltà suġġettiva ta' ksur eventwali tal-

Artikolu 82 KE hija nieqsa. Issa, fir-rigward tad-deċiżjonijiet tar-RegTP u n-nuqqas ta' preċedent fl-Unjoni Ewropea, l-appellanti injorat in-natura allegatament antikompetittiva tal-aġir tagħha.

- 120 Skont l-appellanti, il-kunsiderazzjonijiet dwar id-deċiżjonijiet tar-RegTP li jinsabu fil-punti 267 sa 269 tas-sentenza appellata u li għalihom tirreferi l-Qorti Ġenerali fil-punt 299 ta' din is-sentenza ma jippermettux li jiġi konkluż li wettqet ksur. Il-fatt li r-RegTP ma rreferietx b'mod espliċitu għall-Artikolu 82 KE mhuwiex determinanti peress li l-evalwazzjoni tal-iżball ma tiddependix mill-kwistjoni dwar jekk l-impriża kkonċernata kinitx taf li l-aġir tagħha jikser l-Artikolu 82 KE. Barra minn hekk, la l-kunċett ta' sussidju trażversali użat mir-RegTP u lanqas is-sentenza tal-Bundesgerichtshof tal-10 ta' Frar 2004 ma jippermettux li tiġi dedotta l-eżistenza ta' ksur imwettaq mill-appellanti. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina l-konklużjonijiet li l-appellanti kellha d-dritt li tislet mill-imġiba globali tal-Kummissjoni li tirriżulta mhux biss mit-tressiq tal-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, iżda wkoll mill-fatt li l-Kummissjoni informat lill-appellanti dwar l-intenzjoni tagħha li ma tkomplix bil-proċeduri mressqa kontriha.
- 121 Il-Kummissjoni ssostni li r-regolamentazzjoni tas-settur hija rilevanti biss għall-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti kinitx taf bin-natura illegali tal-aġir tagħha u mhux sabiex tiġi determinata n-natura intenzjonali tal-ksur. It-tielet parti tal-ewwel aggravju hija għaldaqstant ineffettiva jew, fi kwalunkwe każ, infondata.
- 122 Vodafone tqis li l-appellanti reġgħet tenniet, mill-ġdid, l-argumentazzjoni invokata quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tispedja li ma twettaq l-ebda ksur. Fi kwalunkwe każ, l-argumentazzjoni tal-appellanti hija inammissibbli sa fejn hija teżiġi li l-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi, fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-motivazzjoni ta' din is-

sentenza, għal raġunijiet ta' ekwità, l-evalwazzjoni tagħha stess ma' dik tal-Qorti Ġenerali. Fir-rigward tal-bqija, din il-parti hija infondata.

iii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

¹²³ Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li anki jekk dawn l-ilmenti jirrepetu b'mod parzjali l-argumentazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 25 ta' din is-sentenza dawn huma ammissibbli peress li huma intiżi li jikkritikawha talli kkunsidrat kriterju ġuridiku żbaljat għall-applikazzjoni tal-kundizzjoni dwar in-natura negliġenti jew intenzjonali tal-ksur u għall-verifika tal-osservanza ta' din il-kundizzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni li hija għandha. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali hijiex suffiċjenti tikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi li, bħala tali, tista' tiġi invokata fil-kuntest ta' appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, Ġabra p. I-6513, punt 90).

¹²⁴ Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ilmenti li jikkonċernaw il-fondatezza tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali, għandu jitfakkar, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-ksur twettaqx intenzjonalment jew b'negliġenza u jekk jistax, għalhekk, jiġi ppenalizzat b'multa, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta din il-kundizzjoni hija ssodisfatta meta l-impriża kkonċernata ma tistax tinjora n-natura antikompetittiva tal-aġir tagħha, kemm jekk hija kienet konxja jew le li kienet qed tikser ir-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat (ara s-sentenzi tat-8 ta' Novembru 1983, IAZ International Belgium *et* vs Il-Kummissjoni, 96/82 sa 102/82, 104/82, 105/82, 108/82 u 110/82,

Ġabra p. 3369, punt 45, kif ukoll *Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 107).

- 125 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 296 u 297 tas-sentenza appellata, qieset li din il-kundizzjoni ġiet sodisfatta billi, minn naħa, l-appellanti ma setgħetx tinjora l-fatt li hija kellha, minkejja d-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni tar-RegTP, ta' marġni ta' manuvra reali sabiex tiffissa l-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u li, min-naħa l-oħra, il-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet kienet twassal, fid-dawl tal-pożizzjoni monopolistika tagħha fis-suq bl-ingrossa tas-servizzi ta' aċċess għan-netwerk lokali u tal-pożizzjoni kważi monopolistika tagħha fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, għal restrizzjonijiet serji fuq il-kompetizzjoni.
- 126 Għandu jiġi kkonstatat li tali raġunament, li jistrieħ fuq konstatazzjonijiet fattwali li jaqgħu, fin-nuqqas ta' allegazzjoni ta' żnaturament, taħt l-evalwazzjoni definittiva tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali, ma huwa vvizjat b'ebda żball ta' liġi.
- 127 Fil-fatt, sa fejn l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet tar-RegTP jew dwar in-nuqqas ta' preċedent fl-Unjoni, għandu sempliċement jiġi kkonstatat li tali argumentazzjoni hija intiża biss sabiex tipprova li r-rikorrenti injorat in-natura illegali tal-aġir ikkritikat fid-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-Artikolu 82 KE. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 24 ta' din is-sentenza, tali argumentazzjoni għandha tiġi miċħuda bħala infondata.
- 128 L-istess jgħodd għall-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-ftuħ tal-proċedura prekontenzjuża skont l-Artikolu 226 KE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Fil-fatt, anki li kieku kellu jkun ammess li l-Kummissjoni informat lill-appellanti dwar l-intenzjoni tagħha li ma tkomplex

bil-proċedura ta' ksur skont l-Artikolu 82 KE kontriha, it-tali ċirkustanza mkien ma taffettwa l-konstatazzjoni li tgħid li l-appellanti ma setgħetx tinjora n-natura antikompetittiva tal-aġir tagħha. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 298 tad-deċiżjoni appellata, li t-tressiq tal-proċeduri inkwistjoni kienet mingħajr effett fuq in-natura intenzjonali jew neglġenti ta' ksur fis-sens tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17.

129 Fir-rigward tal-ilment imressaq mill-appellanti kontra l-punt 299 tas-sentenza appellata, b'mod konformi mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 108 ta' din is-sentenza, dan għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv, peress li huwa bbażat fuq raġuni mhux rilevanti mogħtija insostenn tal-konstatazzjonijiet magħmula fil-punti 296 u 297 tas-sentenza kkontestata, li waħedhom huma biżżejjed sabiex jipprovaw in-natura intenzjonali jew neglġenti tal-ksur.

130 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilmenti bbażati fuq l-istħarriġ mill-Qorti Ġenerali tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tan-natura intenzjonali jew neglġenti tal-ksur, għandu jifakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 253 KE jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali li għandu jkun distint mill-inkwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, li tikkonċerna l-legalità fuq il-mertu tal-att kontenzjuż. F'din il-perspettiva, il-motivazzjoni rikjesta mill-Artikolu 253 KE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li tippermetti lill-partijiet interessati li jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenza tat-22 ta' Marzu 2001, *Franza vs Il-Kummissjoni*, C-17/99, Ġabra p. I-2481, punt 35).

131 Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat abbażi taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li d-destinatarij tal-att jew kull persuna oħra kkonċernata direttament u individwalment

mill-att jista' jkollha li tirċievi spjegazzjonijiet. Mhuwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-imsemmi Artikolu 253 għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tagħha, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tagħha u tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' April 1998, *Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France*, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63, kif ukoll tal-10 ta' Lulju 2008, *Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala*, C-413/06 P, Ġabra p. I-4951, punt 166).

132 F'dan il-każ, fir-rigward tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, minn naħa, fil-punt 286 tas-sentenza appellata, li din id-deċiżjoni kienet tinkludi referenza għall-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, li jsemmi l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timponi multi, fosthom dik tan-natura intenzjonali jew negliġenti tal-ksur, u, min-naħa l-oħra, fil-punt 287 tal-istess sentenza, li, f'din l-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni esponiet fid-dettall ir-raġunijiet li għalihom hija tqis li l-prattiki tariffarji tal-appellanti huma abbużivi u r-raġunijiet li għalihom l-appellanti għandha tiġi meqjusa bħala responsabbli għall-ksur ikkonstatat, minkejja l-approvazzjoni tat-tariffi tagħha mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

133 Billi dawn il-konstatazzjonijiet jindikaw ir-raġunijiet li għalihom ittieħdet id-deċiżjoni kontenzjuża, huma jippermettu lill-appellanti ssir taf ir-raġunament tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' ftuħ fil-konfront tal-appellanti previsti fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 għall-ġhōti tal-multi. Għalhekk il-Qorti Ġenerali setgħet, mingħajr ma tikser l-Artikolu 253 KE, tislet minn dan li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet immotivata biżżejjed fuq dan il-punt fir-rigward tar-rekwiżiti li jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant l-ilment tal-appellanti f'dan ir-rigward huwa infondat.

- 134 Sa fejn l-appellanti żżid f'dan ir-rigward li l-konstatazzonijiet tal-Kummissjoni li għalihom issir referenza fil-punt 287 tas-sentenza appellata huma mingħajr rilevanza sabiex tiġi ddeterminata n-natura intenzjonali jew negliġenti ta' ksur, jeħtieġ sempliċement li jiġi kkonstatat li tali lment, intiż sabiex tiġi kkritikata l-fondatezza tal-motivazzjoni kkonstatata fid-deċiżjoni kontenzjuża, hija inammissibbli, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 24 ta' din is-sentenza, fl-istadju ta' dan l-appell.
- 135 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata, għandu jifakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni tas-sentenzi jirriżulta mill-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-Qorti Ġenerali skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-istess Statut u l-Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007, Naipes Heraclio Fournier vs UASI, C-311/05 P, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 136 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni ta' sentenza għandha tiżvela b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, sabiex il-persuni kkonċernati jsiru jafu l-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni meħuda u l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Mejju 1998, Il-Kunsill vs de Nil u Impens, C-259/96 P, Ġabra p. I-2915, punti 32 u 33, kif ukoll tas-17 ta' Mejju 2001, IECC vs Il-Kummissjoni, C-449/98 P, Ġabra p. I-3875, punt 70).
- 137 F'dan is-sens, jeħtieġ sempliċement li jiġi kkonstatat li, bħalma jirriżulta diġà mill-punt 125 ta' din is-sentenza, il-punti 296 u 297 tas-sentenza appellata juru b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tan-natura negliġenti jew intenzjonali tal-ksur allegat. Għaldaqstant, l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata fuq dan il-punt huwa nieqes minn kull bażi.

¹³⁸ B'hekk, it-tielet parti tal-ewwel aggravju għandu jiġi miċċud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment ineffettiv jew infondat.

d) Konklużjoni fuq l-ewwel aggravju

¹³⁹ Miċ-ċirkustanzi preċedenti kollha jirriżulta li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċċud fl-intier tiegħu.

3. Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE

¹⁴⁰ It-tieni aggravju mqajjem mill-appellanti jinqasam fi tliet partijiet, rispettivament dwar ir-rilevanza tal-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet sabiex jiġi kkonstatat abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE, dwar in-natura adegwata tal-metodu ta' kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet u dwar l-effetti tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet.

a) Sentenza appellata

¹⁴¹ Fil-punti 153 sa 207 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti tal-appellanti li jsostnu l-metodu użat mill-Kummissjoni għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet.

¹⁴² L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 166 sa 168 tas-sentenza appellata, l-ilment tal-appellanti li n-natura abbużiva ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tista' tirriżulta biss min-natura abbużiva tal-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati. Billi kkonstatat, fil-punt 166 ta' din is-sentenza, li, skont id-deċiżjoni kontenzjuża, l-abbuż imwettaq mill-appellanti jikkonsisti fl-impożizzjoni ta' prezzijiet iġusti fil-forma ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet għad-detriment tal-kompetituri tagħha, billi l-Kummissjoni kkunsidrat, li teżisti pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet abbużiv meta d-differenza bejn il-prezzijiet bl-imnut ta' impriża dominanti u l-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji għal servizzi paragonabbli għall-kompetituri tagħha hija negattiva jew insuffiċjenti sabiex tkopri l-ispejjeż speċifiċi tal-prodotti tal-operatur dominanti għall-provvista tas-servizzi bl-imnut tiegħu stess għall-abbonati, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 167 ta' din is-sentenza:

“Huwa minnu li, fid-deċiżjoni [kontenzjuża], il-Kummissjoni tistabbilixxi biss l-eżistenza tal-marġni ta' manuvra li r-rikorrenti kellha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex taġġusta l-prezzijiet bl-imnut tagħha [għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati]. Madankollu, in-natura abbużiva ta' l-imġiba tar-rikorrenti hija marbuta man-natura iġusta tad-differenza bejn il-prezzijiet [bl-ingrossa] tagħha għas-[servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali] u l-prezzijiet bl-imnut tagħha [għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati], fil-forma ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. Għaldaqstant, fid-dawl ta' l-abbuż ikkonstatat fid-deċiżjoni [kontenzjuża], il-Kummissjoni ma kinitx obligata tipprova, fid-deċiżjoni [kontenzjuża], li l-prezzijiet bl-imnut tar-rikorrenti kienu abbużivi fihom infushom.”

¹⁴³ It-tieni nett, fil-punti 183 sa 194 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment li permezz tiegħu l-appellanti kkritikat lill-Kummissjoni talli kkalcolat il-prezzjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet abbażi tat-tariffi u l-ispejjeż ta' impriża dominanti vertikament integrata billi eskudiet il-pożizzjoni speċifika tal-kompetituri fis-suq. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali, wara li enfasizzat, fil-punt 185 ta' din is-sentenza, li l-istħarriġ li teżerċita fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi magħmula mill-Kummissjoni huwa limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli ta' proċedura u ta'

motivazzjoni, kif ukoll tal-eżattezza materjali tal-fatti, tan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' abbuż ta' poter, iddeċidiet, b'mod partikolari, dan li ġej:

“186 Għandu jifakkar l-ewwel nett li, fid-deċiżjoni [kontenzjuża], il-Kummissjoni eżaminat jekk il-prattika tat-tariffi ta' l-impriża dominanti kinitx ta' natura tali li telimina mis-suq operatur ekonomiku effikaċja daqs l-impriża dominanti. Għalhekk, sabiex tevalwa jekk il-prattika tat-tariffi tar-rikorrenti kinitx abbużiva, il-Kummissjoni bbażata ruħha biss fuq it-tariffi u l-ispejjeż tar-rikorrenti, u mhux fuq is-sitwazzjoni speċifika tal-kompetituri, attwali jew potenzjali, tar-rikorrenti.

187 Fil-fatt, skond il-Kummissjoni, 'wieħed jista' jikkonkludi li hemm pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet abbużiva meta d-differenza bejn il-prezzijiet bl-imnut ta' impriża dominanti u t-tariffi [bl-ingrossa] tas-servizzi intermedjarji għal servizzi komparabbli għall-kompetituri tagħha hija negattiva jew insuffiċjenti sabiex tkopri l-ispejjeż speċifiċi tal-prodotti ta' l-operatur dominanti għall-provvista tas-servizzi tiegħu stess għall-abbonati fuq is-suq [bl-imnut]' [...]. F'dan il-każ, il-prezzjoni fuq il-marġni [tal-prezzijiet] hija abbużiva safejn ir-rikorrenti stess 'ma kinitx tkun f'pożizzjoni [...] li toffri s-servizzi tagħha lill-abbonati mingħajr ma tinkorri telf li kieku kienet obbligata tħallas, fil-forma ta' ħlas bejn kumpanniji, it-tariffa ta' aċċess għas-servizzi intermedjarji interni għas-servizzi tagħha lill-abbonati' [...]. F'tali ċirkustanzi, 'kompetituri [li] huma effikaċja' daqs ir-rikorrenti ma jistgħux 'joffru s-servizzi ta' konnessjoni lill-abbonati bi prezz kompetittiv sakemm ma jsibux vantaġġi ta' effiċjenza oħra' [...]

188 [Għ]andu jiġi kkonstatat li, anki jekk, s'issa, il-qorti Komunitarja għadha qatt ma ddeċidiet espliċitament fuq il-metodu li għandu jiġi applikat sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, mill-ġurisprudenza jirriżulta b'mod ċar, madankollu, li n-natura abbużiva tal-prattika tat-tariffi ta' impriża dominanti hija prinċipalment iddeterminata

b'referenza għas-sitwazzjoni tagħha stess u, għalhekk, b'referenza għat-tariffi u għall-ispejjeż tagħha, u mhux b'referenza għas-sitwazzjoni ta' kompetituri attwali jew potenzjali.

[...]

- 192 Għandu jiġi miżjud li kull approċċ ieħor huwa ta' natura li jista' jikser il-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali. Fil-fatt, li kieku l-legalità tal-prattika tat-tariffi ta' impriża dominanti kienet tiddependi mis-sitwazzjoni speċifika ta' l-impriżi kompetituri, b'mod partikolari mill-istruttura ta' l-ispejjeż ta' dawn ta' l-aħħar, li hija data li mhijiex ġeneralment magħrufa mill-impriża dominanti, din ta' l-aħħar ma tkunx kapaċi tevalwa l-legalità ta' l-imġiba tagħha.
- 193 Għalhekk, il-Kummissjoni gústament ibbażat l-analiżi tagħha dwar in-natura abbużiva tal-prattika tat-tariffi tar-rikorrenti biss b'referenza għas-sitwazzjoni speċifika tar-rikorrenti u, għaldaqstant, b'referenza għat-tariffi u għall-ispejjeż tagħha.
- 194 Peress li għandu jiġi eżaminat jekk ir-rikorrenti stess, jew impriża effikaċja daqsha, kinitx tkun f'pożizzjoni li toffri s-servizzi tagħha lill-abbonati mingħajr ma tinkorri telf li kieku kienet obbligata l-ewwel minn qabel, fil-forma ta' ħlas bejn kumpanniji, tali tariffi għas-servizzi intermedjarji interni, l-argument tar-rikorrenti li l-kompetituri tagħha ma jipprovawx jirriproduċu l-istruttura ta' klijentela tagħha u jistgħu jiksbu dħul addizzjonali permezz ta' prodotti ġodda li huma biss joffru fuq is-suq, li fir-rigward tagħhom ir-rikorrenti ma

tipprowdi ebda preċiżjoni, huwa irrilevanti. Għall-istess raġunijiet, l-argument li l-kompetituri jistgħu jeskludu l-possibbiltà ta' għażla (bil-quddiem) ma jistax jiġi aċċettat.”

¹⁴⁴ It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 195 sa 206 ta' din l-istess sentenza, l-ilment li jgħid li l-Kummissjoni kienet ħadet biss inkunsiderazzjoni d-dħul tas-servizzi kollha ta' aċċess filwaqt li eskludiet id-dħul minn servizzi oħra, b'mod partikolari dak derivanti mill-komunikazzjonijiet.

¹⁴⁵ F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat, qabel kollox, fil-punt 196 tas-sentenza appellata, li d-Direttiva 96/19/KE, li tagħmel distinzjoni, fir-rigward tal-istruttura tal-prezzijiet tal-operaturi eżistenti, bejn il-ħlas inizjali tal-konnessjoni, l-abbonament ta' kull xahar u t-tariffi lokali, nazzjonali u internazzjonali, kellha l-intenzjoni li tikseb ekwilibriju mill-ġdid tal-prezzijiet bejn dawn l-elementi differenti skont l-ispejjeż reali, sabiex ikun hemm lok għal kompetizzjoni sħiħa fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet u li, konkretament, din l-operazzjoni kellha twassal għal tnaqqis fit-tariffi tal-komunikazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali u b'żieda fil-ħlas tal-konnessjoni, tal-abbonament ta' kull xahar u tal-prezz tal-komunikazzjonijiet lokali. Dwar dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 197 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kienet għaldaqstant ġustament enfasizzat li t-teħid inkunsiderazzjoni separata tal-prezz tal-aċċess u tal-prezz tal-komunikazzjonijiet għaldastant diġà tinsab fil-prinċipju tar-ristrutturazzjoni tal-prezzijiet prevista mid-dritt tal-Unjoni.

¹⁴⁶ Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 198 tas-sentenza appellata, li sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta bejn l-appellanti u l-kompetituri tagħha tista' tiġi ggarantita biss jekk jiġu żgurati opportunitajiet indaqs bejn id-diversi operaturi ekonomiċi. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet kif ġej:

“199 Anki jekk jiġi rikonoxxut li, mill-perspettiva ta' l-abbonat, is-servizzi ta' aċċess u ta' komunikazzjonijiet jikkostitwixxu ħaġa waħda, jibqa' l-fatt li, għall-

kompetituri tar-rikorrenti, il-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet lill-abbonat permezz tan-netwerk fiss tar-rikorrenti tippresupponi aċċess għal-linja lokali. L-opportunitajiet indaqs bejn l-operatur storiku li huwa l-proprietarju tan-netwerk fiss, bħar-rikorrenti, minn naħa, u l-kompetituri tagħha, min-naħa l-oħra, jimplikaw għalhekk li l-prezzijiet għas-servizzi ta' aċċess ikunu ffixati fuq livell tali li jqiegħdu lill-kompetituri f'pożizzjoni indaqs ma' l-operatur storiku għall-provvista tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet. Dawn l-opportunitajiet indaqs huma żgurati biss jekk l-operatur storiku jiffissa l-prezzijiet bl-imnut tiegħu [għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati] fuq livell li jippermetti lill-kompetituri — li huwa preżunt li huma effikaċja daqs l-operatur storiku — li jgħaddu l-ispejjeż kollha relatati mas-servizz intermedjarju [ta' aċċess għan-netwerk lokali] fuq il-prezzijiet bl-imnut tagħhom. Madankollu, jekk l-operatur storiku ma jirrispettax dan il-prinċipju, ikun biss b'telf li l-operaturi l-ġodda jistgħu joffru s-servizzi ta' aċċess lill-abbonati tagħhom. Huma jkollhom għalhekk jikkompensaw it-telf soffrut fuq il-livell ta' l-aċċess għal-linja lokali permezz ta' tariffi għolja fuq il-livell tal-komunikazzjonijiet, ħaġa din li tfixkel ukoll il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fuq is-suq tal-komunikazzjonijiet.

200 Minn dan jirriżulta li, anki li kieku kien minnu li, kif tallega r-rikorrenti, mill-perspettiva ta' l-abbonat is-servizzi ta' aċċess u ta' komunikazzjonijiet jikkostitwixxu 'cluster', il-Kummissjoni setgħet tikkunsidra għustament, fil-premessa 119 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li, għall-evalwazzjoni tal-kwistjoni jekk il-prattika tat-tariffi tar-rikorrenti tfixkilx il-kompetizzjoni, kellha tiġi eżaminata l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni [tal-prezzijiet] fuq il-livell biss tas-servizzi ta' aċċess u għalhekk mingħajr ma jiġu inklużi t-tariffi ta' komunikazzjonijiet fil-kalkolu tagħha.

201 Barra minn dan, il-kalkolu ta' kumpens bejn it-tariffi ta' aċċess u t-tariffi ta' komunikazzjonijiet, imsemmi mir-rikorrenti, jikkonferma diġà li r-rikorrenti u l-kompetituri tagħha mhumiex f'pożizzjoni indaqs fuq il-livell ta' l-aċċess għal-

linja lokali, li tikkostitwixxi madankollu l-kundizzjoni neċessarja sabiex ma tiġix imfixkla l-kompetizzjoni fuq is-suq tal-komunikazzjonijiet.

202 F'kull każ, in kwantu r-rikorrenti naqqset il-prezzijiet tagħha b'mod konsiderabbli għall-komunikazzjonijiet matul il-perijodu kopert mid-deċizzjoni [kontenzjuża] [...], ma jistax jiġi eskluż li l-kompetituri lanqas biss kellhom il-possibbiltà ekonomika li jagħmlu l-kumpens issuġġerit mir-rikorrenti. Fil-fatt, il-kompetituri, li soffrew diġà żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla mar-rikorrenti fuq il-livell ta' l-aċċess għal-linja lokali, għandhom joffru tariffi ta' komunikazzjoni saħansitra aktar baxxi mir-rikorrenti, sabiex jinkoraġġixxu l-klijenti potenzjali jikkanċellaw l-abbonament tagħhom mar-rikorrenti, u minflok jagħmlu abbonament magħhom.”

¹⁴⁷ Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 203 tas-sentenza appellata, li għaldaqstant il-Kummissjoni għustament, għall-finijiet tal-kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, ħadet inkunsiderazzjoni biss id-dħul mis-servizzi ta' aċċess filwaqt li eskcludiet id-dħul minn servizzi oħra, bħas-servizzi ta' komunikazzjonijiet.

¹⁴⁸ Barra minn hekk, wara li indikat, fil-punt 223 tas-sentenza appellata, li l-iżball ta' kalkolu mwettaq mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kalkolu tal-ispejjeż speċifiċi tal-appellanti ma kienx tali li jaffettwa l-legalità tad-deċizzjoni kontenzjuża billi n-natura inġusta, fis-sens tal-Artikolu 82 KE, tal-prattika tal-prezzijiet tal-appellanti hija marbuta mal-eżistenza stess ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, u mhux mad-differenza preċiża tagħha, il-Qorti Ġenerali ħadet, fil-punti 234 sa 244 ta' din is-sentenza, l-ilmenti tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' effett fuq is-suq, billi kkonstatat, b'mod partikolari, dan li ġej:

“234 Skond il-Kummissjoni, il-prattika tat-tariffi tar-rikorrenti limitat il-kompetizzjoni fuq is-suq tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati. Hija tasal għal

din il-konstatazzjoni fid-deċiżjoni [kontenzjuża] [...] mill-eżistenza stess tal-pressjoni fuq il-marġni [tal-prezzijiet]. Ebda prova ta' effett anti-kompetittiv m'hija meħtieġa, anki jekk, sussidjarjament, hija tagħmel tali eżami fil-premessi 181 sa 183 tad-deċiżjoni [kontenzjuża].

- 235 Safejn, sad-dħul ta' l-ewwel kompetitur fuq is-suq tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, fl-1998, ir-rikorrenti kellha monopolju *de facto* fuq is-suq bl-imnut, l-effett anti-kompetittiv li l-Kummissjoni hija obbligata ttipprova jikkonċerna d-distorsjoni eventwali li l-prattika tat-tariffi tar-rikorrenti setgħet tikkawża fuq l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fuq dan is-suq.
- 236 F'dan ir-rigward, għandu jtfakkar, minn naħa, li r-rikorrenti hija proprjetarja tan-netwerk telefoniku fiss fil-Ġermanja u, min-naħa l-oħra, li mhuwiex ikkontestat li, kif tosserva l-Kummissjoni fil-premessi 83 sa 91 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], fil-ħin ta' l-adozzjoni ta' l-imsemmija deċiżjoni, fil-Ġermanja ma kienet teżisti ebda infrastruttura oħra li kienet tippermetti lill-kompetituri tar-rikorrenti li jidħlu b'mod viżibbli fis-suq tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.
- 237 Fid-dawl tal-fatt li s-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali] tar-rikorrenti huma [...] indispensabbli sabiex waħda mill-kompetituri tagħha tkun tista' tikkompeti magħha fuq is-suq [bl-imnut] tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, pressjoni fuq il-marġni [tal-prezzijiet] bejn it-tariffi [bl-ingrossa] tas-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali] u t-tariffi bl-imnut [għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati] tar-rikorrenti tfixkel bħala prinċipju l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fuq is-swieq [bl-imnut]. Fil-fatt, jekk il-prezzijiet bl-imnut tar-rikorrenti jkunu anqas mit-tariffi [bl-ingrossa] tas-servizzi intermedjarji tagħha [ta' aċċess għan-netwerk lokali] jew jekk id-differenza bejn

it-tariffi [bl-ingrossa] [ta' dawn is-servizzi] intermedjarji u [l-imsemmija] tariffi bl-imnut tar-rikorrenti tkun insuffiċjenti sabiex operatur effikaċja daqsha jkun jista' jkopri l-ispejjeż speċifiċi tiegħu għall-provvista ta' servizzi ta' aċċess għall-abbonati, kompetitur potenzjali effikaċja daqs ir-rikorrenti jista' jidħol fis-suq tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati biss billi jinkorri telf.

238 Huwa minnu li, kif tenfasizza r-rikorrenti, il-kompetituri tagħha normalment jirrikorru għal sussidju trażversali, fis-sens li huma jikkumpensaw it-telf subit fuq is-suq tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati bil-profitt li huwa jiġġeneraw minn swieq oħra, bħas-swieq tal-komunikazzjonijiet. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti, bħala proprjetarja tan-netwerk fiss, m'għandhiex bżonn li tirrikorri għal servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali] sabiex tkun tista' toffri servizzi ta' aċċess għall-abbonati u li, kuntrarjament għall-kompetituri tagħha, hija mhijiex obbligata għalhekk, minħabba prattika tat-tariffi ta' impriża dominanti, tipprova tikkumpensa telf subit fuq is-suq tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, il-persjoni fuq il-marġni [tal-prezzijiet] [i] kkonstatata fid-deċiżjoni [kontenzjuża] tfixkel il-kompetizzjoni mhux biss fuq is-suq ta' aċċess għall-abbonati, iżda wkoll fuq is-suq tal-komunikazzjonijiet [...]

239 Barra minn dan, l-ishma żgħira tas-suq miksuba mill-kompetituri tar-rikorrenti fuq is-suq tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, mil-liberalizzazzjoni tas-suq permezz tad-daħla fis-seħħ tat-TKG, fl-1 ta' Awwissu 1996, huma xhieda ta' l-ostakoli li l-prattika tat-tariffi tar-rikorrenti ħolqot għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni fuq dawn is-swieq. [...]

240 Barra minn dan, mhuwiex ikkontestat li, jekk wieħed jieħu in kunsiderazzjoni biss il-linji analogi, li kienu jirrappreżentaw fil-Ġermanja, fil-mument ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni [kontenzjuża], 75% tal-linji kollha, is-sehem tal-kompetituri tar-rikorrenti waqa' minn 21% fl-1999 għal 10% fl-2002 [...].

[...]

244 [...] F'kull każ, ir-rikorrenti, li tonqos milli tikkwantifika l-preżenza tal-kompetituri fuq il-livell nazzjonali, ma tressaq ebda element ta' natura tali li jinvalida l-konstatazzjonijiet, magħmula fil-premessi 180 sa 183 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], fis-sens li l-prattika tat-tariffi tagħha effettivament tfixkel il-kompetizzjoni fuq is-suq Ġermaniż tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.”

b) Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju, dwar ir-rilevanza tal-kriterju tal-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet għall-konstatazzjoni ta' abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE

i) L-argumenti tal-partijiet

¹⁴⁹ L-ewwel nett, l-appellanti ssostni li s-sentenza appellata hija vvizjata minn nuqqas ta' motivazzjoni billi ma eżaminatx l-argument imressaq minnha fl-ewwel istanza u li jgħid li l-Kummissjoni jmissha applikat, minħabba l-iffissar tat-tariffi tas-servizzi

intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mir-RegTP, il-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. Is-sentenza appellata tistrieħ f'dan il-kuntest fuq ċirku vizzjuż. Il-Qorti Ġenerali fil-fatt tapplika l-kriterju magħżul mill-Kummissjoni nnifisha sabiex tiddetermina l-elementi li fuqhom għandha tkun ibbażata l-eżami tat-tariffi tal-appellanti. L-oġġezzjoni tal-appellanti tikkonċerna madankollu stadju preċedenti tar-raġunament, jiġifieri l-kwistjoni li tikkonċerna n-natura, fi kwalunkwe ipoteżi, xierqa tal-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet magħżula mill-Kummissjoni.

150 It-tieni nett, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali applikat l-Artikolu 82 KE b'mod żbaljat fil-punti 166 sa 168 tas-sentenza appellata, billi l-analiżi tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet mhijiex tali li tistabbilixxi natura abbużiva tat-tariffi tagħha peress li t-tariffi bl-ingrossa tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali huma ffixati b'mod restrittiv mill-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti.

151 L-appellanti tqis li, f'sitwazzjoni bħal din, in-natura xierqa tal-kriterju tal-effett tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet jiddependi mil-livell tat-tariffa bl-ingrossa tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali ffixat mill-awtorità li, fiha nnifisha, ma tistax, fin-nuqqas ta' marġni ta' manuvra tal-impriża rregolata, tkun suġġetta għal kritika li tikkonċerna abbuż. Fil-fatt, filwaqt li l-awtorità regolatorja nazzjonali tiffissa tariffa bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali li tkun eżaġerata, l-impriża f'pożizzjoni dominanti suġġetta għar-regolament għandha l-obbligu, min-naħa tagħha, li tapplika prezz bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati eżaġerat sabiex tiġi żgurata marġni xierqa. F'dan il-każ, l-impriża hija marbuta tagħżel bejn żewġ forom ta' abbuż differenti, jiġifieri pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet jew żieda abbużiva tal-prezzijiet. L-impriża f'pożizzjoni dominanti ma tistax għaldaqstant tevita li twettaq abbuż.

152 Skont l-appellanti, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni, l-impriża f'pożizzjoni dominanti twettaq abbuż biss ladarba t-tariffa bl-immnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati hija, fiha nnifisha, abbużivament baxxa.

153 Il-Kummissjoni tqis li s-sentenza appellata hija mmotivata biżżejjed u, mill-bqija, li ż-żieda tal-appellanti mhijiex fondata.

154 Skont Vodafone, indipendentement mill-fatt li l-ilmenti tal-ewwel parti tat-tieni aggravju huma inammissibbli billi jikkostitwixxu ripetizzjoni tal-argumenti tal-ewwel istanza u jikkonċernaw evalwazzjoni sostantiva żbaljata, huma wkoll neqsin minn rilevanza kemm mill-aspett fattwali kif ukoll minn dak ġuridiku.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

155 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, bil-kontra ta' dak li ssoġni Vodafone, l-ewwel parti tat-tieni motiv hija ammissibbli, għall-istess raġunijiet bħal dawk deċiżi fil-punt 123 ta' din is-sentenza, billi l-appellanti, anki jekk essenzjalment tirrepeti l-argumentazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali, tikkritikaha talli wettqet żball ta' liġi billi kkonstatat kriterju ġuridiku żbaljat għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE u billi mmotivat b'mod insuffiċjenti s-sentenza appellata fuq dan il-punt.

156 Fir-rigward tal-fondatezza tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, għandu jiġi kkonstatat, fir-rigward, fl-ewwel lok, l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata, li l-appellanti b'mod żbaljat tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma wegħbitx b'mod motivat, f'din is-sentenza, għall-argument tagħha li jgħid li l-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet huwa mingħajr rilevanza billi, bħal f'dan il-każ, il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali huma ffixxati minn awtorità regolatorja nazzjonali u, għaldaqstant, talli ma mmotivatx b'mod suffiċjenti skont il-liġi n-natura xierqa tal-għażla mill-Kummissjoni tal-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet sabiex tikkonstata abbuż taħt l-Artikolu 82 KE.

157 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 166 sa 168 tas-sentenza appellata, osservat li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kontenzjuża, minn naħa, ikkonstatat biss l-eżistenza ta' marġni ta' manovra li l-appellanti kellha sabiex tbiddel il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u, min-naħa l-oħra, ikkonstatat li n-natura abbużiva tal-aġir ta' din tal-aħħar, li kienet tikkonsisti fil-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri minn tal-inqas daqstant effikaċja daqsha, kienet marbuta man-natura inġusta tad-differenza bejn il-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u l-imsemmija prezzijiet bl-imnut, b'mod li l-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tipprova n-natura abbużiva ta' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, fil-punti 183 sa 213 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali spjegat ir-raġunijiet li għalihom l-ilmenti mressqa mill-appellanti kontra l-metodu adottat mill-Kummissjoni sabiex tikkalkola din il-pressjoni tal-marġni fuq il-prezzijiet għandhom jiġu miċħuda.

158 Għandu jiġi kkonstatat li, b'hekk, il-Qorti Ġenerali impliċitament iżda neċessarjament indikat ir-raġunijiet li għalihom ir-regolamentazzjoni allegata tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ma kinitx, f'dan il-każ, tali li tostakola l-fatt li l-prattiki tariffarji tal-appellanti jistgħu jiġu kkwalifikati bħala abbużivi fis-sens tal-Artikolu 82 KE.

- 159 Fil-fatt, jirriżulta kjarament minn dawn id-diversi konstatazzjonijiet magħmula fil-punti 166 sa 168 u 183 sa 213 tas-sentenza appellata, li, skontha, mhuwiex il-livell tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, li, hekk kif diġà ġie indikat fil-punti 48 u 49 ta' din is-sentenza, ma jistgħux jiġu kkontestati fil-kuntest ta' dan l-appell, u lanqas ma huwa dak tal-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, li jmur kontra l-Artikolu 82 KE, iżda d-differenza bejniethom.
- 160 Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 135 u 136 ta' din is-sentenza, l-appellanti kienet għaldaqstant f'pożizzjoni, meta wieħed jara dawn il-partijiet iċċitati tas-sentenza appellata, li taf ir-raġunijiet li għalihom ir-regolamentazzjoni allegata tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kienet, skont il-Qorti Ġenerali, mingħajr effett fuq l-applikazzjoni f'dan il-każ tal-Artikolu 82 KE għall-prattiki tariffarji tagħha.
- 161 Minn dan jirriżulta li l-punti 166 sa 168 tas-sentenza appellata, moqrija flimkien mal-punti 183 sa 213 ta' din is-sentenza, jikkomportaw motivazzjoni suffiċjenti tar-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, minkejja l-iffissar tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-għażla mill-Kummissjoni tal-kriterju tal-persjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet kienet xierqa sabiex jiġi kkonstatat li l-prattiki tariffarji tal-appellanti kienu abbużivi fis-sens tal-Artikolu 82 KE.
- 162 L-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata għandu għaldaqstant jiġi miċħud bħala infondat.

- 163 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq in-natura żbaljata tal-kriterju ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet biex jiġi kkonstatat abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE, għandu jifakkar li, bħalma ġie indikat preċedentement fil-punti 31 u 32 ta' din is-sentenza, l-appellanti ma tikkontestax, permezz ta' dan l-ilment, li prattika tal-prezzijiet ta' impriża dominanti li twassal għall-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri tagħha minn tal-inqas daqstant effikaċja tista', bħala prinċipju, tikkostitwixxi prattika abbużiva fis-sens tal-Artikolu 82 KE. Permezz ta' dan l-ilment, hija ssostni, min-naħa l-oħra, li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, billi l-prezzijiet tagħha bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali huma ffixxati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet ikkonstatat mis-sentenza appellata mhijiex xierqa biex jiġi kkonstatat li l-prattiki tariffarji tagħha huma abbużivi fis-sens tal-Artikolu 82 KE.
- 164 Ċertament, hekk kif jirriżulta mill-punti 38 sa 43 ta' din is-sentenza, hemm lok, fil-kuntest ta' dan l-appell, li wieħed jibbaża ruħu fuq l-ipoteżi, ikkonstatata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata kif ukoll mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li l-appellanti ma għandhiex marġni ta' manuvra biex tbiddel l-imsemmija prezzijiet bl-ingrossa.
- 165 B'hekk, bil-għan li tiġi pprovata n-natura mhux xierqa tal-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, l-appellanti ma tistax, fil-kuntest ta' dan l-ilment, tibbaża ruħha fuq il-premessa li l-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali huma ffixxati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fuq livell eċċessiv. Fil-fatt, anki li kieku wieħed kellu jammetti, bħalma sostniet l-appellanti waqt is-seduta, li l-ilmenti tal-kompetituri li taw lok għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża huma bbażati fuq din iċ-ċirkustanza, it-tali premessa, hekk kif diġà ġie indikat fil-punti 48 u 49 ta' din is-sentenza, għandha titqies li hija waħda li tmur lil hinn mil-limiti ta' dan l-appell.

- 166 Għaldaqstant, ma hemmx lok li jiġi eżaminat l-ilment tal-appellanti li jgħid li n-natura żbaljata tal-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet jirriżulta mill-fatt li, biex jiġi evitat l-abbuż ikkritikat, hija ma għandhiex għażla oħra, f'dan il-każ, fid-dawl tal-livell eċċessiv tal-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali hekk kif iffissati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, minbarra li tgħolli b'mod abbużiv il-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati għal livell eċċessiv, billi tali lment jibbaża ruħu fuq premessa ipotetika li ma taqax taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' dan l-appell.
- 167 Barra minn hekk, sa fejn l-appellanti ssostni li n-natura xierqa tal-kriterju tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tiddependi fuq il-livell tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali ffissati mill-awtorità regolatorja nazzjonali, għandu jiġi osservat li, hekk kif jirriżulta mill-punti 166 sa 168 tas-sentenza appellata, in-natura abbużiva, fis-sens tal-Artikolu 82 KE, tal-prattika tal-prezzijiet tal-appellanti li hija s-suġġett ta' din is-sentenza tirriżulta min-natura inġusta tad-differenza, li twassal għal pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri tagħha minn tal-inqas daqstant effikaċja, bejn il-prezzijiet bl-ingrossa inkwistjoni u l-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati. Hekk kif ġie speċifikat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 223 ta' din is-sentenza, liema punti ma ġiex ikkontestat fil-kuntest ta' dan l-appell, in-natura inġusta fis-sens tal-Artikolu 82 KE tal-prattiki tariffarji tal-appellanti hija għaldaqstant marbuta għall-eżistenza stess tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet u mhux mad-differenza preċiża tagħha.
- 168 B'hekk il-livell tal-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali hija, fiha nnifisha, mingħajr rilevanza biex tiġi kkritikata l-fondatezza tal-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE għall-prattiki tariffarji inkwistjoni.
- 169 Min-naħa l-oħra, għall-finijiet tal-eżami tal-fondatezza ta' dan l-ilment, għandu jiġi eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali għustament, b'mod partikolari fil-punti 166 u 168

tas-sentenza appellata, ikkunsidrat li, anki li kieku kellu jitqies li l-appellanti ma għandhiex marġni ta' manuvra biex tbiddel il-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, il-prattiki tariffarji tagħha jistgħu xorta waħda jiġu kkwalifikati bħala abbużivi fis-sens tal-Artikolu 82 KE, peress li, indipendentement mill-punt dwar jekk dawn il-prezzijiet bl-ingrossa u l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati huma, fihom infushom, abbużivi, id-differenza bejniethom turi natura inġusta, jiġifieri, skont din is-sentenza, meta din id-differenza tkun jew negattiva, jew insuffiċjenti biex tkopri l-ispejjeż speċifiċi tal-prodotti tal-appellanti għall-provvista tas-servizzi tagħha stess, b'tali mod li kompetitur effikaċja daqs l-appellanti ma jkunx jista' jikkompeti magħha għall-provvista tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.

170 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 82 KE huwa espressjoni tal-għan ġenerali mogħti lill-azzjoni tal-Komunità Ewropea, jiġifieri l-istabbiliment ta' sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni ma tkunx distorta fis-suq komuni. B'hekk, il-pożizzjoni dominanti prevista fl-Artikolu 82 KE tikkonċerna sitwazzjoni ta' poter ekonomiku li jkollha impriża li jagħtiha s-setgħa li tostakola ż-żamma ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq inkwistjoni billi jagħtiha l-possibbiltà ta' aġir indipendenti f'miżura sinjifikattiva fil-konfront tal-kompetituri tagħha, tal-klijenti tagħha u, fl-aħħar nett, tal-konsumaturi (ara s-sentenzi tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, Ġabra p. 461, punt 38, u tat-2 ta' April 2009, France Télécom vs Il-Kummissjoni, C-202/07 P, Ġabra p. I-2369, punt 103).

171 F'dan il-każ, għandu jittfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-punti 50 sa 52 ta' din is-sentenza, l-appellanti ma tikkontestax l-argument li hija għandha pożizzjoni dominanti fis-swieq kollha tas-servizzi kkonċernati, jiġifieri kemm fis-suq bl-ingrossa tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali kif ukoll fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.

- 172 Fir-rigward tan-natura abbużiva tal-prattiki tariffarji tal-appellanti, għandu jiġi osservat li s-subparagrafu (a) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 KE jipprojbixxi espliċitament il-fatt li impriża dominanti timponi prezzijiet inġusti b'mod dirett jew indirett.
- 173 Barra minn hekk, il-lista tal-prattiki abbużivi li tinsab fl-Artikolu 82 KE mhijiex eżawrjenti, b'tali mod li l-prattiki msemmija fiha jikkostitwixxu sempliċement eżempji ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti. Fil-fatt, il-prattiki abbużivi msemmija f'din id-dispożizzjoni ma jelenkawx il-metodi ta' sfruttament abbużiv ta' pożizzjoni dominanti pprojbit mit-Trattat (ara s-sentenza *British Airways vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 174 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, billi jipprojbixxi l-isfruttament abbużiv ta' pożizzjoni dominanti, sa fejn il-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jiġi affettwat, l-Artikolu 82 KE jkopri l-aġir ta' impriża f'pożizzjoni dominanti, li, f'suq fejn, preċiżament wara l-preżenza tal-impriża inkwistjoni, il-livell ta' kompetizzjoni huwa diġà mdgħajef u li għandu l-effett li jostakola, bir-rikors għal mezzi differenti minn dawk li jirregolaw kompetizzjoni normali tal-prodotti jew tas-servizzi fuq il-bażi ta' prestazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi, sabiex jinżamm livell ta' kompetizzjoni li jeżisti diġà fis-suq jew għall-iżvilupp ta' din il-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi *Hoffman-La Roche vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 91; *Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 70; tat-3 ta' Lulju 1991, *AKZO vs Il-Kummissjoni*, C-62/86, *Ġabra* p. I-3359, punt 69; *British Airways vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 66, u *France Télécom vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 104).
- 175 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sabiex tiddetermina jekk l-impriża li tokkupa pożizzjoni dominanti sfruttatx b'mod abbużiv din il-pożizzjoni bl-applikazzjoni tal-prattiki tariffarji tagħha, għandhom jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi kollha u għandu jiġi eżaminat jekk din il-prattika għandhiex it-tendenza li telimina jew tnaqqas il-possibbiltà ta' għażla tax-xerrej fir-rigward tas-sorsi tiegħu ta'

fornitura, li twaqqaf l-aċċess għas-suq lill-kompetituri, li tapplika kundizzjonijiet differenti għal servizzi ekwivalenti fil-konfront ta' sħab kummerċjali, billi minħabba f'hekk tikkawżalhom żvantaġġ kompetittiv, jew li jsaħħaħ il-pożizzjoni dominanti permezz ta' kompetizzjoni distorta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, *Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni*, punt 73, u *British Airways vs Il-Kummissjoni*, punt 67).

176 Għalhekk, peress li l-Artikolu 82 KE jipprevedi mhux biss il-prattiki li jistgħu jikkawżaw dannu immedjat lill-konsumaturi, iżda wkoll dawk li jikkawżawhom dannu billi jippreġudikaw l-istruttura ta' kompetizzjoni, l-impriża li għandha pożizzjoni dominanti, hekk kif diġà tfakkar fil-punt 83 ta' din is-sentenza, għandha responsabbiltà partikolari li ma tippreġudikax bl-aġir tagħha l-kompetizzjoni effettiva u mhux distorta fis-suq komuni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza *France Télécom vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

177 B'hekk l-Artikolu 82 KE jipprojbixxi, b'mod partikolari, lil impiża f'pożizzjoni dominanti milli tapplika Prattiki tariffarji li jipproduċu effetti ta' esklużjoni għall-kompetituri daqstant effikaċja tagħha, attwali jew potenzjali, jiġifieri Prattiki li huma kapaċi li jagħmluha iktar diffiċli, jew saħansitra impossibbli, għal dawn tal-aħħar li jkollhom aċċess għas-suq, kif ukoll li jagħmluha iktar diffiċli, jew saħansitra impossibbli, għall-kontroparti tagħha, li jkollhom għażla bejn numru ta' sorsi ta' provvista jew imsieħba kummerċjali, biex b'hekk issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha billi tirrikorri għal mezzi li mhumiex dawk li jaqgħu taħt tip ta' kompetizzjoni bbażata fuq mertu. F'din il-perspettiva, kull kompetizzjoni permezz tal-prezzijiet ma tistax għaldaqstant titqies li hija leġittima (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq *Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni*, punt 73; *AKZO vs Il-Kummissjoni*, punt 70, u *British Airways vs Il-Kummissjoni*, punt 68).

178 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti ma tikkontestax il-fatt li, anki li kieku kellu jitqies li hija ma għandhiex marġni ta' manuvra biex tbiddel il-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, id-

differenza bejn dawn il-prezzijiet u l-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonat tista' tipproduċi effett ta' esklużjoni għall-kompetituri daqstant effikaċja tagħha, attwali jew potenzjali, billi l-aċċess tagħhom għas-suq tas-servizzi kkonċernati huwa, minn tal-inqas, iktar diffiċli minħabba l-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet li għalihom it-tali differenza tista' twassal.

- 179 Waqt is-seduta, l-appellanti madankollu sostniet li l-kriterju kkunsidrat fis-sentenza appellata biex jiġi kkonstatat abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE kien jobbligaha, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, fid-dawl tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tgħolli l-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati b'detriment għall-abbonati tagħha stess.
- 180 Ċertament, hekk kif diġà jirriżulta mill-punti 175 sa 177 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 82 KE huwa intiż, b'mod partikolari, għall-protezzjoni tal-konsumaturi permezz ta' kompetizzjoni mhux distorta (ara s-sentenza tas-16 ta' Settembru 2008, *Sot. Lélos kai Sia et*, C-468/06 sa C-478/06, Ġabra p. I-7139, punt 68).
- 181 Madankollu, is-sempliċi ċirkustanza li l-appellanti għandha tgħolli l-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati biex tevita l-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri effikaċja daqsha bl-ebda mod ma tista' fiha nnifisha, teskludi r-rilevanza tal-kriterju adottat mill-Qorti Ġenerali f'dan il-każ biex tikkonstata abbuż skont l-Artikolu 82 KE.
- 182 Fil-fatt billi tnaqqas konsegwentement il-livell ta' kompetizzjoni eżistenti f'suq, dak tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, li diġà huwa mdgħajjed preċiżament minħabba

l-preżenza tal-appellanti, u billi b'hekk issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' din tal-aħħar fis-suq, l-imsemmija pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet għandha wkoll l-effett li l-konsumaturi jsofru dannu b'riżultat tal-limitazzjoni tal-possibbiltajiet ta' għażla tagħhom u, għaldaqstant, b'riżultat tal-perspettiva ta' tnaqqis, fuq terminu iktar twil, tal-prezzijiet bl-imnut minħabba l-kompetizzjoni adottata minn kompetituri minn tal-inqas daqstant effikaċja fl-imsemmi suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza France Télécom vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 112).

183 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn, hekk kif inhu mfakkar fil-punti 77 sa 86 ta' din is-sentenza, l-appellanti għandha marġni ta' manuvra biex tnaqqas jew telimina tali pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet permezz taż-żieda fil-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, il-Qorti Ġenerali għaldaqstant ġustament ikkunsidrat, fil-punti 166 sa 168 tas-sentenza appellata, li din il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, fid-dawl tal-effett ta' esklużjoni li tista' tikkawża lill-kompetituri minn tal-inqas effikaċja daqs l-appellanti, tista' fiha nniffisha, tikkostitwixxi abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali bl'ebda mod ma kellha l-obbligu li barra minn hekk tistabbilixxi li l-prezzijiet bl-ingrossa tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali jew tal-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati ma kienu fihom infushom saħansitra abbużivi minħabba, skont il-każ, in-natura eċċessiva jew ta' sfruttament tagħhom.

184 Minn dan jirriżulta li l-ilment tal-appellanti bbażat fuq in-natura żbaljata tal-kriterju adottat mill-Qorti Ġenerali biex jiġi kkonstatat abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

185 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

c) Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju, dwar in-natura adegwata tal-metodu ta' kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet.

¹⁸⁶ L-appellanti ssostni li, fil-kuntest tal-analiżi tagħha tal-metodu użat mill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, is-sentenza appellata hija vvizzjata minn bosta żbalji ta' liġi billi l-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha, fir-rigward ta' bosta aspetti ċentrali tal-kwistjoni, fuq kriterji li mhumiex kompatibbli mal-Artikolu 82 KE. F'dan il-kuntest l-appellanti tqajjem żewġ ilmenti bbażati, minn naħa, fuq applikazzjoni żbaljata tal-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja u, min-naħa l-oħra, fuq żball ta' liġi billi s-servizzi ta' komunikazzjonijiet u s-servizzi l-oħra ta' telekomunikazzjonijiet ma ttiħdux inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet.

i) Fuq l-ilment ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja

— L-argumenti tal-partijiet

¹⁸⁷ L-appellanti ssostni li, jekk jitqies li hija teskludi li tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, bħala impriża f'pożizzjoni dominanti, l-appellanti mhijiex suġġetta għall-istess kundizzjonijiet leġiżlattivi bħall-kompetituri tagħha u li, għal raġunijiet materjali, is-sitwazzjoni kompetittiva tagħha hija differenti minn dik tal-kompetituri tagħha, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja għall-fatti ta' din il-kawża, liema kriterju jirreferi għat-tariffi u għall-ispejjeż tal-impriża dominanti.

- 188 Skont l-appellanti, bil-kontra ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 188 tas-sentenza appellata, mhijiex is-sitwazzjoni tal-impriża dominanti li hija determinanti għall-evalwazzjoni ta' aġir mill-perspettiva tal-Artikolu 82 KE, iżda dik tal-kompetituri u l-possibbiltà tagħhom li jikkompetu ma' din l-impriża għas-servizzi, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet partikolari tal-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat.
- 189 F'dan ir-rigward, l-appellanti ssostni li, ċertament, is-sitwazzjoni tal-impriża f'pożizzjoni dominanti tista' tkun indikatur affidabbli meta l-kundizzjonijiet kompetittivi storiċi, materjali u ġuridiċi fis-suq ikunu identiċi għall-impriża f'pożizzjoni dominanti u għall-kompetituri ta' din tal-aħħar, fejn il-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja jista' f'dan il-każ jikkostitwixxi strument utli sa fejn inaqas il-promozzjoni ta' kompetituri mhux effikaċja u jżid iċ-ċertezza legali għall-impriża f'pożizzjoni dominanti. Madankollu dan mhuwiex il-każ ladarba l-kompetituri jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet ġuridiċi jew materjali differenti. Jekk it-tali sitwazzjoni tirriżulta, jkollu jiġi aġġustat il-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja.
- 190 Issa, f'dan il-każ, l-appellanti tosserva li hija kienet marbuta taċċetta l-abbonati kollha indipendentement min-natura attraenti ekonomika tagħhom. Barra minn hekk, mill-aspett legali, hija kellha l-obbligu li toffri lill-klijenti tagħha l-għażla (minn qabel) tal-operatur permezz tal-għażla minn qabel, jiġifieri l-għażla fit-tul tal-operatur, li tissejjaħ "call-by-call", jiġifieri l-għażla tal-operatur skont il-każ partikolari. Il-kompetituri tagħha mhumiex suġġetti għal dawn l-obbligi u jeskludu, b'mod ġenerali, l-għażla (minn qabel) tal-operatur, biex b'hekk jiġu kkummerċjalizzati l-konnessjonijiet u l-komunikazzjonijiet bħala prodott uniku.
- 191 Ir-rikorrenti tqis li, minħabba dawn iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, il-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja jmissu ġie aġġustat. Għalkemm kien possibbli, biex jiġu ddeterminati l-ispejjeż u d-dħul medju tal-kompetituri tagħha, li tibbaża ruħha fuq it-tariffi bl-ingrossa tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-network lokali u t-tariffi

bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati kif ukoll fuq l-ispejjeż speċifiċi tal-prodotti tal-appellanti, min-naħa l-oħra, mhuwiex ġustifikat li tibbaża ruħha fuq l-istruttura tal-klijentela ta' din tal-aħħar. Barra minn hekk, kien neċessarju li fl-analiżi tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet jiġu integrati l-komunikazzjonijiet kif ukoll servizzi oħra ta' telekomunikazzjonijiet.

¹⁹² Skont l-appellanti, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jimponix li jiġu kkunsidrati b'mod żbaljat l-anomaliji li jirriżultaw mill-aspett tal-istruttura tal-klijentela ta' din tal-aħħar jew id-differenzi bejn il-kundizzjonijiet leġiżlattivi li fihom l-impriża f'pożizzjoni dominanti u l-kompetituri tagħha jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom.

¹⁹³ Il-Kummissjoni tenfasizza li l-appellanti ma tistax tiddefendi ruħha billi ssostni li hija ma kinitx effikaċja daqs il-kompetituri tagħha peress li l-liġi tal-kompetizzjoni ma tipproteġix l-impriżi li mhumiex effikaċja. L-argumentazzjoni tal-appellanti għaldaqstant mhijiex fondata.

¹⁹⁴ Vodafone issostni li dan l-ilment huwa inammissibbli. L-appellanti fil-fatt tirrepeti l-argumentazzjoni li hija invokat quddiem il-Qorti Ġenerali matul il-proċeduri quddiem il-Kummissjoni. Barra minn hekk, hija essenzjalment tqajjem ilmenti li mhumiex suġġetti għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kwalunkwe każ, il-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja jikkostitwixxi kriterju xieraq biex jiġi vverifikat jekk aġir jistax iwassal għal effetti ta' esklużjoni mis-suq. Għaldaqstant l-argumenti tal-appellanti huma infondati.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 195 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, bil-kontra ta' dak li ssostni Vodafone, dan l-ilment, anki jekk itenni parti mill-argumentazzjoni ppreżentata fl-ewwel istanza, hija ammissibbli peress li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 25 ta' din is-sentenza, jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli, billi rrikorriet għall-kriterju tal-kompetituri daqstant effikaċja meta l-appellanti mhijiex suġġetta għall-istess kundizzjonijiet legali u materjali bħall-kompetituri tagħha, adottat kriterju ġuridiku żbaljat għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE għall-prattiki tariffarji inkwistjoni u, għaldaqstant, talli wettqet żball ta' liġi fuq dan il-punt.
- 196 Fir-rigward tal-fondatezza ta' dan l-ilment, għandu jifakkar li, hekk kif jirriżulta mill-punt 186 tas-sentenza appellata, u hekk kif jirriżulta wkoll mill-punti 4 u 12 ta' din is-sentenza, il-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja adottat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata tikkonsisti fl-eżami ta' jekk hemmx probabbiltà li l-prattiki tariffarji ta' impriża dominanti jeskludux mis-suq operatur ekonomiku effikaċja daqs din l-impriża billi tibbaża ruħha biss fuq it-tariffi u l-ispejjeż ta' din tal-aħħar, u mhux fuq is-sitwazzjoni speċifika tal-kompetituri tagħha, attwali jew potenzjali.
- 197 F'dan il-każ, hekk kif jirriżulta fil-punt 169 ta' din is-sentenza, l-ispejjeż tal-appellanti ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali biex tiġi ddeterminata n-natura abbużiva tal-prattiki tariffarji tagħha meta d-differenza bejn il-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u l-prezzijiet bl-imnut tagħha għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati kienet pożittiva. Fit-tali każ, fil-fatt, il-Qorti Ġenerali qieset li dawn il-prattiki tariffarji setgħu għustament jiġu kkunsidrati bħala inġusti mill-Kummissjoni fis-sens tal-Artikolu 82 KE peress li l-imsemmija differenza kienet insuffiċjenti biex jiġu koperti l-ispejjeż speċifiċi tal-prodotti tal-appellanti għall-provvista tas-servizzi tagħha stess.

- 198 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li l-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li, biex jiġi evalwat jekk il-prattiki tariffarji ta' impriża dominanti jistgħux jeliminaw kompetitur bi ksur tal-Artikolu 82 KE, għandu jiġi adottat kriterju bbażat fuq l-ispejjeż u fuq l-istrateġija tal-impriża dominanti nnifisha (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq AKZO vs Il-Kummissjoni, punt 74, u France Télécom vs Il-Kummissjoni, punt 108).
- 199 Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, b'mod partikolari, f'dan ir-rigward, li impriża dominanti ma tistax fil-fatt teskludi mis-suq impriżi li possibbilment huma wkoll effikaċja daqsha, iżda li, minħabba l-kapaċità finanzjarja żgħira tagħhom, mhumiex kapaċi li jirreżistu għall-kompetizzjoni li ssir fil-konfront tagħhom (ara s-sentenza AKZO vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 72).
- 200 F'dan il-każ, billi n-natura abbużiva tal-prattiki tariffarji inkwistjoni fis-sentenza appellata, hekk kif jirriżulta mill-punti 178 u 183 ta' din is-sentenza, jirriżultaw bl-istess mod mill-effett ta' esklużjoni tagħhom għall-kompetituri tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi billi ddeċidiet, fil-punt 193 tas-sentenza kkontestata, li l-Kummissjoni setgħet ġustament tibbaża l-analiżi tagħha dwar in-natura abbużiva tal-prattiki tariffarji tal-appellanti biss b'referenza għat-tariffi u għall-ispejjeż tagħha.
- 201 Fil-fatt, hekk kif ikkonstatat essenzjalment il-Qorti Ġenerali fil-punti 187 u 194 tas-sentenza appellata, billi tali kriterju jippermetti li jiġi vverifikat jekk l-appellanti nnifisha kinitx f'pożizzjoni li tipproponi s-servizzi tagħha bl-imnut għall-abbonati mingħajr ma tagħmel telf, jekk hija ġiet preċedentement obbligata tħallas il-prezzijiet bl-ingrossa tagħha għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, dan kien utli biex jiġi ddeterminat jekk il-prattiki tariffarji tal-appellanti kellhomx effett ta' esklużjoni fil-konfront tal-kompetituri permezz tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet.
- 202 It-tali approċċ huwa barra minn hekk ġustifikat billi, hekk kif indikat il-Qorti Ġenerali essenzjalment fil-punt 192 tas-sentenza appellata, hija wkoll konformi mal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali peress li t-tehíd inkunsiderazzjoni tal-ispejjeż tal-impriża

dominanti jippermettilha, fid-dawl tar-responsabbiltà partikolari li għandha skont l-Artikolu 82 KE, tevalwa l-legalità tal-aġir tagħha stess. Fil-fatt, għalkemm impriża dominanti għandha għarfien dwar l-ispejjeż u t-tariffi tagħha nnifisha, bħala prinċipju hija ma tafx x'inhuma dawk tal-kompetituri tagħha.

203 Dawn il-konstatazzjonijiet ma jistgħux jiġu kkontestati permezz taċ-ċirkustanza allegata mill-appellanti li ssostni li l-kompetituri tagħha huma suġġetti għal kundizzjonijiet legali u materjali inqas onerużi biex jipprovdu s-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet tagħhom lill-abbonati. Fil-fatt, li kieku wieħed kellu jassumi li din iċ-ċirkustanza ġiet stabbilita, l-istess ċirkustanza xorta waħda ma tasalx ikollha inċidenza fuq il-fatt li impriża dominanti, bħall-appellanti, ma tistax tadotta Prattiki tariffarji li jeskludu lil kompetituri minn tal-inqas daqstant effikaċja mis-suq ikkonċernat u lanqas fuq il-fatt li t-tali impriża għandha, fid-dawl tar-responsabbiltà partikolari tagħha skont l-Artikolu 82 KE, tkun f'pożizzjoni li tiddetermina waħedha jekk il-prattiki tariffarji tagħha humiex konformi ma' din id-dispożizzjoni.

204 Għaldaqstant l-ilment tal-appellanti bbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja għandu jiġi miċħud.

ii) Fuq l-ilment ibbażat fuq żball ta' liġi billi s-servizzi ta' komunikazzjoni u s-servizzi l-oħra ta' telekomunikazzjonijiet ma ttiħdux inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-prezzjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet

— L-argumenti tal-partijiet

205 Permezz ta' dan l-ilment, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-analiżi tal-prattika tal-prezzijiet

inkwistjoni, minbarra servizzi ta' aċċess għall-abbonati, servizzi ta' komunikazzjoni u servizzi oħra ta' telekomunikazzjonijiet pprovduti lilhom. Dan il-metodu ma huwiex kompatibbli, la max-xjenza ekonomika attwali u lanqas mal-prassi deċiżjonali ta' awtoritajiet oħra kompetenti fl-Ewropa jew fl-Istati Uniti. Hija tinsab ukoll f'kontradizzjoni mas-sitwazzjoni reali tas-suq, billi la l-abbonati fil-kuntest tal-għażla tal-operatur tagħhom u lanqas l-operaturi meta jfasslu l-offerta tagħhom ma jikkunsidraw il-konnessjonijiet b'mod iżolat.

206 Fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni f'dan il-kuntest li, mill-perspettiva ekonomika, l-analiżi tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet jipprovdi indikazzjonijiet fuq ostaklu għall-kompetizzjoni biss meta din tiegħu inkunsiderazzjoni d-dħul u l-ispejjeż kollha marbuta mal-provvista ta' servizzi intermedjarji. Fil-fatt, fil-każ ta' impriżi li joffru bosta prodotti li jipproponu servizzi intermedjarji li jistgħu jintużaw għal varjetà ta' servizzi għall-abbonati, ikun opportun li ssir l-analiżi tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet fuq diversi livelli ta' aggregazzjoni. F'dan il-każ, l-analiżi tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet adottata mill-Qorti Ġenerali hija għaldaqstant inkompleta. Issa, il-kompetituri tal-appellanti għandhom id-dritt jeskludu s-selezzjoni (minn qabel) tal-operaturi u li joffru b'mod kollettiv konnessjonijiet, komunikazzjonijiet kif ukoll servizzi oħra pprovduti permezz tan-netwerk lokali.

207 Fit-tieni lok, l-appellanti ssostni li l-punti 196 sa 202 tas-sentenza appellata huma bbażati fuq bosta żbalji ta' liġi. Il-punt dwar jekk, fil-kuntest tal-konstatazzjoni ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, il-Kummissjoni kellhiex raġun li ma tiħux inkunsiderazzjoni tariffi tal-komunikazzjonijiet jiddependi mill-kwistjoni ġuridika tal-prinċipju li jikkonċerna l-metodu li għandu jintuża biex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet fil-każ ta' impriżi li joffru numru ta' prodotti. Il-Qorti Ġenerali ma tistax tissuġġetta ruħha għal din l-evalwazzjoni billi tenfasizza n-natura ristretta tal-istħarriġ tagħha.

- 208 L-ewwel nett, l-appellanti ssostni li l-punti 196 u 197 tas-sentenza appellata li jikkonċernaw il-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni dwar ir-ristrutturazzjoni tal-prezzijiet huma legalment żbaljati.
- 209 Qabel kollox, l-appellanti tqis li s-sentenza appellata hija f'dan ir-rigward f'kontradizzjoni mal-punt 113 ta' din is-sentenza, li fiha l-Qorti Ġenerali, sabiex timmotiva l-attribuzzjoni tal-ksur lill-appellanti, enfasizzat li l-għanijiet tal-leġislazzjoni dwar is-settur tat-telekomunikazzjonijiet jistgħu jkunu differenti meta mqabbla ma' dawk tal-politika tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Issa, fil-punti 196 u 197 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali tiset minn prinċipju leġislattiv li analiżi distinta tas-servizzi ta' aċċess u tas-servizzi ta' komunikazzjoni hija meħtieġa għall-kalkolu tal-prijoritajiet fuq il-marġni tal-prezzijiet fid-dawl tal-Artikolu 82 KE.
- 210 Sussegwentement, l-appellanti ssostni li l-punti 196 u 197 tas-sentenza appellata mhumiex immotivati biżżejjed billi l-Qorti Ġenerali ma tesponix ir-raġunijiet li għalihom il-fehma tagħha hija korretta u ma teżaminax l-oġġezzjonijiet imqajma minnha, b'mod partikolari l-fatt li l-prinċipju ta' ristrutturazzjoni tal-prezzijiet japplika ruħu biss għaliha stess u li l-kompetituri tagħha joffru b'mod kollettiv is-servizzi ta' aċċess u ta' komunikazzjoni.
- 211 Fl-aħħar nett, l-appellanti ssostni li l-punti 196 u 197 tas-sentenza appellata huma materjalment żbaljati u jiksru l-Artikolu 82 KE. Fil-fatt, minn naħa, il-prinċipju tar-ristrutturazzjoni tal-prezzijiet ma jipprovdix kriterju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE, iżda huwa intiż biss sabiex l-Istati Membri jħaffu mill-piż finanzjarju tal-impriżi responsabbli mill-provvista ta' servizz universali. Min-naħa l-oħra, billi l-appellanti mhijiex suġġetta għall-istess kundizzjonijiet leġislattivi bħall-kompetituri tagħha, il-prinċipju ta' ristrutturazzjoni tal-prezzijiet tapplika biss għall-appellanti nnifisha. Min-naħa l-oħra dan il-prinċipju ma jsemmi xejn dwar il-possibbiltajiet ta' kompetizzjoni tal-kompetituri tagħha. B'hekk il-prinċipju ta' ristrutturazzjoni tal-prezzijiet ma jsostnix il-konklużjoni tal-esklużjoni, għal raġunijiet leġislattivi, ta' kkollettivizzar tas-servizzi ta' aċċess u tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet

marbutin man-netwerk lokali fid-dawl tal-analiżi tal-pessjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet.

- 212 It-tieni nett, l-appellanti ssostni li l-punti 199 sa 202 tas-sentenza appellata dwar opportunitajiet indaqs huma vvizzjati bi żball ta' liġi.
- 213 Qabel kolloxx, l-appellanti tqis li l-punt 199 tas-sentenza appellata mhijiex immotivata biżżejjed skont il-liġi peress li l-Qorti Ġenerali jmissha eżaminat il-kwistjoni dwar liema servizzi huma bbażati fuq in-netwerk lokali bħala servizzi intermedjarji, billi huwa biss mir-riżultat ta' dan l-eżami li l-Qorti Ġenerali setgħet tislet konklużjonijiet fir-rigward tal-opportunitajiet indaqs bejn l-appellanti u kompetitur jew ieħor. Fil-fatt, l-opportunitajiet indaqs jiġu żgurati meta analiżi globali tat-tariffi kollha u tal-ispejjeż kollha ta' telekomunikazzjonijiet ibbażati fuq in-netwerk lokali turi li l-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali miżjuda bl-ispejjeż speċifiċi tal-prodotti ma jaqbżux il-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.
- 214 Sussegwentement, l-appellanti tallega li li l-Qorti Ġenerali marret kontra l-liġijiet tal-loġika. Fil-fatt, din tal-aħħar titlaq mill-prinċipju, fil-punt 238 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma tbatu minn ebda telf dovut għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' konnessjonijiet telefoniċi lil abbonati u li, għaldaqstant, hija ma għandhiex l-obbligu li tpaċi permezz ta' dħul derivanti minn komunikazzjonijiet. Issa, il-Qorti Ġenerali tqis li l-prezzijiet tas-servizzi ta' aċċess tal-appellanti għall-abbonati tagħha huma inferjuri għall-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u tirrikonoxxi li dawn huma f'fissati skont l-ispejjeż tal-appellanti. It-teżi tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-appellanti ma tinkorri ebda spiża għal servizzi ta' aċċess hija għaldaqstant manifestament żbaljata u inkompatibbli mal-premessi kkunsidrati mill-Qorti Ġenerali.

- 215 Barra minn hekk, l-appellanti tallega li l-espożizzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 202 tas-sentenza appellata, hija kontradiċenti. Fil-fatt, il-perspettiva li tgħid li l-kompetituri tagħha kellhom japplikaw tariffi ta' komunikazzjoni iktar baxxi mit-tariffi tagħha biex klijenti potenzjali jiġu iċċentivati jxolju l-abbonament tagħhom magħha tinsab f'kontraddizzjoni diretta mal-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja li jgħid li hija biss l-istruttura tal-ispejjeż u tat-tariffi tal-appellanti li hi determinanti.
- 216 Fl-aħħar net, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali applikat kriterju legali żbaljat fir-rigward tat-tqassim tal-oneru tal-prova sa fejn, fil-punti 201 u 202 tas-sentenza appellata, hija ssostni sempliċement li “ma jistax jiġi eskluż” li l-kompetituri ma kellhomx possibbiltà jpaċu telf eventwali ġġenerat minn konnessjonijiet telefoniċi permezz ta' dħul derivanti minn komunikazzjonijiet, filwaqt li l-appellanti kellha l-intenzjoni li tipprova, fir-rikors tagħha fl-ewwel istanza, li kien possibbli li jsir sussidju trażversali.
- 217 Il-Kummissjoni tqis li mingħajr ma wettqet żball ta' liġi l-Qorti Ġenerali kkonfermat l-approċċ tal-Kummissjoni fil-punti 195 sa 207 tas-sentenza appellata. Għaldaqstant hija tikkonkludi li l-argumenti tal-appellanti għandhom jiġu miċħuda.
- 218 Vodafone issostni li dan l-ilment huwa inammissibbli. L-appellanti fil-fatt terġa' ttenni l-argumentazzjoni li hija invokat quddiem il-Qorti Ġenerali u matul il-proċeduri quddiem il-Kummissjoni. Barra minn hekk, hija tqajjem essenzjalment ilmenti li mhumiex suġġetti għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali eżaminat biżżejjed l-ilmenti tal-appellanti.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 219 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, bil-kontra ta' dak li ssostni Vodafone, u għall-istess raġunijiet bħal dawk ikkonstatati fil-punt 155 ta' din is-sentenza, dan l-ilment, anki jekk jerġa' jtenni parzjalment l-argumentazzjoni ppreżentata fl-ewwel istanza, huwa ammissibbli billi huwa intiż sabiex jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli adottat, billi rrikorriet għall-kriterji tar-ristrutturazzjoni tal-prezzijiet u tal-opportunitajiet indaqs, kriterju legali żbaljat għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE għall-prattiki tariffarji inkwistjoni.
- 220 Fir-rigward tal-fondatezza ta' dan l-ilment, għandu jiġi kkonstatat li, fl-ewwel lok, fir-rigward tan-natura allegatament inkompleta tal-analiżi tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali minħabba li hija tikkunsidra b'mod żbaljat li l-aċċess għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali jippermetti lill-kompetituri jipproponu lill-abbonati tagħhom offerta kollettiva ta' servizzi li jinkludu b'mod partikolari l-komunikazzjonijiet, dan l-ilment jibbaża ruħu fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata.
- 221 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta b'mod ċar mill-punti 199 u 200 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma eskudiet, bil-kontra ta' dak li ssostni l-appellanti, li, mill-perspettiva tal-abbonat, is-servizzi ta' aċċess u ta' komunikazzjoni jistgħu effettivament jikkostitwixxu ħaġa waħda, iżda kkunsidrat li, anki li kieku dan kellu jkun il-każ, il-Kummissjoni kellha raġun billi eżaminat l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet biss mill-perspettiva tas-servizzi ta' aċċess mingħajr ma tinkludi s-servizzi ta' komunikazzjoni. Hekk kif jirriżulta mill-punti 196 sa 201 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali siltet din il-konklużjoni, b'mod partikolari, mill-eżami mwettaq mill-Kummissjoni tal-prinċipji ta' ristrutturazzjoni tal-prezzijiet u ta' opportunitajiet indaqs.

- 222 Minn dan jirriżulta li dan l-ilment għandu, f'dan il-kuntest, jiġi miċħud bħala infondat.
- 223 Fit-tieni lok, sa fejn dan l-ilment huwa bbażat fuq il-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali dwar il-prinċipju tar-ristrutturazzjoni tal-prezzijiet, jeħtieġ, qabel kollox, li jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi billi ħadet tali prinċipju inkunsiderazzjoni, fil-punti 196 u 197 tas-sentenza appellata, derivanti mil-leġiżlazzjoni relatata mas-settur tat-telekomunikazzjonijiet, biex teżamina l-fondatezza tal-applikazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-Artikolu 82 KE għall-prattiki tariffarji tal-appellanti.
- 224 Fil-fatt, billi l-leġiżlazzjoni relatata mas-settur tat-telekomunikazzjonijiet tiddefinixxi l-qafas legali applikabbli għal dan is-settur u li, b'hekk tikkontribwixxi biex jiġu determinati l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li fihom impriża bħall-appellanti teżerċita n-negozju tagħha fis-swieq ikkonċernati, hija tikkostitwixxi, hekk kif diġà rriżulta mill-punti 80 sa 82 ta' din is-sentenza, element rilevanti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE għall-aġir adottat minn din l-impriża, kemm jekk biex tiddefinixxi s-swieq ikkonċernati, biex tevalwa n-natura abbużiva ta' tali aġir jew ukoll biex tiffissa l-ammont tal-multi.
- 225 Din il-konstatazzjoni mhijiex ikkontestata mill-fatt, allegat mill-appellanti, li l-prinċipju tar-ristrutturazzjoni tal-prezzijiet japplika biss għaliha nnifisha u mhux għall-kompetituri tagħha. Fil-fatt, għar-raġunijiet esposti fil-punti 196 sa 203 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali għustament, sabiex tiddetermina n-natura abbużiva fir-rigward tal-Artikolu 82 KE tal-prattiki tariffarji inkwistjoni, ibbażat ruħha, skont il-kriterju tal-kompetitur daqstant effikaċja, fuq is-sitwazzjoni u l-ispejjeż tal-impriża dominanti.

- 226 B'hekk, billi l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 196 tas-sentenza appellata, mingħajr mal-appellanti tikkontestaha fil-kuntest ta' dan l-appell, li r-ristrutturazzjoni mill-ġdid tal-prezzijiet intiż mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet kellu jsir, b'mod partikolari, permezz ta' tnaqqis fit-tariffi tal-komunikazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali u permezz ta' żieda fl-abbonament ta' kull xahar u tal-prezz tal-komunikazzjonijiet lokali, hija setgħet ukoll tislet minn dan, fil-punt 197 ta' din is-sentenza, li t-teħid inkunsiderazzjoni separat tal-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess u tal-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' komunikazzjoni għall-konstatazzjoni tan-natura abbużiva tal-prattiki tariffarji inkwistjoni tal-appellanti tinsab fil-prinċipju tar-ristrutturazzjoni tal-prezzijiet.
- 227 Bil-kontra ta' dakli ssostni l-appellanti, ma teżisti ebda kontradizzjoni ta' raġunijiet bejn dawn l-aħħar konstatazzjonijiet u dawk li jinsabu fil-punt 113 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-settur tat-telekomunikazzjonijiet jista' jkollha għanijiet differenti minn dawk tal-politika tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Fil-fatt, tali ċirkustanza ma għandhiex relazzjoni mal-punt dwar jekk il-leġiżlazzjoni dwar is-settur tat-telekomunikazzjonijiet tistax tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE għall-aġir ta' impriża dominanti. B'mod partikolari, hija bl-ebda mod ma timplika, bil-kontra ta' dak li tassumi l-appellanti, li din il-leġiżlazzjoni tista' tiġi totalment injorata fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE.
- 228 L-appellanti hija wkoll żbaljata meta ssostni li l-Qorti Ġenerali ma mmotivatx biżżejjed is-sentenza appellata fuq dan il-punt. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-eżami preċedenti, il-Qorti Ġenerali b'mod ċar indikat, fil-punti 196 u 197 ta' din is-sentenza, fiex il-prinċipju tar-ristrutturazzjoni tal-prezzijiet jikkostitwixxi element li jippermetti lill-Kummissjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni servizzi ta' komunikazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 221 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ttratat, fil-punti 199 u 200 tas-sentenza appellata, l-argument tal-appellanti li jgħid li l-kompetituri tagħha joffru b'mod kollettiv is-servizzi tagħhom ta' aċċess u ta' komunikazzjoni. Bl-istess mod, hija esponiet, fil-punti 186 sa 194 ta' din is-sentenza, il-motivi li għalihom il-Kummissjoni setgħet tibbaża l-analiżi tagħha tan-natura abbużiva tal-prattiki tariffarji inkwistjoni biss b'referenza għas-sitwazzjoni speċifika tal-appellanti. B'hekk, il-Qorti Ġenerali osservat ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-

Ġustizzja, li huma applikabbli għaliha skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-istess Statut u l-Artikolu 81 tar-Regoli tal-proċedura tagħha, hekk kif jissemmew fil-punti 135 u 136 ta' din is-sentenza.

229 Minn dan jirriżulta li, fuq dawn il-punti differenti, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

230 Fit-tielet lok, sa fejn dan l-ilment jirreferi għall-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-opportunitajiet indaqs, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta, tista' tiġi ggarantita biss jekk jiġi żgurat li d-diversi operaturi ekonomiċi jkollhom opportunitajiet indaqs (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1991, GB-Inno-BM, C-18/88, Ġabra p. I-5941, punt 25; tat-22 ta' Mejju 2003, Connect Austria, C-462/99, Ġabra p. I-5197, punt 83; tal-20 ta' Ottubru 2005, ISIS Multimedia Net u Firma O2, C-327/03 u C-328/03, Ġabra p. I-8877, punt 39, kif ukoll tal-1 ta' Lulju 2008, MOTOE, C-49/07, Ġabra p. I-4863, punt 51).

231 F'dan il-każ, l-appellanti ma tikkontestax il-fatt li, hekk kif ikkonstatat essenzjalment il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 199 kif ukoll 236 u 237 tas-sentenza appellata, fin-nuqqas ta' infrastruttura alternattiva, l-aċċess tal-kompetituri għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali fuq in-netwerk fiss tal-appellanti huwa indispensabbli biex dawn ikunu jistgħu jidħlu b'mod vijabbli fis-swieq bl-imnut tas-servizzi għall-abbonati biex fihom jikkompetu b'mod effettiv mal-appellanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Arcor, iċċitata iktar 'il fuq, punt 103).

- 232 Barra minn hekk, hekk kif ġie mfakkar fil-punt 50 ta' din is-sentenza, l-appellanti ma tikkontestax il-fatt li kemm is-suq bl-ingrossa tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali, kif ukoll is-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati jikkostitwixxu t-tnejn li huma swieq separati, b'mod partikolari meta mqabbla maswieq bl-imnut li jikkonċernaw il-provvista ta' servizzi oħra ta' telekomunikazzjonijiet. Barra minn hekk, kif ġie indikat fil-punt 51 ta' din is-sentenza, l-appellanti lanqas ma tikkontesta l-fatt li għandha pożizzjoni dominanti fis-suq bl-ingrossa tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.
- 233 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żbalji ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 199 u 237 tas-sentenza appellata, li l-opportunitajiet indaqs jimplikaw li l-appellanti u l-kompetituri tagħha minn tal-inqas daqstant effikaċja jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u li dan mhuwiex il-każ jekk il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mħallsa lill-appellanti jista' jkollhom inċidenza fuq il-prezzijiet bl-imnut tagħhom għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati biss jekk joffru dawn is-servizzi b'telf.
- 234 Fil-fatt, peress li s-suq bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati jikkostitwixxi suq separat kif ukoll li s-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali huma indispensabbli għal kompetituri minn tal-inqas effikaċja daqsha biex jidħlu effettivament f'kompetizzjoni f'dan is-suq flimkien ma' impriża li, bħall-appellanti, għandha pożizzjoni dominanti fl-istess suq, fil-biċċa l-kbira minħabba l-monopolju legali li hija kellha qabel il-liberalizzazzjoni tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet, it-twaqqif ta' sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta tirrikjedi li din l-impriża dominanti, permezz tal-prattiki tariffarji tagħha f'dan is-suq bl-imnut, ma timponix żvantaġġ kompetittiv fuq il-kompetituri tagħha minn tal-inqas daqstant effikaċja tali li jipprekludi jew jirrestrinġi l-aċċess għal dan is-suq jew l-iżvilupp tal-attivitajiet tagħhom fuq dan is-suq.

- 235 Dan huwa b'mod partikolari l-każ billi, peress li l-provvista eventwali minn dawn il-kompetituri ta' servizzi oħra ta' telekomunikazzjonijiet lill-abbonati permezz tan-netwerk fiss tar-rikorrenti teżiġi wkoll l-akkwist tas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali mingħandha, dan l-iżvantaġġ kompetittiv fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati jkollu neċessarjament inċidenza, hekk kif osservat il-Qorti Ġenerali essenzjalment fil-punt 199 tas-sentenza appellata, fis-swieq marbuta ma' dawn is-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet oħra.
- 236 Bil-kontra ta' dak li ssostni l-appellanti, din l-aħħar ċirkustanza madankollu ma timplikax li d-dħul derivanti minn dawn is-servizzi l-oħra ta' telekomunikazzjonijiet għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biex jiġi eżaminat jekk il-kompetituri minn tal-inqas effikaċja daqs l-appellanti jinsabux f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' ugwaljanza fil-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati. Fil-fatt, dawn is-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet l-oħra jaqgħu fi swieq distinti meta mqabbla ma' dan l-aħħar suq. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali ġustament, fil-punt 199 tas-sentenza appellata, ma inkludithomx fl-analiżi tagħha għall-finijiet tal-eżami dwar jekk l-opportunitajiet indaqs ġewx irrispettati fis-suq ikkonċernat.
- 237 L-appellanti żbaljat ukoll billi invokat nuqqas ta' motivazzjoni fuq dan il-punt. Fil-fatt, ir-raġunament mill-Qorti Ġenerali fil-punti 199 u 237 tas-sentenza appellata ma huwa vvizzjat b'ebda nuqqas ta' motivazzjoni peress li jippermetti lill-appellanti, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 135 u 136 ta' din is-sentenza, li tkun taf ir-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali qieset li l-opportunitajiet indaqs kellhom jiġu żgurati fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.
- 238 Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' ksur tal-liġijiet tal-loġika, sa fejn mill-punt 238 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fuq il-premessa żbaljata u kontradiċenti li l-appellanti ma tbatix minn telf fis-suq tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati li hija għandha tpaċi fis-swieq l-oħra filwaqt li barra minn hekk tikkonstata li l-prezzijiet bl-imnut tal-appellanti għal dawn is-servizzi huma inferjuri għall-

prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali ffissati abbażi tal-ispejjeż ta' għandha, din għandha wkoll tiġi miċħuda.

239 Fil-fatt, minn naħa, għandu jittfakkar li, skont kif ġie indikat fil-punti 48 u 49 ta' din is-sentenza, il-premessa fattwali ta' din l-argumentazzjoni ma tistax titqies li ġiet stabbilita fil-kuntest ta' dan l-appella peress li l-punt dwar jekk il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali humiex konformi mal-ispejjeż tal-appellanti ma jagħmilx parti mill-motivi diskussi quddiem il-Qorti Ġenerali.

240 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li, billi kkonstatat, fil-punti 199 u 237 tas-sentenza appellata, li l-prattiki tariffarji tal-appellanti fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati jqiegħdu lill-kompetituri ta' għandha minn tal-inqas daqstant effikaċja f'pożizzjoni ta' nuqqas ta' ugwaljanza meta mqabbla magħha f'dan l-istess suq, li jagħtu lok, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 166 sa 168 u 194 ta' din is-sentenza, għal pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-imsemmija kompetituri fir-rigward tas-servizzi ta' aċċess, il-Qorti Ġenerali pprovat b'mod suffiċjenti li l-opportunitajiet indaqs ma ġewx osservati fis-suq ikkonċernat u, għaldaqstant, li sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta ma ġietx żgurata minnha. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali assolutament ma kellhiex l-obbligu li teżamina barra minn hekk jekk din l-ugwaljanza ġietx irrispettata fi swieq oħra separati, bħal dak tas-servizzi ta' komunikazzjoni, u, għaldaqstant, jekk setax wara kollox jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 82 KE f'dawn is-swieq. Minn dan jirriżulta li l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 238 ta' din is-sentenza jissemmew għal raġunijiet ta' kompletezza.

241 B'hekk, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 108 ta' din is-sentenza, din l-argumentazzjoni tal-appellanti għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

242 Bl-istess mod, billi huma diretti kontra aggravji diskussi għal raġunijiet ta' kompletezza, il-kritika tal-appellanti dwar il-punti 201 u 202 tas-sentenza appellata għandhom ukoll jiġu miċħuda. Fil-fatt, fir-rigward tal-punt 238 ta' din is-sentenza, dawn l-aggravji, introdotti rispettivament bl-espressjonijiet “barra minn hekk” u “fi kwalunkwe każ”, jikkonċernaw ukoll il-kwistjoni inkluża għal raġunijiet ta' kompletezza tal-miżura li fiha l-prattiki tariffarji inkwistjoni setgħu kellhom inċidenza fuq il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-swieq l-oħra bl-imnut minbarra s-servizzi ta' aċċess għall-abbonati.

243 Minn dan jirriżulta li dan l-ilment għandu, għaldaqstant, fuq dawn il-punti differenti, jiġi miċħud, skont il-każ, bħala ineffettiv jew infondat.

244 Fl-aħħar nett, barra minn hekk, sa fejn l-appellanti, permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju, tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli wettqet sħarriġ eċċessivament restrittiv tad-deċiżjoni kontenzjuża u talli adottat metodu inkompatibbli max-xjenzi ekonomiċi kurrenti, mal-prassi deċiżjonali ta' awtoritajiet kompetenti oħra u mar-realtajiet tas-suq, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 24 ta' din is-sentenza, dan l-ilment huwa inammissibbli billi ma jidentifikax l-iżball ta' liġi allegatament imwettaq mill-Qorti Ġenerali.

245 Għaldaqstant it-tieni parti tat-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment ineffettiv jew infondat.

d) Fuq it-tielet parti tat-tieni aggravju, dwar l-effetti tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet

i) L-argumenti tal-partijiet

²⁴⁶ L-ewwel nett, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali ġustament ċaħdet il-fehma tal-Kummissjoni li tgħid li ebda prova ta' effett antikompetittiv huwa neċessarju. Madankollu, fil-kuntest tal-analiżi tagħha tal-effetti, il-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha, fil-punt 237 tas-sentenza appellata, fuq pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet li tiegħu biss inkunsiderazzjoni t-tariffi li jikkonċernaw is-servizzi ta' aċċess. Barra minn hekk, fil-punt 238 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fuq il-premessa żbaljata li tgħid li l-kompetituri tal-appellanti huma żvantaġġati meta mqabbla mal-istess appellanti fir-rigward tal-prattiki ta' sussidji trażversali bejn is-servizzi ta' aċċess u s-servizzi ta' komunikazzjoni għall-abbonati.

²⁴⁷ It-tieni nett, l-appellanti ssostni li l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-effetti antikompetittivi tal-prattika inkwistjoni huma vvizzjati bi żbalji ta' liġi. Fil-fatt, fil-punt 239 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tiegħu l-ħsieb li tindika li s-sehem mis-suq tal-kompetituri tal-appellanti fis-suq tas-servizzi ta' aċċess "broadband" kif ukoll tas-servizzi ta' aċċess "narrowband" baqgħet dgħajfa mingħajr ma wettqet l-iċken konstatazzjoni dwar ir-rabta kawżali bejn dawn l-ishma mis-suq u l-allegata pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. Issa, fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet, penetrazzjoni bil-mod tas-suq minn operaturi tan-netwerk mhijiex sorprendenti fid-dawl tal-investimenti neċessarji għall-infrastruttura tan-netwerk lokali.

²⁴⁸ Barra minn hekk, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 240 tas-sentenza appellata, għamlet interpretazzjoni ħażina tal-premessa 182 tad-deċiżjoni kontenzjuża

peress li hija tistabbilixxi tnaqqis mhux fis-sehem mis-suq tal-kompetituri fil-qasam tal-linji analoġiċi, iżda fis-sehem tal-linji analoġiċi fost is-servizzi kollha ta' aċċess ipprovduti mill-kompetituri lill-abbonati.

²⁴⁹ Il-Kummissjoni tikkontesta l-affermazzjoni tal-appellanti li tgħid li l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-approċċ tagħha fir-rigward tan-nuqqas ta' neċessità ta' prova ta' effett antikompetittiv fil-każ ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. Fi kwalunkwe każ, l-ilmenti tal-appellanti huma infondati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

²⁵⁰ Bil-għan li tiġi eżaminata t-tielet parti tat-tieni aggravju, għandu jiġi kkonstatat qabel kollox li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 234 sa 244 tas-sentenza appellata, għustament ċaħdet l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-eżistenza nnifisha ta' prattika tal-prezzijiet ta' impriża dominanti li twassal għall-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri tagħha minn tal-inqas daqstant effikaċja tikkostitwixxi prattika abbużiva fis-sens tal-Artikolu 82 KE mingħajr ma tkun meħtieġa l-prova ta' effett antikompetittiv.

²⁵¹ Fil-fatt, għandu jifakkar li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 174 ta' din is-sentenza, meta jipprojbixxi l-isfruttament abbużiv ta' pożizzjon dominanti fis-suq sa fejn il-kummerċ bejn Stat Membri jista' jiġi affettwat minn dan, l-Artikolu 82 KE jirreferi għall-aġir ta' impriża f'pożizzjoni dominanti li jkollu bħala effett li jostakola,

bl-użu ta' mezzi differenti minn dawk li jirregolaw kompetizzjoni normali tal-prodotti jew tas-servizzi abbażi tal-prestazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi, iż-żamma ta' livell ta' kompetizzjoni li tkun għadha teżisti fis-suq jew l-iżvilupp ta' din il-kompetizzjoni.

- 252 Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, mingħajr ma wettqet żball ta' liġi, fil-punt 235 tas-sentenza appellata, li l-effett antikompetittiv li l-Kummissjoni għandha tipprova, fir-rigward tal-prattiki tariffarji ta' impriża dominanti li jwasslu għall-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri tagħha minn tal-inqas daqstant effikaċja, jirreferi għall-ostakoli eventwali li l-prattiki tariffarji tal-appellanti setgħu kkawżaw fuq l-iżvilupp tal-offerta fis-suq bl-immnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u, għaldaqstant, fuq il-livell ta' kompetizzjoni f'dan is-suq.
- 253 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta diġà mill-punti 177 u 178 ta' din is-sentenza, Prattika tal-prezzijiet, bħal dik inkwistjoni fis-sentenza appellata, adottata minn impriża dominanti, bħall-appellanti, tikkostitwixxi Prattika abbużiva fis-sens tal-Artikolu 82 KE, peress li, billi tipproduċi effetti ta' esklużjoni għall-kompetituri minn tal-inqas effikaċja daqsha permezz tal-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tagħhom, tista' tagħmilha iktar diffiċli, jew saħansitra impossibli, li jkun hemm aċċess għas-suq ikkonċernat min-naħa tal-kompetituri tagħha u b'hekk issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti tagħha fuq l-istess suq, b'detriment għall-interessi tal-konsumaturi.
- 254 Huwa minnu li, meta impriża dominanti effettivament timplemeta Prattika tal-prezzijiet li twassal għall-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri tagħha minn tal-inqas daqstant effikaċja fejn l-għan ta' din il-prattika hija li teskludi lil dawn il-kompetituri mis-suq ikkonċernat, iċ-ċirkustanza li r-riżultat mixtieq, effettivament, ma jinkisibx ma jistax jeskludi l-kwalifika bħala abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE. Madankollu, fin-nuqqas ta' l-iċċen effett fuq is-sitwazzjoni kompetittiva tal-kompetituri, Prattika tal-prezzijiet bħal dik inkwistjoni ma tistax tiġi kkwalfikata

bħala prattika ta' esklużjoni meta d-dħul ta' dawn il-kompetituri fis-suq ikkonċernat ma jsirx iktar diffiċli minħabba din il-prattika.

255 F'dan il-każ, peress li, kif ġie diġà kkonstatat fil-punt 231 ta' din is-sentenza, is-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali pprovduti mill-appellanti huma indispensabbli għall-kompetituri tagħha biex jippenetraw b'mod effikaċja fis-swieq bl-imnut ta' provvista ta' servizzi lill-abbonati, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet fil-punt 237 tas-sentenza appellata, kif diġà jirriżulta mill-punti 233 sa 236 ta' din is-sentenza, li pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, li tirriżulta mid-differenza bejn il-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali u l-prezzijiet bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, bħala prinċipju tostakola l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-swieq bl-imnut tas-servizzi għall-abbonati, peress li kompetitur effikaċja daqs l-appellanti jista' jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati biss jekk ibati telf.

256 Issa, l-appellanti ma kkontestatx din l-aħħar konstatazzjoni. Għar-raġunijiet diġà esposti fil-punti 233 sa 236 ta' din is-sentenza, l-ilment li f'dan il-kuntest huwa mislut min-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul derivanti mill-provvista eventwali ta' servizzi oħra ta' telekomunikazzjonijiet għall-abbonati għandu jiġi miċħud bħala infondat. Fir-rigward ta' dak li jirreferi għall-punt 238 tas-sentenza appellata, dwar il-possibbiltà ta' sussidju trażversali, dan għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv għar-raġunijiet indikati fil-punti 238 sa 241 ta' din is-sentenza.

257 Barra minn hekk, fil-punt 239 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fid-dawl tal-fatt li, fin-nuqqas ta' allegazzjoni ta' żnaturament, hija hi waħedha li għandha l-kompetenza tagħmel dan, li "l-ishma żgħar tas-suq miksuba mill-kompetituri [...] fuq is-suq [bl-imnut] tas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati, mil-liberalizzazzjoni tas-suq permezz tad-dahl fis-seħħ tat-TKG, fl-1 ta' Awwissu 1996, huma xhieda ta' l-ostakoli

li l-prattika tat-tariffi tar-rikorrenti ħolqot għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni fuq dawn is-swieq”. F’dan il-kuntest, bil-kontra ta’ dak li ssostrni l-appellanti, mill-espressjoni “ħolqot” jirriżulta b’mod ċar li l-Qorti Ġenerali kkonstatat rabta kawżali bejn il-prattiki tariffarji tal-appellanti u l-ishma żgħar tas-suq miksuba mill-kompetituri. L-ilment tal-appellanti fuq dan il-punt għaldaqstant huwa infondat.

258 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 244 ta’ din is-sentenza, li lanqas ma ġie kkontestat fil-kuntest ta’ dan l-appell, li l-appellanti ma kienet ressqet ebda prova li tinvalida l-konstatazzjonijiet magħmula fid-deċiżjoni kontenzjuża, li jgħidu li l-prattiki tariffarji tagħha jostakolaw effettivament il-kompetizzjoni fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta’ aċċess għall-abbonati.

259 F’dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali għustament ikkonstatat li l-Kummissjoni kienet stabbiliet li l-prattiki tariffarji inkwistjoni tal-appellanti kkawżaw effetti konkreti ta’ esklużjoni għall-kompetituri minn tal-inqas effikaċja daqsha.

260 Din il-konklużjoni mhijiex ikkontestata mill-kritika fformulata mill-appellanti fid-dawl tal-punt 240 tas-sentenza appellata. Fil-fatt, minkejja li l-Qorti Ġenerali, f’dan il-kuntest, wettqet interpretazzjoni żbaljata tad-deċiżjoni kontenzjuża, dan l-iżball huwa irrilevanti fil-kuntest ta’ dan l-appell peress li tirreferi fuq aggravju mressaq għal raġunijiet ta’ kompletezza insostenn, b’mod partikolari, tal-punti 237 sa 239 ta’ din is-sentenza, fejn jirriżulta mill-eżami preċedenti li huma suffiċjenti biex jiġi pprovat li l-Qorti Ġenerali għustament ikkonstatat li l-prattika tal-prezzijiet inkwistjoni pproduċiet effetti ta’ esklużjoni fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta’ aċċess għall-abbonati.

261 B'hekk, it-tielet parti tat-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

e) Konklużjoni fuq it-tieni aggravju

262 Miċ-ċirkustanzi kollha preċedenti jirriżulta li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

4. Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi fil-kalkolu tal-multi minħabba n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet

a) Sentenza appellata

263 Fil-punti 306 sa 321 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi tal-appellanti, rispettivament ibbażati fuq it-teħid inkunsiderazzjoni insuffiċjenti tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet fil-kalkolu tal-ammont tal-multa u tat-teħid inkunsiderazzjoni insuffiċjenti taċ-ċirkustanzi attenwanti.

264 Fir-rigward tal-gravità tal-ksur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dan li ġej, fil-punti 310 sa 313 tas-sentenza appellata:

“310 Għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li tallega r-rikorrenti, il-Kummissjoni setgħet tikkwalifika bħala gravi l-ksur għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 2001 [...]. Fil-fatt, il-prattika tat-tariffi kkritikata ssaħħaħ il-barrieri għad-dħul fuq is-swieq reċentement liberalizzati u tqiegħed b'hekk fil-perikolu l-funzjonament tajjeb tas-suq komuni. Għal dan il-għan, għandu jittfakkar li l-linji gwida [dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi mposti skond l-artikolu 15(2) tar-Regolament Nru. 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171, iktar 'il quddiem il-'linji gwida')] (it-tieni paragrafu tal-punt 1 A) jikkwalifikaw l-imġiba ta' esklużjoni minn impriża f'pożizzjoni dominanti bħala ksur gravi, saħansitra bħala ksur gravi ħafna meta tkun involuta impriża f'sitwazzjoni ta' kważi-monopolju.

311 Fir-rigward ta' l-intervent tar-RegTP fl-iffissar tat-tariffi tar-rikorrenti, għandu jittfakkar li, fid-determinazzjoni tal-grad tal-penali, l-imġiba ta' l-impriża kkonċernata tista' tiġi evalwata fid-dawl ta' ċirkustanza attenwanti kkostitwita mill-kuntest legali nazzjonali [...]

312 Matul is-seduta, il-Kummissjoni spjegat li t-tnaqqis fil-multa ta' 10% li ngħata sabiex jittieħed in kunsiderazzjoni tal-fatt li 'l-prezzijiet bl-imnut [għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati] u l-prezzijiet [bl-ingrossa] tas-servizzi intermedjarji [ta' aċċess għan-netwerk lokali tar-rikorrenti] [...] huma [...] suġġettu għal regolazzjoni settorjali fuq livell nazzjonali' (deċiżjoni [kontenzjuża], punt 212) huwa relatat ma' l-intervent tar-RegTP fl-iffissar tal-prezzijiet tar-rikorrenti u

maç-ċirkustanza li din l-awtorità nazzjonali, għal diversi drabi matul il-perijodu msemmi fid-deċiżjoni [kontenzjuża], eżaminat il-kwistjoni ta' l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni li tirriżulta mill-prattika tat-tariffi tar-rikorrenti.

313 Fir-rigward tal-marġni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni fid-determinazzjoni ta' l-ammont tal-multa [...], għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ħadet debitament in kunsiderazzjoni l-elementi msemmija fil-punt preċedenti billi naqqset l-ammont bażiku tal-multa b'10%.”

²⁶⁵ Sussegwentement il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 315 sa 320 tas-sentenza appellata, l-argumentazzjoni tal-appellanti li tgħid li, bħal fil-każ tal-impriża dominanti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/892/KE, tal-25 ta' Lulju 2001, dwar proċedura skont l-Artikolu 82 tat-Trattat KE (COMP/C-1/36.915 — Deutsche Post AG — Interċezzjoni ta' posta transkonfinali) (ĠU L 331, p. 40, iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni Deutsche Post”), il-Kummissjoni jmissha imponitilha multa simbolika.

²⁶⁶ F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, iddeċidiet dan li ġej fil-punti 317 sa 319 tas-sentenza appellata:

“317 [...] għandu jiġi kkonstatat li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija fundamentalment differenti mis-sitwazzjoni ta' l-impriża kkonċernata fid-deċiżjoni Deutsche Post.

318 Fil-fatt, [mi]d-deċiżjoni Deutsche Post, [...] jirriżulta li l-Kummissjoni qieset adegwat li timponi biss multa simbolika fuq l-impriża kkonċernata minn din id-deċiżjoni għal tliet motivi: l-ewwel, l-impriża kkonċernata kienet ġabet ruħha b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-qrati Ġermaniżi; it-tieni, ma kienx hemm ġurisprudenza Komunitarja li tirrigwarda speċifikament is-servizzi ta'

posta transkonfinali kkonċernati, u t-tielet, l-impriża kkonċernata kienet ħadet ir-responsabbiltà li tistabbilixxi --diffikultajiet prattiċi u, jekk ikun il-każ, li tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' ostakoli futuri għal-kompetizzjoni libera.

- 319 F'dan il-każ, l-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li l-unika sentenza tal-qrati Ġermaniżi li għaliha tirreferi r-rikorrenti hija s-sentenza ta' l-Oberlandesgericht Düsseldorf, li ngħatat fis-16 ta' Jannar 2002, jiġifieri matul il-perjodu li matulu l-ksur ġie kkwalifikat bħala mhux gravi ħafna mid-deċiżjoni [kontenzjuża] [...]. F'kull każ, din is-sentenza ġiet annullata permezz tas-sentenza tal-Bundesgerichtshof ta' l-10 ta' Frar 2004. It-tieni nett, mid-deċiżjoni [kontenzjuża] [...] jirriżulta li l-Kummissjoni applikat l-istess prinċipji bħal dawk li fuqhom kienet ibbażata d-deċiżjoni [88/518/KEE tal-Kummissjoni, tat-18 ta' Lulju 1988, dwar proċedura skont l-Artikolu [82] tat-Trattat KEE (IV/30.178 — Napier Brown — British Sugar) (ĠU C 284, p. 41)]. Issa, fil-komunikazzjoni tat-22 ta' Awwissu 1998 dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni għall-ftehim ta' aċċess fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet — Kuntest ġenerali, swieq ikkonċernati u prinċipji [ĠU C 265, p. 2] (punti 117 sa 119), il-Kummissjoni kienet diġà ħabret li hija kienet qed tikkunsidra applikal-prinċipji tad-deċiżjoni [88/518] fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. [...] Fl-aħħar, it-tielet nett, ir-rikorrenti, f'din il-kawża, ma kienet assumiet ebda responsabbiltà sabiex tevita kull ksur fil-futur.”

b) L-argumenti tal-partijiet

- ²⁶⁷ It-tielet aggravju tal-appellanti tinqasam fi tliet partijiet relatati, rispettivament, man-natura gravi tal-ksur, man-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni xierqa tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet bħala ċirkustanza attenwanti u mal-għoti ta' multa simbolika.

i) Fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju, dwar in-natura gravi tal-ksur

— L-argumenti tal-partijiet

²⁶⁸ L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 sa fejn la l-argumenti tal-Kummissjoni u lanqas il-motivi tas-sentenza appellata, fil-punti 306 sa 310 tagħha, ma jissostanzjaw l-affermazzjoni li tgħid li, fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 2001, hija wettqet ksur gravi fis-sens tal-linji gwida.

²⁶⁹ Barra minn hekk, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali għamlet kunsiderazzjoni żbaljata tal-fatt li minkejja li, skont il-punt 1, A, tal-linji gwida, l-aġir ta' esklużjoni "jista" tabilħaqq jikkostitwixxi ksur gravi dan mhuwiex neċessarjament il-każ. B'konsegwenza ta' dan, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina l-argumenti kontra l-kwalifika ta' ksur gravi, b'mod partikolari l-kontribut żgħir tal-appellanti għall-ksur, li ġie rikonoxxut fil-punt 312 tas-sentenza appellata bi tnaqqis tal-ammont bażiku b'10%.

²⁷⁰ Il-Kummissjoni titlob iċ-ċaħda ta' dawn l-argumenti bħala ineffettivi jew infondati.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 271 Għandu jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa għal dak li jirrigwarda l-metodu ta' kalkolu tal-multi. Dan il-metodu, hekk kif spjegat mil-linji gwida fih elementi differenti ta' flessibilità li jippermettu lill-Kummissjoni teżerċita s-setgħa diskrezzjonali tagħha skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 (ara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, *Papierfabrik August Koehler et vs Il-Kummissjoni*, C-322/07 P, C-327/07 P u C-338/07 P, Ġabra p. I-7191, punt 112 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 272 F'dan il-kuntest, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika jekk il-Qorti Ġenerali evalwatx korrettament l-eżerċizzju, mill-Kummissjoni, ta' din is-setgħa diskrezzjonali (sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2006, *SGL Carbon vs Il-Kummissjoni*, C-308/04 P, Ġabra p. I-5977, punt 48, u tal-25 ta' Jannar 2007, *Dalmine vs Il-Kummissjoni*, C-407/04 P, Ġabra p. I-829, punt 134).
- 273 F'dan ir-rigward, fejn jikkonċerna l-gravità tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li din għandha tiġi stabbilita abbażi ta' għadd kbir ta' elementi, fosthom, b'mod partikolari, iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, il-kuntest tiegħu u l-effett disważiv tal-multi, u dan mingħajr ma tkun ġiet stabbilita lista restrittiva jew eżawrjenti tal-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod obbligatorju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, *Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni*, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 241; *Dalmine vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 129, kif ukoll tat-3 ta' Settembru 2009, *Prym u Prym Consumer vs Il-Kummissjoni*, C-534/07 P, Ġabra p. I-7415, punt 54).
- 274 Fost l-elementi li jistgħu jaffettwaw l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur hemm l-aġir tal-impreżja kkonċernata, ir-rwol tagħha f'kull stabbiliment tal-prattika inkwistjoni, il-

qligħ li din setgħet tikseb minn din il-prattika, id-daqs tagħha u l-valur tal-merkanzija kkonċernata kif ukoll ir-riskju li ksur ta' dan it-tip jirrappreżenta għall-għanijiet tal-Unjoni (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 1983, *Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni*, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 129, kif ukoll *Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 242).

²⁷⁵ F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 310 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni setgħet tikkwalifika bħala gravi l-ksur imwettaq mill-appellanti għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 2001, peress li, billi l-prattiki tariffarji inkwistjoni jsaħħu l-ostakoli għad-dħul fis-swieq reċentement liberalizzati, dawn iqiegħdu fil-periklu l-funzjonament tas-suq komuni. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, Prattiki ta' esklużjoni, bħal dik inkwistjoni, imwettqa minn impriżi dominanti jikkostitwixxu ksur partikolarment gravi tal-Artikolu 82 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Marzu 1974, *Istituto Chemioterapico Italiano u Commercial Solvents vs Il-Kummissjoni*, 6/73 u 7/73, Ġabra p. 223, punt 51, kif ukoll *AKZO vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 162).

²⁷⁶ B'hekk, skont it-tieni paragrafu tal-punt 1, A, tal-linji gwida, tali aġir ta' esklużjoni tal-kompetituri mis-suq jista', ġustament, jiġi kkwalifikat bħala ksur gravi, jew saħansitra gravi ħafna, meta jitwettaq minn impriża f'sitwazzjoni ta' kważi monopolju.

²⁷⁷ Il-kontribut zġħir tal-ksur allegat mill-appellanti fid-dawl tar-regolamentazzjoni tat-tariffi tagħha mir-RegTP ma jistax ibiddel dawn il-konstatazzjonijiet peress li r-rwol tal-impriża kkonċernata fil-ksur bħala prinċipju mhuiwix element mandatorju, iżda biss element rilevanti fost elementi oħra għall-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza *Dalmine vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 132).

278 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, bħalma osservat il-Qorti Ġenerali fil-punt 311 tas-sentenza appellata, meta jiġi ddeterminat il-livell tal-piena, l-aġir tal-impriża kkonċernata jista' jiġi evalwat fid-dawl ta' ċirkustanza attenwanti kkostitwita mill-qafas legali nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1975, Suiker Unie *et vs* Il-Kummissjoni, 40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, Ġabra p. 1663, punt 620, kif ukoll CIF, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57).

279 B'hekk ukoll il-Qorti Ġenerali ġustament, fil-punti 311 sa 313 tas-sentenza appellata, ikkunsidrat li, fid-dawl tal-marġni ta' manuvra li għandha l-Kummissjoni fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, hija kienet ħadet debitament inkunsiderazzjoni r-rwol limitat tal-appellanti fir-rigward tal-intervent tar-RegTP fl-iffissar tat-tariffi tagħha billi naqqset l-ammont bażiku tal-multa b'10 %.

280 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, billi wettqet it-tali konstatazzjonijiet, fil-punti 310 sa 313 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali mmotivat din is-sentenza suffiċjentement skont il-liġi billi wriet b'mod ċar, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 135 u 136 ta' din is-sentenza, ir-raġunijiet li għalihom il-ksur kien gravi u ma kienx jiġġustifika kwalifika differenti minħabba r-rwol limitat li kellha l-appellanti.

281 B'hekk, l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondata.

ii) Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravju, dwar in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni xierqa tar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet bħala ċirkustanza attenwanti

— L-argumenti tal-partijiet

²⁸² L-appellanti tosserva li, fil-premessa 212 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ħadet biss inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' regolamentazzjoni speċifika għal settur fuq livell nazzjonali iżda mhux tal-portata tar-regolamentazzjoni, jiġifieri, b'mod partikolari, l-eżami u ċ-ċaħda min-naħa tar-RegTP tal-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

²⁸³ L-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma kkritikatx lill-Kummissjoni talli għamlet kunsiderazzjoni żbaljata ta' żewġ ċirkustanzi attenwanti oħra fis-sens tal-punt 3 tal-linji gwida. Fil-fatt, minħabba l-eżami taċ-ċaħda tal-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet antikompetittiva f'serje ta' deċiżjonijiet, hija kienet konvinta bil-legalità tal-aġir tagħha. Barra minn hekk, il-ksur twettaq, l-iktar, b'negliġenza.

²⁸⁴ Il-Kummissjoni tqis li dawn l-ilmenti tal-appellanti għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 285 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanza li r-RegTP ċaħdet l-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment jibbaża ruħu fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata.
- 286 Fil-fatt, fil-punt 312 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat b'mod espliċitu, li, fin-nuqqas ta' allegazzjoni ta' żnaturament, mill-evalwazzjoni esklużiva tagħha tal-fatti jirriżulta li t-tnaqqis fil-multa ta' 10% li ngħata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-prezzijiet bl-imnut għas-servizzi ta' aċċess għall-abbonati u l-prezzijiet bl-ingrossa għas-servizzi intermedjarji ta' aċċess għan-netwerk lokali tal-appellanti huma suġġetti għal regolamentazzjoni settorjali fuq livell nazzjonali huwa relatat kemm mal-intervent tar-RegTP fl-iffissar tal-prezzijiet tal-appellanti kif ukoll maċ-ċirkustanza li din l-awtorità nazzjonali, għal diversi drabi matul il-perijodu inkwistjoni, eżaminat il-kwistjoni tal-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet li tirriżulta mill-prattika tal-prezzijiet tal-appellanti.
- 287 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok biex dan l-ilment tal-appellanti jiġi miċħud bħala infondat.
- 288 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq in-natura negliġenti tal-ksur, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali esponiet, fil-punti 295 sa 298 tas-sentenza appellata, ir-raġunijiet li għalihom l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' negliġenza jew ta' responsabbiltà intenzjonali tal-appellanti għandha tiġi miċħuda. Hekk kif jirriżulta mill-punti 124 sa 137 ta' din is-sentenza, l-eżami tal-ilmenti mqajma mill-appellanti fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel aggravju ta' dan l-appell ma tikkonstata ebda żball ta' liġi jew nuqqas ta' motivazzjoni li jivvizzjaw dawn l-aggravji.

289 Issa, permezz ta' dan l-ilment, l-appellanti ssostni li l-ksur twettaq, l-iktar, b'negliġenza. B'hekk hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma tallega l-iċken każ ta' żnaturament, sabiex tevalwa hija stess il-fatti. Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 53 ta' din is-sentenza, dan l-ilment huwa għaldaqstant inammissibbli fl-istadju ta' dan l-appell.

290 B'hekk, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

iii) Fuq it-tielet parti tat-tielet aggravju, dwar l-għoti ta' multa simbolika

— L-argumenti tal-partijiet

291 L-appellanti tallega li, fil-punt 319 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet kunsiderazzjoni żbaljata tad-dritt ta' trattament ugwali billi ma tathiex, bħal fid-deċiżjoni Deutshe Post, multa simbolika, meta t-tliet kundizzjonijiet imposti għal dan il-għan mill-Kummissjoni f'din id-deċiżjoni ġew ukoll sodisfatti f'dan il-każ.

292 F'dan ir-rigward, l-appellanti tosserva, l-ewwel nett, li l-aġir tagħha kien konformi mal-ġurisprudenza tal-qradi Ġermaniżi peress li r-RegTP ddeċidiet numru ta' drabi matul il-perijodu inkwistjoni li l-allegata pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet mhijiex antikompetittiva. Mhuwiex rilevanti l-fatt li s-sentenza

tal-Oberlandesgericht Düsseldorf, mogħtija fis-16 ta' Jannar 2002, ġiet annullata fl-2004 mill-Bundesgerichtshof billi dan l-annullament jirriżulta mill-possibbiltà ta' eċċezzjoni li mhijiex applikabbli f'dan il-każ u li huwa biss wara l-adozzjoni tas-sentenza minn din tal-aħħar li l-appellanti setgħet tipproċedi abbażi tal-prinċipju ta' responsabbiltà possibbli min-naħa tagħha taħt l-Artikolu 82 KE. It-tieni nett, matul il-perijodu inkwistjoni, ma eżistiet ebda ġurisprudenza applikabbli tal-qradi tal-Unjoni. Il-komunikazzjoni tat-22 ta' Awwissu 1998, imsemmija fil-punt 319 tas-sentenza appellata, ma tistax tiġi kkwalifikata bħala "ġurisprudenza" u ma tgħid xejn fuq il-kwistjoni li f'dan il-każ hija determinanti dwar jekk pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tistax tiġi kkonstatata fil-każ ta' tariffi rregolati. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tikkontradixxi lilha nnifisha peress li, fil-punt 188 tas-sentenza appellata, hija stess tosserva li l-qorti tal-Unjoni għadha ma tatx deċiżjoni espliċita fuq il-metodu li għandu jiġi applikat għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. It-tielet nett, impenn li l-ksur jintemm ma jistax jikkostitwixxi kundizzjoni restrittiva għall-għoti ta' multa simbolika billi, bħal f'dan il-każ, ma hemm ebda diffikultà li jiġi aċċertat l-allegat ksur, billi l-evalwazzjoni tal-aġir biss hija kkontestata.

²⁹³ Il-Kummissjoni ssostni li l-allegazzjoni tal-appellanti mhijiex rilevanti u, sussidjarjament, hija infondata.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

²⁹⁴ Għandu jittfakkar li, skont ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-Kummissjoni applikat, fl-imġhoddi, multi ta' ċertu livell fir-rigward ta' ċerti tipi ta' ksur ma jistax iċaħħadha mill-possibbiltà li tgħolli dan il-livell fil-limiti indikati fir-Regolament Nru 17, jekk dan ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-implementazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. L-applikazzjoni effikaċja tar-regoli tal-

Unjoni dwar il-kompetizzjoni titlob, fil-fatt, li f'kull mument il-Kummissjoni tkun tista' tadatta l-livell tal-multi għall-bżonnijiet ta' din il-politika (sentenza *Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 109).

- ²⁹⁵ Fi kwalunkwe każ, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali uriet fid-dettall, fil-punti 317 sa 320 tas-sentenza appellata, ir-raġunijiet li għalihom is-sitwazzjoni tal-appellanti kellha titqies li hija fundamentalment differenti għal dik tal-impriża li għaliha tirreferi d-deċiżjoni *Deutsche Post*.
- ²⁹⁶ Issa, għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' din l-argumentazzjoni, l-appellanti, essenzjalment, tikkontesta l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali f'dan il-kuntest, billi ssostni li hija tinsab fl-istess sitwazzjoni bħall-impriża msemmija fid-deċiżjoni *Deutsche Post* peress li t-tliet raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tat multa simbolika f'din id-deċiżjoni huma wkoll preżenti f'dan il-każ, madankollu mingħajr ma tallega żnaturament tal-fatti jew mingħajr ma tindika r-raġunijiet li għalihom din l-evalwazzjoni hija vvizzjata bi żball jew numru ta' żbalji ta' liġi.
- ²⁹⁷ Għaldaqstant permezz ta' din l-argumentazzjoni li terġa' ttenni essenzjalment dak li qalet quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti tipprova tikseb eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem l-istess Qorti Ġenerali, li, skont il-ġurisprudenza iċċitata fil-punt 24 ta' din is-sentenza, ma taqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.
- ²⁹⁸ Barra minn hekk, sa fejn l-appellanti tinvoka aggravji kontradiċenti mal-punt 188 tas-sentenza appellata, l-ilment tagħha għandu jiġi miċħud bħala infondat. Fil-fatt, iċ-ċirkustanza, ikkonstatata mill-Qorti Ġenerali f'dan il-punt, li l-Qorti tal-Unjoni

għadha ma esprimietx ruħha b'mod espliċitu dwar il-metodu li għandu jiġi applikat għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet assolutament mhijiex kontraċenti mal-konstatazzjoni, fil-punt 319 ta' din l-istess sentenza, li, min-naħa tagħha, il-Kummissjoni diġà kienet applikat il-prinċipji li jinsabu fid-deċiżjoni kontenzjuża u kienet ħabbret l-applikazzjoni tagħhom għas-settur tat-telekomunikazzjonijiet.

299 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala, parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

c) Konklużjoni fuq it-tielet aggravju

300 Miċ-ċirkustanzi kollha msemmija iktar 'il fuq jirriżulta li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

301 Għaldaqstant hemm lok sabiex dan l-appell jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

302 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell huwa infondata, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 69(2) ta' dawn ir-Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 118 ta' dawn ir-Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha

tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-appellanti tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundata għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni, minn Vodafone u minn Versatel.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-appell huwa miċħud.**

- 2) Deutsche Telekom AG hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem